



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2019
COM(2019) 260 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE 2019

{SWD(2019) 215 final} - {SWD(2019) 216 final} - {SWD(2019) 217 final} -
{SWD(2019) 218 final} - {SWD(2019) 219 final} - {SWD(2019) 220 final}

I. INTRODUZZJONI

F'Novembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **strateġija fuq perjodu medju dwar il-politika għat-tkabbir tal-UE**¹ sabiex jiġi kopert il-mandat ta' din il-Kummissjoni. Din il-Komunikazzjoni tiegħu kont tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-politika tat-tkabbir sa tmiem Frar 2019. Hija tippreżenta l-progress li sar filwaqt li tagħti ħarsa lejn l-isfidi serji li għandhom quddiemhom l-Istati Membri aspiranti.

Il-Balkani tal-Punent

L-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent² tal-Kummissjoni Ewropea ta' Frar 2018 ipprovdiet imbutturata mill-ikbar fil-perkors Ewropew tar-reġjun. Hija kkonfermat mill-ġdid il-futur tal-Balkani tal-Punent bħala parti integrali mill-UE. Hija saħqet li l-prospetti għal adeżjoni mal-UE abbażi tas-soddisfar ta' kriterji sodi u stabbiliti huwa fl-istess interess politiku, ta' sigurtà u ekonomiku tal-Unjoni. Hija kkonfermat il-progress sinifikanti li għamel ir-reġjun kemm fejn jidħlu riformi kif ukoll biex jegħleb il-fdalijiet negattivi tal-gwerra u tal-kunflitt. Iżda sabiex il-pajjiżi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha għall-adeżjoni, inkluż it-tisħiħ tad-demokrazzi tagħhom, huma meħtieġa riformi aktar serji, komprensivi u konvinċenti f'oqsma kruċjali, b'mod notevoli fejn jidħlu l-istat tad-dritt, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, fejn jidħlu riformi ekonomiċi u l-kompetittività, il-kooperazzjoni reġjonali u r-rikonċiljazzjoni. Il-Kummissjoni appellat għal titjib sinifikanti fl-appoġġ politiku, tekniku u finanzjarju tal-UE lejn ir-reġjun, inkluż permezz tas-sitt inizjattivi emblematiċi tal-Istrateġija, sostnuti minn EUR 11,7 biljun ta' ffinanzjar ta' qabel l-adeżjoni għall-perjodu 2014-2020. Sabiex titjeb l-istruttura tal-politika bħala inċentiv, il-Kummissjoni nnutat ukoll li bir-rieda politika meħtieġa, it-twettiq ta' riformi reali u sostnuti, kif ukoll b'soluzzjonijiet definittivi għad-disputi mal-ġirien, dawk li hemm bħalissa fuq quddiem fin-negożjati ta' adeżjoni jistgħu potenzjalment ikunu lesti għall-adeżjoni fi ħdan perspettiva li twassal sas-sena 2025.

Fis-summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, li sar f'Sofia f'Mejju 2018, il-mexxejja tal-UE reġgħu affermaw l-appoġġ inekwivoku tagħhom għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent, u min-naħa tagħhom is-sħab tal-Balkani tal-Punent reġgħu esprimew l-impenn tagħhom lejn din il-perspettiva bħala l-għażla strateġika soda tagħhom. Il-mexxejja tal-UE qablu fuq id-Dikjarazzjoni ta' Sofia u fuq l-Aġenda ta' Prijorità ta' Sofia³, u fisseru miżuri ġodda għall-kooperazzjoni msaħħa mar-reġjun f'oqsma kruċjali bħal ma huma s-sigurtà, l-istat tad-dritt u l-migrazzjoni.

Il-mexxejja tal-UE taw ukoll **sinjali ċari** lill-pajjiżi individwali tal-Balkani tal-Punent is-sena l-oħra. Bħala tveġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2018 għall-ftuħ ta' negozjati tal-adeżjoni mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u mar-Repubblika tal-Albanija, il-Kunsill qabel f'Ġunju li jirrispondi b'mod pożittiv għall-progress li sar u stabbilixxa l-perkors lejn il-ftuħ tan-negożjati għall-adeżjoni għaż-żewġ pajjiżi f'Ġunju 2019. Rigward il-Kosovo^{**}, il-Kummissjoni rrapportat li kienu ntlaħqu l-parametri referenzjarji kollha għall-ivvjaġġar mingħajr viża lejn iż-żona ta' Schengen u li f'Marzu 2019 il-Parlament Ewropew ta l-appoġġ tiegħu fl-ewwel qari għall-proposta tal-Kummissjoni li jkun hemm liberalizzazzjoni tal-viża.

¹ [COM\(2018\) 450 finali](#)

² Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent, [COM\(2018\) 65 finali](#)

³ https://www.consilium.europa.eu/media/34776/sofia-declaration_en.pdf

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo

L-involvement u l-impenn akbar tal-UE lejn ir-reġjun matul is-sena li għaddiet diġà qegħdin iwasslu għal **riżultati** konkreti u sinifikanti. Il-Maċedonja ta' Fuq mhux biss kompliet bl-aġenda ambizzjuża ta' riformi tagħha, iżda wkoll laqgħet ftehim storiku mal-Greċja li solva kwistjoni dwar l-isem li kienet ilha għaddejja 27 sena. Dan, flimkien mal-ftehim bilaterali mal-Bulgarija, huwa eżempju ta' kif jistgħu jissaħħu r-relazzjoni fil-viċinat għar-reġjun kollu, u xhieda tas-setgħa ta' attrazzjoni li għandha l-perspettiva Ewropea. B'mod simili, l-Albanija tinsab għaddejja fuq riformi profondi, b'mod partikolari qiegħda tagħmel transformazzjoni ewlenija tas-sistema ġudizzjarja tagħha, inkluż rievalwazzjoni bla preċedenti tal-imħallfin u tal-prosekuturi.

B'dan il-progress tajjeb li sar, issa huwa l-mument ta' azzjoni konkreta u rapida min-naħa tal-Unjoni. L-UE għandha l-opportunità, kif ukoll interess qawwi għaliha stess, li tistabbilixxi rankatura pożittiva għat-tul madwar ir-reġjun. L-Unjoni trid tonora l-impenn tagħha u tagħti mertu fejn ikun mistħoqq. Jekk il-progress oġġettiv li sar ma jiġix ippremjat, billi jsir il-pass li jmiss fil-perkors Ewropew, dan ikun ta' ħsara għall-kredibbiltà tal-UE madwar ir-reġjun u lil hinn minnu. Reazzjoni kajmana għall-kisbiet storiċi u r-riformi sostanzjali tkun ta' theddida għall-istabbiltà, tiskoraġġixxi b'mod serju r-riformi ulterjuri li huma tant meħtieġa u taffettwa l-ħidma fi kwistjonijiet bilaterali sensitivi bħal ma hu d-djalogu bejn Belgrad u Pristina. Strateġikament, tkun biss ta' għajjnuna biex il-kompetituri ġeopolitiċi tal-UE irabbu l-għeruq fuq l-għatba tal-Ewropa.

Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha ħatfu l-opportunitajiet offruti mill-Istrateġija dwar il-Balkani tal-Punent. L-isforzi ta' xi wħud staġnaw, b'mod partikolari fl-oqsma kruċjali tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Jeżisti r-riskju li l-pajjiżi l-aktar avvanzati fil-proċess ta' adeżjoni jaqgħu lura fl-għanijiet ambizzjużi li ddikjaraw huma stess, jekk ma jżidux il-pass ukoll fi sforzi oħra, partikolarment fejn jidħlu riformi fundamentali. Il-mexxejja politiċi kollha fir-reġjun għandhom jissodisfaw l-aspettattivi ta' riforma li għandhom iċ-ċittadini tagħhom u ma jħallu l-ebda dubju fejn jidħlu l-orjentazzjoni strateġika u l-impenn ta' adeżjoni fl-UE. L-adeżjoni fl-UE hija għażla fundamentali, ibbażata fuq il-valuri fundamentali, li kull pajjiż irid iħaddan b'mod aktar attiv.

B'mod parallel ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni adottat l-Opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għal adeżjoni mal-Unjoni Ewropea. Il-konklużjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Opinjoni huma mfissra fl-anness ta' din il-Komunikazzjoni.

It-Turkija

It-Turkija hija sieħeb ewlieni għall-UE kif ukoll pajjiż kandidat. Id-djalogu u l-kooperazzjoni, inkluż fl-ogħla livell, f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt baqgħu għaddejjin, inkluż permezz ta' kooperazzjoni effettiva fejn tidħol il-migrazzjoni u ta' appoġġ qawwi mill-UE għar-rifuġjati. Madankollu, it-Turkija kompliet titbiegħed lil hinn mill-Unjoni Ewropea, b'passi serji lura fejn jidħlu oqsma bħall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali kif ukoll minħabba dgħjufija akbar fl-ekwilibriju tas-setgħat fis-sistema politika, li mar lura minħabba l-emendi fil-kostituzzjoni. F'Ġunju 2018, il-Kunsill innota b'mod unanimu li n-negozjati ta' adeżjoni mat-Turkija huma għalhekk effettivament wieqfa u ma jistgħu jiġu kkunsidrati l-ebda kapitoli ulterjuri biex jinfetħu jew jingħalqu. Il-fatti sottostanti li wasslu għal din il-konklużjoni għadhom validi.

It-tħaffif tal-**allinjament** mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, inkluż fejn jidħlu miżuri restrittivi, huwa parti importanti mill-proċess tat-tkabbir u element importanti biex jiġi kkonfermat li l-pajjiżi jikkondividu għal kollox il-prinċipji, il-valuri u l-għanijiet li l-Unjoni tara li tippromwovi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu. L-Albanija u l-Montenegro b'mod

konsistenti allineaw ruħhom mal-pożizzjonijiet tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

II. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA TAT-TKABBIR TAL-2015

Sabiex il-kriterji tas-sħubija ta' Copenhagen u ta' Maastricht ikunu jistgħu jintlaħqu hemm bżonn li jitħaffef il-pass fir-riformi fundamentali. L-isforzi f'dawn l-oqsma huma marbuta wieħed mal-ieħor, u jsaħħu lil xulxin, u trid issir ħidma b'aktar qawwa biex jintlaħqu, b'impenn politiku aktar ċar.

a) Il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

Il-funzjonament kif suppost ta' **istituzzjonijiet demokratiċi** għadu joffri sfida kruċjali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Hemm bżonn li r-rwol ċentrali tal-**parlamenti** nazzjonali jiġi integrat fis-sod fil-kultura politika. Id-djalogu kostruttiv bejn il-partiti għad irid irabbi l-għeruq. Il-partiti tal-oppożizzjoni, li wkoll iġorru responsabbiltà sinifikanti fit-tfassil tal-ġejjieni tal-pajjiżi tagħhom, għandu jkollhom il-possibbiltà li jwettqu r-rwol tagħhom bis-sħiħ u li jimpenjaw ruħhom fil-proċess demokratiku. Huwa kruċjali li jittejjeb is-sens ta' responsabbiltà parlamentari, is-sorveljanza tal-eżekuttiv, u l-iskrutinju demokratiku.

Fil-**Balkani tal-Punent, id-djalogu** kostruttiv madwar l-ispettru politiku, b'mod notevoli fi ħdan il-parlamenti, għad irid jiġi stabbilit. Bojkotts kontraproduttivi tal-parlament bħal ma kien hemm fl-Albanija, il-Montenegro u s-Serbja għadhom ta' tħassib. Żiedu l-protesti li fihom iċ-ċittadini jitolbu li jsiru riformi. Jistgħu jintużaw mekkaniżmi ta' medjazzjoni u ta' djalogu, bħal dawk offruti mill-Parlament Ewropew, pereżempju fis-Serbja. Il-gvernijiet hemm bżonn li jaraw li l-oppożizzjoni jkollha l-possibbiltà li twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha fi ħdan l-oqsfa eżistenti. U l-oppożizzjoni hemm bżonn li timpenja ruħha b'mod kostruttiv fil-proċess demokratiku.

It-titjib tal-**funzjoni ta' sorveljanza tal-parlamenti** jirrekjedi sforzi sostanzjali. Fil-Maċedonja ta' Fuq, il-Parlament tejjeb il-kapaċità ta' sorveljanza tiegħu, reġa' stabbilixxa l-ekwilibriju bejn is-setgħat, u naqqas b'mod sostanzjali l-użu ta' **proċeduri parlamentari mħaffa** għal 20% dl-2018. Madankollu, dan il-fenomeno għadu jnissel tħassib fir-reġjun kollu kemm hu. Ir-rata korrispondenti tilħaq l-44% fis-Serbja, fejn il-prattiki parlamentari tal-koalizzjoni fil-gvern wasslet għal deterjorament tad-dibattitu leġiżlattiv u tal-iskrutinju. Fil-Montenegro, il-kumitat temporanju bejn il-partiti dwar riformi ulterjuri tal-leġiżlazzjoni elettorali, u leġiżlazzjoni oħra, għad irid jikseb xi riżultati.

L-elezzjonijiet iridu jkunu ħielsa u ġusti u r-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet tal-osservaturi elettorali għandhom jiġu implimentati kif suppost. Id-dgħjufijiet li ilhom jeżistu jeħtieġ li jiġu indirizzati matul iċ-ċiklu elettorali. Ir-regoli għall-iffinanzjar pubbliku u privat tal-partiti politiċi jinħtieġu riforma sostantiva.

Fit-**Turkija**, is-sistema Presidenzjali l-ġdida, li daħlet fis-seħħ wara l-elezzjonijiet ta' Ġunju 2018, **naqqset il-funzjonijiet leġiżlattivi u ta' sorveljanza tal-Parlament** b'mod sinifikanti. Ma jeżisti l-ebda djalogu parlamentari kostruttiv jew xi ekwilibriju tas-setgħat li jiffunzjona. In-nuqqasijiet li ilhom jeżistu fis-sistema tal-immunità parlamentari ma ġewx indirizzati. Id-deċiżjonijiet mill-Kunsill Suprem tal-Elezzjonijiet biex l-elezzjoni f'Istanbul terġa' ssir, kif ukoll biex tingħata l-kariga ta' sindku ta' muniċipalitajiet individwali fix-xlokk lil kandidati li ġew it-tieni huma sors ta' tħassib serju rigward ir-rispett lejn il-legalità u l-integrità tal-proċess elettorali u tal-indipendenza tal-istituzzjoni mill-pressjoni politika.

b) L-istat tad-dritt u s-sigurtà

L-istat tad-dritt huwa fattur fil-qalba ta' demokrazija li tkun tiffunzjona tajjeb. Huwa jistrieħ fuq elezzjonijiet ġusti u ħielsa, parlament li jkun jiffunzjona tajjeb li jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet ċentrali tiegħu leġiżlattivi u ta' sorveljanza u s-separazzjoni tas-setgħat, filwaqt li jkun hemm sistema ta' ekwilibriju tas-setgħat.

L-istat tad-dritt huwa mnaqqax b'mod sod u ċar fil-proċess tal-adeżjoni mal-UE. Huwa aspekk kruċjali tat-trasformazzjoni demokratika u huwa parametru referenzjarju kruċjali li fuqu jiġi evalwat mill-UE il-progress lejn is-sħubija tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir. Madankollu, il-progress kredibbli f'dan il-qasam għadu jippreżenta sfida sinifikanti. Dawn in-nuqqasijiet spiss ikollhom magħhom nuqqas ta' rieda politika, reżistenza mill-istituzzjonijiet u ambjent dejjem iżjed ostili għas-soċjetà ċivili. Dan jirrifletti ruħu parzjalment fl-eżistenza ta' ċerti elementi ta' **manipulazzjoni mill-Istat**. Bħala konsegwenza, l-istat tad-dritt għadu ma japplikax kif suppost fil-livelli kollha tal-poter. Fit-Turkija ma ttehd u l-ebda passi bħala rimedju għall-passi lura li seħħew fil-qasam tal-istat tad-dritt.

Ġudikatura li tkun taħdem tajjeb u indipendenti, fejn id-deċiżjonijiet jiġu implimentati b'mod effettiv, hija ta' importanza kruċjali għall-istat tad-dritt. L-Albanija għamlet progress importanti lejn ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja tagħha, li qiegħda tipproċedi skont kif kienet skedata. L-istabbiliment tal-korpi ġudizzjarji ġodda għandu l-għan li jiggarrantixxi l-governanza indipendenti tal-ġudikatura. Il-proċess ta' vnettjar wassal għal riżultati viżibbli ulterjuri, b'aktar minn 140 deċiżjoni meħuda kumplessivament, u l-kawżi prijoritarji kollha ġew finalizzati fl-ewwel istanza, li wassal biex 88 imħallef minn dawk evalwati tkeċċa jew telaq b'mod volontarju. Madankollu, madwar ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent, ir-riformi għadhom isofru minn pass kajman ta' tibdil fil-kultura ġudizzjarja. Fis-Serbja, l-emendi kostituzzjonali intiżi biex jallineaw il-kostituzzjoni mal-istandards Ewropej tal-ġudikatura għadhom ma ġew mgħoddija. Il-persjoni politika u t-trasferimenti ta' għadd kbir ta' mħallfin u prosekuturi kontra r-rieda tagħhom baqgħu għaddejjin fit-Turkija, li komplew jimminaw l-indipendenza tal-ġudikatura Torka.

Fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija għadhom jidhru każijiet ta' **korruzzjoni** mifruxa. Il-progress fil-ġlieda b'suċċess kontra l-korruzzjoni fil-livell għoli u dak medju ivarja madwar ir-reġjun. Filwaqt li f'xi pajjiżi, bħal ma hi l-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija, sar progress, l-istorja għadha mhux konvinċenti fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi u għadha 'il bogħod milli tissodisfa r-rekwiżiti ta' adeżjoni. Il-korruzzjoni f'livell għoli, u dik politika, hemm bżonn li tiġi ffaċċjata b'mod aktar ċar u aktar konsistenti. Huma wkoll meħtieġa riżultati tanġibbli kontra l-korruzzjoni biex ikun hemm ambjent stabbli u trasparenti għan-negozju u biex jittaffa t-theddid reali quddiem l-istrutturi demokratiċi. B'mod partikolari, **l-akkwist pubbliku** għadu suxxettibbli għal korruzzjoni mifruxa. Il-mekkaniżmi ta' kontroll madwar il-proċess tal-akkwist pubbliku hemm bżonn li jissaħħaħ u li t-trasparenza tiżdied b'mod sinifikanti permezz ta' miżuri qawwija u ambizzjużi.

Il-kriminalità organizzata għadha kwistjoni ta' serjetà kbira fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija. Hemm rotot importanti ta' kuntrabandu li jgħaddu mit-Turkija kif ukoll mill-Balkani tal-Punent. Hemm networks kriminali qawwija b'interess internazzjonali li joperaw minn u permezz ta' dawn il-pajjiżi. Il-pajjiżi indirizzaw ċerti aspetti ta' dan il-fenomen u kien hemm arresti u qabdiet importanti ta' drogi li seħħew matul l-2018. Ġiet intensifikata l-kooperazzjoni operazzjonali mal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari mal-Albanija, b'riżultati konkreti li jidhru. Madankollu, kollox ma' kollox, **l-istorja fejn jidhru l-kundanni finali** f'kawżi ta' kriminalità organizzata għadha dgħajfa. F'xi pajjiżi f'dawn l-aħħar snin kien hemm biss numru żgħir, jekk kien hemm, ta' kundanni finali għall-kriminalità organizzata jew il-ħasil tal-flus. Tali riżultati f'qar juru li l-proċeduri kriminali huma ineffettivi, jagħtu

sinjali qawwija ta' impunità, u jikkontribwixxu biex jiżdied ir-riskju ta' infiltrazzjoni kriminali fis-sistema politika u dik ekonomika. Hemm bżonn ukoll li l-pajjiżi jżidu b'mod sinifikanti **l-qbid u l-konfiska tal-assi** kemm fil-każ tal-kriminalità organizzata kif ukoll fil-każi ta' korruzzjoni, u li jaffrontaw il-gruppi kriminali b'mod aktar qawwi.

Il-Balkani tal-Punent ħadu passi importanti fl-aħħar snin biex jimmodernizzaw il-qafas legali u istituzzjonali li jolqot **il-ġlieda kontra t-terroriżmu**. Il-kooperazzjoni operattiva mal-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji tal-UE kompliet tittejjeb u tintensifika. Il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent jipparteċipaw b'mod attiv fl-Inizjattiva għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-Balkani tal-Punent (WBCTi). Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għad iridu jżidu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kwistjoni tar-ritorn ta' ġellieda barranin u biex issir prevenzjoni tal-estremiżmu u r-radikalizzazzjoni, inkluż fil-ħabsijiet. Il-kapaċitajiet onlajn ta' monitoraġġ u ta' reazzjoni hemm bżonn li jitjiebu. It-traċċar proattiv tal-flussi finanzjarji għandu jiġi ankrat f'approċċ aktar strateġiku kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Hemm bżonn li t-Turkija tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha ta' kontra t-terroriżmu. Filwaqt li t-Turkija għandha dritt leġittimu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, hija għandha r-responsabbiltà tara li dan isir skont l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-miżuri kontra t-terroriżmu hemm bżonn li jkunu proporzjonali.

Teżisti ħtieġa urġenti li jiġu implimentati r-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt **b'mod aktar qawwi u kredibbli**. Din hija l-aktar l-kundizzjoni importanti għall-Balkani tal-Punent biex jimxu 'il quddiem fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom, inkluż fit-twettiq ta' parametri referenzjarji temporanji fin-negożjati għall-adeżjoni li jolqtu l-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt fil-każ tal-Montenegro u s-Serbja.

Hekk kif jiġu ssodisfati l-parametri referenzjarji temporanji, l-istabiliment ta' parametri referenzjarji konklussivi tkun opportunità għall-UE biex b'mod ċar tistabilixxi r-rekwiżiti li jolqtu l-istat tad-dritt li l-pajjiżi fin-negożjati jkunu jridu finalment jissodisfaw biex ikunu lesti għall-adeżjoni mal-UE f'dan il-qasam kruċjali. Il-Montenegro huwa l-ewwel pajjiż fin-negożjati li jista' jasal għal dan l-istadju, sakemm il-pajjiż jindirizza n-nuqqasijiet fl-oqsma kritiċi tal-libertà tal-medja, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fit-traffikar tal-bnedmin.

In-natura tal-parametri referenzjarji temporanji għall-istat tad-dritt primarjament tiżgura li l-għamla istituzzjonali u leġiżlattiva tal-pajjiż ikkonċernat tkun f'postha u li tkun inkisbet storja pożittiva ta' implimentazzjoni. Hekk kif dan il-qafas ikun f'postu, il-Kummissjoni tressaq proposta ta' parametri konklussivi lill-Istati Membri tal-UE. Dawn il-parametri referenzjarji jkunu l-aktar jiffukaw fuq it-twettiq ta' riżultati tanġibbli u l-istabiliment ta' stejjer pożittivi qawwija, kredibbli u sostenibbli ta' implimentazzjoni.

c) Id-drittijiet fundamentali

Id-drittijiet fundamentali fil-biċċa l-kbira huma mnaqqxa fil-leġiżlazzjoni tal-Balkani tal-Punent. Madankollu hemm bżonn ta' sforzi serji biex jitħaffef il-pass tal-implimentazzjoni. Fit-Turkija kien hemm deterjorament qawwi kontinwu fejn jidħlu drittijiet ċentrali tal-bniedem matul il-perjodu tar-rapport.

It-ħassib dwar l-iżviluppi fil-qasam tal-**libertà tal-espressjoni** u l-indipendenza tal-medja madwar ir-reġjun qiegħed dejjem jiżdied. Is-sitwazzjoni fit-**Turkija** marret lura b'mod serju, fejn tqiegħdu ostakoli konsiderevoli fejn jidħol l-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u fejn aktar minn 160 ġurnalist għadhom il-ħabs, wieħed mill-akbar ammonti fid-dinja.

Madwar **il-Balkani tal-Punent** f'it ġew innutati sforzi. Kollox ma' kollox, l-intimidazzjoni fiżika u verbali kompliet u l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet għadhom qegħdin isiru b'ritmu kajman. L-isforzi biex tiġi influwenzata l-indipendenza tax-xandara tas-servizz pubbliku, l-iffinanzjar mhux trasparenti, sew pubbliku kif ukoll privat, tal-medja kif ukoll is-

suq żbilanċjat fejn jidħol ir-reklamar huma komuni fil-pajjiżi kollha tar-reġjun. L-ambjent ta' negozju tal-medja huwa kkaratterizzat ukoll b'interferenza politika frekwenti u b'sjieda mhux ċara tal-medja, li jimmina s-sostenibbiltà tal-medja indipendenti. L-UE għadha tagħti appoġġ qawwi lill-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, lill-għurnalisti u lil-medja indipendenti ta' kull forma.

L-indirizzar effettiv ta' abbużi tad-**drittijiet tat-tfal** jirrekjedi sforzi akbar madwar il-Balkani tal-Punent u t-Turkija. Il-gvernijiet hemm bżonn ukoll li jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra **l-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi**, u gruppi vulnerabbli oħra. Barra minn dan, huma meħtieġa sforzi akbar biex tiġi garantita **l-ugwaljanza bejn is-sessi** u fil-prevenzjoni u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa. Sar progress fejn jidħlu d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġender u intersex fil-Balkani tal-Punent. Madankollu hemm bżonn ta' sforzi sinifikanti biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni u b'mod partikolari d-diskors ta' mibgħeda u l-vjolenza. **Ir-Roma** għadhom ibatu minn esklużjoni soċjali, minn marġinalizzazzjoni u diskriminazzjoni. Għad hemm bżonn ta' titjib fil-**kundizzjonijiet fil-ħabsijiet**. Fit-Turkija, minkejja t-tneħħija tal-istat ta' emerġenza, il-biċċa l-kbira tal-miżuri li ddaħħlu fi żmien l-istat ta' emerġenza għadhom fis-seħħ, inkluż dawk li jillimitaw **drittijiet proċedurali** ċentrali, bħal ma huma d-drittijiet tad-difiża, u d-dritt li jingħata rimedju effettiv.

d) Ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika

Ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika hija essenzjali għat-titjib tal-governanza fil-livelli kollha. Dan jinkudi l-kwalità u r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni, il-professjonalizzazzjoni tas-servizz ċivili u d-depolitizzazzjoni, il-ġestjoni soda tal-finanzi pubbliċi, u li jiġu ggarantiti servizzi ta' kwalità liċ-ċittadini u n-negozji. Sar progress moderat f'dan il-qasam fil-Balkani tal-Punent. Fit-Turkija kien hemm passi lura serji fil-qasam tas-servizz ċivili, li affettwa wkoll l-ippjanar tal-politika u t-teħid ta' responsabbiltà, bħala riżultat ta' ristrutturazzjoni ewlenija tal-amministrazzjoni pubblika u s-sistema tas-servizz ċivili permezz ta' digriet presidenzjali.

Sar xi progress fit-titjib tal-**ippjanar ta' politika**, iżda għad hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex jiġi ggarantit kontroll qawwi ta' kwalità mill-gvernijiet ċentrali. Il-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-investimenti pubbliċi għadhom spiss ippreparati mingħajr evalwazzjonijiet tal-impatt u konsultazzjonijiet interistituzzjonali u pubbliċi. Hemm bżonn ta' sforzi sinifikanti sabiex jiġi ggarantit **akkwist pubbliku** trasparenti u effettiv. Allinjament malajr mal-*acquis* tal-UE, flimkien ma' sistema effettiva ta' **kontroll intern** pubblika, huma meħtieġa sabiex titnaqqas il-ħela ta' riżorsi, il-frodi u l-korruzzjoni.

Il-professjonalizzazzjoni tas-servizz ċivili għad trid tiġi ggarantita fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, u hemm bżonn li tiġi indirizzata **l-politiċizzazzjoni eċċessiva**. **L-istruttura tal-amministrazzjoni tal-istat** għandha tiggarrantixxi linji effettivi ta' responsabbiltà Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għamliu sforzi biex itejbu **s-servizzi** liċ-ċittadini u lin-negozji, speċjalment fejn jidħlu servizzi bl-internet, iżda hemm bżonn ta' aktar koordinazzjoni bejn id-diversi inizjattivi u r-riforma kumplessiva tal-amministrazzjoni pubblika.

Ir-rwol tal-**awtoritajiet reġjonali u lokali** fil-proċess ta' allinjament mal-UE u l-applikazzjoni eventwali tar-regoli tal-UE hemm bżonn li jittieħdu f'kunsiderazzjoni. Hemm bżonn li jinstab bilanċ xieraq bejn il-gvern ċentrali, dak reġjonali u dak lokali li jkun jagħti l-aqwa appoġġ għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-għoti ta' servizzi liċ-ċittadini.

e) Il-migrazzjoni

Il-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni irregolari kienu sfidi ċentrali kemm għall-UE kif ukoll għall-Balkani tal-Punent u għat-Turkija. Komplet il-kooperazzjoni permezz tal-ħidma

konġunta tul ir-rotot migratorji tal-Mediterran tal-Lvant/il-Balkani tal-Punent. Il-faċilitazzjoni tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin għadhom inisslu tħassib. Il-pajjiżi sħab għandhom jieħdu passi ulterjuri biex jaraw li jkun hemm allineament sħiħ mal-politika tal-UE dwar il-viżi.

Id-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija⁴ ta' Marzu 2016 kompliet tipproduċi riżultati konkreti fit-tnaqqis tal-vjaġġi irregolari u perikolużi u biex jiġu salvati l-ħajjiet fl-Eġew. Il-wasliet irregolari huma 97% anqas milli fil-perjodu ta' meta d-Dikjarazzjoni kienet għadha mhix operattiva, filwaqt li għadd ta' ħajjiet mitlufa fuq il-baħar naqas b'mod sostanzjali. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fit-Turkija intensifikaw l-isforzi tagħhom fil-perjodu ta' rapportar.

It-Turkija kompliet tagħmel sforzi liema bħalhom biex **tospita aktar minn 3,6 biljun refuġjat reġistrat mis-Sirja**, u madwar 370 000 refuġjat minn pajjiżi oħra. L-UE baqgħet tagħti sostenn lill-pajjiż biex jilqa' għal din l-isfida. **Il-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija⁵** b'baġit totali ta' EUR 6 biljun, għadha tindiriza l-ħtiġijiet umanitarji u ta' żvilupp tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti. L-ewwel parti mit-EUR 3 biljun ġiet ikkuntrattata kollha. Ir-riżultati qegħdin jidhru sew, u huma effettivi ħafna: madwar 1,6 miljun refuġjat bħalissa jibbenefikaw minn trasferimenti kull xahar ta' flus kontanti permezz tas-Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza, saru ħames miljun viżta ta' kura tas-saħħa primarja, u l-familji ta' aktar minn 494 000 tifel u tifla li jattendu l-iskola ngħataw għajjnuna finanzjarja. L-implimentazzjoni tat-tieni parti mill-EUR 3 biljun tinsab qiegħda ssir bħalissa. Il-Faċilità għadha sservi ta' mekkaniżmu maġġuri ta' koordinazzjoni li jippermetti l-għoti ta' għajjnuna malajr, effiċjenti u effettiva mill-UE.

Fil-Balkani tal-Punent, il-kontinwazzjoni tal-miżuri ta' reazzjoni kkoordinati mill-UE f'appoġġ lill-isforzi nazzjonali wasslet għal tnaqqis ulterjuri ta' 35% fil-wasliet irregolari fuq din ir-rotta fil-perjodu tar-rapport, u b'hekk kompliet ix-xejra 'l isfel li dehret fl-2017. Madankollu, hemm bżonn li jsir aktar biex il-pajjiżi jiġu mgħammra aħjar biex ikunu jistgħu jiġġestixxu l-migrazzjoni, inkluż sforzi biex jiġu ġestiti aħjar il-fruntieri u biex titnaqqas il-migrazzjoni irregolari. Il-Bożnija-Ħerzegovina sabet quddiemha influż ta' aktar minn 20 000 migranti u refuġjat fl-2018. L-UE għadha tappoġġja lir-reġjun, tibni l-kapaċitajiet tas-sħab fil-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni, fl-istabbiliment tal-proċeduri ta' ažiż, il-mekkaniżmi tar-ritorn u l-iskambju tal-informazzjoni. Tlestew negozjati dwar il-ftehimiet dwar l-istatus ma' ħames pajjiżi tar-reġjun, u permezz ta' dan ikunu jistgħu jiġu skjerati timijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li jkollhom poteri eżekuttivi fiż-żoni fil-fruntiera esterna tal-UE, f'sostenn għall-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntiera. Il-ftehim mal-Albanija daħal fis-seħħ, u ġew skjerati l-ewwel gwardji tal-fruntiera. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent iridu jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' applikazzjonijiet għall-ažiż li ma jkollhomx bażi, minn ċittadini tar-reġjun fl-Istati Membri tal-UE.

f) L-Ekonomija

L-ekonomija tal-Balkani tal-Punent u tat-Turkija għad għandhom quddiemhom **sfidi mill-akbar** li ma jippermettulhomx jieħdu l-vantaġġ sħiħ mill-potenzjal ekonomiku tagħhom. Minkejja xi żieda fil-pass tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u żidiet fid-dħul personali fl-aħħar snin, il-pajjiżi għadhom lura fir-riforma tal-istrutturi ekonomiċi tagħhom u fit-titjib tal-kompetittività. Għad għandom rati ta' qgħad għolja, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh,

⁴ <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/03/18/eu-turkey-statement/>

⁵ [Deċiżjoni tal-Kummissjoni C\(2015\) 9500](#) tal-24.11.2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni – il-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 855 tal-10.2.2016.

nuqqas ta' ħiliet meħtieġa. ekonomija informali persistenti, ambjenti skomdi ta' negozju u livell baxx ta' innovazzjoni.

Fit-**Turkija**, l-ekonomija kompliet **sejra lura** serjament, u dan wassal għal tħassib aktar profund fil-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi marru lura fl-2018, bħala riżultat ta' deterjorament qawwi fil-kundizzjonijiet finanzjarji li kixfu vulnerabbiltajiet makroekonomiċi li kienu ilhom jinġemgħu tul is-snin. **Il-governanza ekonomija kompliet sejra lura** b'aktar interferenza mill-Istat fl-ekonomija. It-Turkija hemm bżonn li taqleb ix-xejra ta' passi lura fir-riformi tas-suq.

Fil-Balkani tal-Punent, il-klima ta' investiment baqgħet fil-biċċa l-kbira l-istess u hija kkaratterizzata minn stat tad-dritt dgħajjef, min nuqqas ta' infurzar biżżejjed ta' kontroll fuq l-għajjnuna mill-Istat, ekonomija griża kkonsolidata, aċċess batut għall-iffinanzjar u minn livell baxx ta' integrazzjoni reġjonali u ta' konnettività. L-indħil mill-Istat fl-ekonomija għadu hemm, u dan iżid ir-riskju tal-korruzzjoni minħabba ġestjoni finanzjarja pubblika dgħajfa u bidliet spissi fl-ambjent regolatorju u fit-taxxi. Jeżisti bżonn qawwi ta' titjib fl-infrastruttura u l-investimenti għandhom jiġu indirizzati permezz ta' riżervi singoli ta' proġetti u jkunu konsistenti mal-prijoritajiet maqbula mal-UE. Id-deċizzjonijiet dwar l-investimenti l-kbar għandhom ikunu bbażati fuq it-trasparenza u d-diliġenza dovuta soda bħal fil-każ tal-proġetti ta' konnettività ffinanzjati permezz tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent.

L-integrazzjoni reġjonali hija fattur kruċjali biex jitjeb l-istandards tal-għajxien fil-Balkani tal-Punent. Il-ħolqien ta' **Żona Ekonomika Reġjonali (ŻER)** toħloq aktar kompetizzjoni u tippermetti li jkun hemm l-ekonomiji ta' skala u żidiet fil-produttività. Suq reġjonali jkun kapaċi jagħti spinta lill-kummerċ fi ħdan ir-reġjun u l-Balkani tal-Punent isiru destinazzjoni aktar attraenti għall-investiment. L-integrazzjoni tas-suq ibbażata fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE tkun ta' għajjnuna biex jinħolqu opportunitajiet għall-iżvilupp ta' katini ġodda ta' valur u biex tiżdied l-attrazzjoni tar-reġjun għal investimenti barranin diretti, inkluż mill-UE. Konnettività mtejbja fit-trasport u l-enerġija taċċellera l-integrazzjoni tar-reġjun fin-netwerks pan-Ewropej, filwaqt li jissaħħu s-swieq tal-enerġija kompetittivi u jiġu żviluppati kuriduri ekonomiċi madwar ir-reġjun. It-Trattat tal-Komunità ta' Trasport, li issa ġie rratifikat mill-partijiet kollha, se jkun ta' appoġġ u se jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar il-konnettività. Il-ħolqien ta' spazju diġitali u ta' swieq tax-xogħol aktar integrati joffru wkoll possibbiltajiet ġodda għaż-żgħażaġħ fir-reġjun.

Ftehim Reġjonali dwar ir-Roaming ġdid, iffirmat f'April 2019, se jġib miegħu benefiċċji sinifikanti liċ-ċittadini u lin-negozji fir-reġjun. Se jwassal għal tnaqqis progressiv tat-tariffi għar-roaming minn Lulju 2019 'il quddiem (tnaqqis fil-prezz għall-konsumatur tat-trasferiment tad-*data* u tas-sejħiet b'25% u tal-SMS b'33%) u għall-eliminazzjoni tat-tariffi għar-roaming minn Lulju 2021. L-abbonati tat-telefonija ċellulari mir-reġjun se jgawdu l-benefiċċji kollha tal-pakkett domestiku tagħhom meta jkunu qegħdin jużaw ir-roaming fil-Balkani tal-Punent, mingħajr l-ebda ħlas żejjed. Il-ftehim iwitti wkoll it-triq għat-tnejn ta' pjan progressiv biex jitnaqqsu l-ispejjeż għar-roaming bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE, kif stabbilit fl-**Aġenda Diġitali** għall-Balkani tal-Punent.

L-UE għadha fil-wisa' l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Balkani tal-Punent, kemm fejn jidħlu l-importazzjonijiet (73,5%) kif ukoll l-esportazzjonijiet (80,6%). Il-kumpaniji tal-UE huma l-akbar investituri fir-reġjun u jipprovdu 73% tal-investiment dirett barrani. Huma għalhekk il-mutur estern ewlieni tat-tkabbir u tal-impjiegi fir-reġjun. Hija ċ-ċavetta biex **tissaħħaħ ir-reżiljenza** fir-reġjun biex jiġi żgurat li kull attività ffinanzjata minn pajjiżi barranin tkun konformi totalment mal-valuri, in-normi u l-istandards tal-UE, b'mod speċjali f'oqsma kruċjali bħall-istat tad-dritt, l-akkwist pubbliku, l-ambjent, l-enerġija, l-infrastruttura u l-kompetizzjoni. **L-attività kummerċjali u ta' investiment taċ-Ċina** fil-Balkani tal-Punent

qiegħda tizzied u tista' fil-prinċipji, toffri opportunitajiet għar-reġjun; madankollu, dawn l-investimenti spiss ħafna jittraskuraw is-sostenibbiltà soċjoekonomika u finanzjarja kif ukoll ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, u jistgħu jwasslu għal livelli għolja ta' dejn u ta' trasferiment tal-kontroll fuq assi u riżorsi strateġiċi. Dan ifisser li l-pajjiżi sħab għandhom jimplimentaw bis-sħiħ fil-kelma u fl-ispirtu l-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-UE u li jipprijoritizzaw ir-riformi fil-kapitoli rilevanti ta' negozjar fil-proċess ta' adeżjoni. L-UE għandha tiggwida dawn ir-riformi b'mod aktar robust, inkluż billi tiegħu dan f'kunsiderazzjoni f'oqsma futur ta' negozjar.

L-UE tappoġġja governanza ekonomika aħjar fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija permezz tal-proċess annwali tal-**Programm ta' Riforma Ekonomika**. Dan il-proċess, li huwa parti integrali tal-preparazzjoni għall-adeżjoni mal-UE, sar għodda kruċjali għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi makroekonomiċi u strutturali mfassla biex tizzied il-kompetittività u biex jiġu xprunati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Huwa jgħin biex jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli għat-tul, kif ukoll biex tissaħħaħ il-konverġenza, jiffaċilita l-formulazzjoni tal-politika u l-progress lejn is-sodisfar ta' kriterji ekonomiċi marbuta mal-adeżjoni. Attenzjoni aktar qawwija fuq iż-żieda fis-sjieda sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tar-riformi identifikati.

L-iżvilupp ekonomiku u ż-żieda fl-impjiegi huma essenzjali anki biex jintlaqgħu l-isfidi demografiċi tal-Balkani tal-Punent, li jbatu minn rata għolja ta' emigrazzjoni u rati tat-twelid baxxi. Mingħajr ekonomiji aktar b'saħħithom u b'mod ġenerali mingħajr governanza demokratika, dawn il-fenomeni se jkomplu, bir-riskji marbuta magħhom ta' telf mifruq ta' fiduċja, speċjalment fost iż-żgħażaġh, kif ukoll telf ta' ħilet.

g) Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin fil-viċinat

Il-politika tat-tkabbir tal-UE hemm b'żonn li tkompli tesporta l-istabbiltà. Għalhekk, l-UE ma tistax, u mhix, se timporta **l-kwistjonijiet bilaterali** u l-instabbiltà li dawn iġibu magħhomu. Jridu jinstabu u jiġu implimentati soluzzjonijiet definittivi u vinkolanti li jikkontribwixxu għall-istabbiltà reġjonali qabel ma pajjiż jaderixxi. Il-ftehim storiku milħuq bejn il-Maċedonja ta' Fuq u l-Greċja solva kwistjoni dwar l-isem li kienet ilha għaddejja 27 sena, u dan kien ta' eżempju fejn tidħol rikonċiljazzjoni għar-reġjun u lil hinn minnu. Madankollu, hemm b'żonn urġenti ta' aktar sforzi qawwija u konvinċenti madwar il-Balkani tal-Punent. Ir-relazzjonijiet bejn Pristina u Belgrad marru għall-agħar, u dan jidher l-aktar bid-deċiżjoni tal-Kosovo li timponi tariffi ta' 100% fuq l-importazzjonijiet mis-Serbja u mill-Bożnja-Herżegovina, bi ksur tas-Ftehim tal-Ewropa Ċentrali dwar l-Kummerċ Ħieles (CEFTA), bħala l-aktar provokazzjoni reċenti f'sensiela sħiħa miż-żewġ naħat. Il-Kosovo jrid jirrevoka din id-deċiżjoni b'urġenza u ż-żewġ naħat għandhom jieqfu milli jieħdu azzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitqiesu bħala ta' provokazzjoni. Hemm b'żonn ta' progress urġenti fid-Djalogu, ffaċilitat mill-UE, lejn in-normalizzazzjoni sħiħa tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, li għandha twassal għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' normalizzazzjoni vinkolanti.

Ir-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, u l-kooperazzjoni reġjonali, huma elementi essenzjali tal-proċessi ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u tat-tkabbir. Is-summit ta' Sofia ġab miegħu impenn imġedded lejn it-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, lejn stabbiltà reġjonali u kooperazzjoni reċiproka. Komplex il-kuntatti regolari kif ukoll id-djalogu tekniku u l-kooperazzjoni fil-livell bilaterali u reġjonali bejn il-gvernijiet. Madankollu, huma meħtieġa sforzi akbar, b'mod partikolari fl-aktar żoni sensitivi. Il-kooperazzjoni reġjonali għandha tittejjeb, speċjalment fejn jidħlu r-reati tal-gwerra, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' rikonċiljazzjoni, bħal m'hu l-istabiliment ta' kummissjoni reġjonali dwar il-verità. Huma meħtieġa wkoll sforzi ulterjuri fil-qasam tal-persuni nieqsa, fejn l-adozzjoni ta' qafas ta' pjan

ta' azzjoni reġjonali hija pass importanti 'il quddiem. Id-dikjarazzjonijiet jew l-azzjonijiet li jħallu impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajba bejn pajjiżi ġirien għandhom jiġu evitati. Fl-UE ma hemmx post għal retorika li ssaħħan l-irjus jew għall-glorifikazzjoni tal-kriminali tal-gwerra, mill-ebda naħa.

Il-kooperazzjoni reġjonali baqgħet għaddejja, bi rwol importanti għall-aġenda tal-konnettività tal-UE, b'mod speċjali permezz tal-pjan ta' azzjoni maqbul għat-twaqqif ta' Żona Ekonomija Reġjonali, l-iżvilupp ta' networks tat-trasport u l-enerġija, l-aġenda diġitali u l-implimentazzjoni ta' proġetti għall-mobbiltà taż-żgħażaġh, appoġġjat permezz tal-Uffiċċju Reġjonali għall-Kooperazzjoni bejn iż-Żgħażaġħ. Il-programm Erasmus+ kompli jrawwem id-djalogu interkulturali fl-edukazzjoni għolja u fost iż-żgħażaġh. Il-Proċess ta' Kooperazzjoni għax-Xlokk Ewropew, kif ukoll inizzjattivi reġjonali oħra, ukoll kienu ta' kontribut biex jitrawmu l-istabbilizzazzjoni u l-kooperazzjoni. Sar xi progress fit-tweġġ ta' proġetti ta' konnettività fil-konkret. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar sforzi sostanzjali biex jiġu ssodisfati l-obbligi pendenti li joħroġu minn ftehimiet u impenji reġjonali u sabiex dawn isiru operattivi, inkluż fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma dwar il-konnettività, maqbula fl-2015. Il-konnettività u l-prijoritajiet ambjentali fir-reġjun se jkunu jirrekjedu b'mod partikolari sinerġiji qawwija mal-Istati Membri tal-madwar, inkluż permezz tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Jonju Adrijatiku. Xejn ma għandu jtellef il-parteċipazzjoni sħiħa u inklużiva tas-sħab kollha mill-Balkani tal-Punent f'inizzjattivi u attivitajiet ta' kooperazzjoni reġjonali. B'mod ġenerali, il-kooperazzjoni reġjonali ma tistax tiġi imposta minn barra, iżda trid tkun pjuttost imbuttata b'mod aktar attiv mill-pajjiżi tar-reġjun, li hemm bżonn li jieħu sjiċda sħiħa tal-isforzi li jagħtu kontribut għall-istabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u opportunitajiet ekonomiċi akbar.

Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni ffirmata waqt il-laqgħa ministerjali ta' Frar 2019 dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, hemm lok biex il-Balkani tal-Punent jidħlu għal **Aġenda Ekoloġika** għar-reġjun biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ambjentali, li jvarjaw mill-immaniġġjar tal-iskart sat-tniġġiż tal-arja għal kwistjonijiet usa' bħal ma hu t-tibdil fil-klima. Dan ma jkunx biss ta' benefiċċju għas-saħħa u l-ġid taċ-ċittadini tagħhom, iżda wkoll jagħmel ir-reġjun attraenti għall-investimenti u t-turiżmu, u jisfrutta l-potenzjal ekonomiku sinifikanti tat-tkabbir ekoloġiku u l-ekonomija ċirkolari.

Huwa important li jinżamm il-progress li sar sa issa fit-**taħdidiet ta' riżoluzzjoni mmexxija min-Nazzjonijiet Uniti dwar Ċipru** u li jkompli t-twejġġiet għal ftehim ġust, komprensiv u vijabbli, inkluż fl-aspetti esterni tiegħu. L-impenn u l-kontribut kontinwu tat-Turkija f'termini konkreti lejn in-negozjati dwar riżoluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli tal-kwistjoni ta' Ċipru fi ħdan il-qafas tan-NU se jkunu ta' importanza liema bħalha. It-Turkija hemm bżonn li b'urġenza twettaq l-obbligu tagħha li timplimenta bis-sħiħ il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, u li tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni tteġġeg lit-Turkija li tevita kull forma ta' theddid, sors ta' tensjoni jew azzjoni li tagħmel ħsara lir-relazzjoni tajbin ta' viċinat u r-riżoluzzjoni paċifika tad-disputi. Il-Kummissjoni tagħmel enfażi fuq id-drittijiet sovrani tal-Istati Membri tal-UE. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, id-dritt li jidħlu fi ftehimiet bilaterali u li jesploraw u jesplojtjaw ir-riżorsi natural skont l-*acquis* tal-UE u l-liġi internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

h) Assistenza finanzjarja ta' qabel l-adeżjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-**Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)**⁶ skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss 2021-2027 tipprevedi approċċ qawwi mmexxi mill-politika, b'**użu aktar strateġiku u dinamiku tal-assistenza**, b'mod li r-rekwiżiti fundamentali għall-adeżjoni jitqiegħdu fil-qalba tal-istrument. B'attenzjoni ulterjuri tal-assistenza finanzjarja tal-UE fuq prijoritajiet kruċjali, l-IPA III propost se jipprova anki aktar ingranaġġ għas-sostenn ta' riformi u li jgħib is-sħab eqreb lejn il-valuri u l-istandards tal-Unjoni. L-IPA III il-ġdid mistenni li jibbilanċja l-prestazzjoni integrata, jinċentivizza dawk fost l-isħab li jagħmlu progress, u b'mod bilanċjat jiżgura li l-isħab kollha jirċievu appoġġ b'shem ġust biex jingħataw assistenza fl-isforzi tagħhom ta' riforma.

Din is-sena jaħbat l-10 anniversarju tal-**Qafas tal-Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF)**. Din il-pjattaform ta' suċċess għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, immexxija mill-Kummissjoni, tiġbor flimkien istituzzjonijiet internazzjonali u nazzjonali ta' finanzjament, kif ukoll lil donaturi bilaterali u l-benefiċjarji. Tul is-snin kien strumentali fit-tnejn u l-iffinanzjar ta' proġetti importanti infrastrutturali fil-Balkani tal-Punent marbuta mal-konnettività, iżda anki fl-ambjent u s-settur soċjali. L-UE kkontribwiet EUR 925 miljun bħala fondi ta' qabel l-adeżjoni, li ġġeneraw sa issa EUR 5,4 biljun ta' self iffirmit u huwa stmat li saru investimenti ta' aktar minn EUR 18-il biljun. F'konformità mal-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent, il-WBIF se jiġi estiż ulterjorment f'termini strateġiċi u finanzjarji.

III. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-proċess ta' adeżjoni tal-UE għadu qiegħed jissawwar fuq kriterji stabbiliti, **kundizzjonalità ġusta u rigoruża**, u fuq il-prinċipju tal-**merti proprji**. L-adeżjoni tal-UE tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' riformi kumplessi f'ambjent li joffri diversi sfidi, objettiv li jista' jintlaħaq biss fuq perjodu ta' żmien twil.

Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq u tal-evalwazzjonijiet fil-ġabriet fil-qosor dwar kull pajjiż fl-anness, il-Kummissjoni qiegħda tressaq il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

I

1. Politika kredibbli tat-tkabbir hija **investiment ġeostrateġiku fil-paċi, l-istabbiltà, is-sigurtà u t-tkabbir ekonomiku**, fl-Ewropa kollha. Hija wkoll parti integrali minn strateġija akbar biex tissaħħaħ l-Unjoni sal-2025. L-UE u s-sħab tagħha li qiegħdin jaspiraw għall-adeżjoni għandhom quddiemhom opportunitajiet komuni iżda wkoll sfidi għall-migrazzjoni, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. It-tnejn tal-pajjiżi kkonċernati li jkunu jistgħu jilqgħu r-rekwiżiti kollha tal-adeżjoni għadha waħda mill-**prijoritajiet politiċi kruċjali tal-UE**.
2. **It-Turkija** tibqa' sieħba kruċjali għall-Unjoni Ewropa f'diversi oqsma ta' interess konġunt. L-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent tal-Kummissjoni ta' Frar 2018 ħolqot enerġija ġdida madwar ir-reġjun u impenn akbar mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Madankollu, l-aċċettazzjoni u t-twettiq mill-pajjiżi li huma involuti f'dan il-mument ta' opportunità storiku ivarjaw. **L-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq** laqgħu l-opportunità u

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) [COM\(2018\) 465 finali](#)

wettqu r-riformi, b'mod partikolari fl-oqsma stabbiliti unanimament mill-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018. **Il-Montenegro** u **s-Serbja** għad iridu jaġixxu b'determinazzjoni akbar u jżidu l-isforzi tagħhom f'oqsma kruċjali. **Il-Bożnja-Herżegovina** għandha quddiemha ħafna sfidi strutturali. L-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-pajjiż għall-adeżjoni mal-UE tipprovdi pjan direzzjonali komprensiv għar-riformi, li jipprovdi enerġija ġdida lill-pajjiż fil-proċess tiegħu ta' integrazzjoni mal-UE. **Il-Kosovo** jeħtieġu jerġa' jiffoka politikament fuq il-mixja tiegħu 'il quddiem fil-perkors Ewropew.

3. Sabiex il-proċess ikun jista' jimxi 'il quddiem, il-kandidati għall-adeżjoni hemm b'zonn li bħala prijorità jiksbu b'mod aktar malajr **riżultati ġenwini u sostenibbli fi kwistjonijiet kruċjali** riflessi fil-prinċipju ta' "dak li hu fundamentali jiġi l-ewwel": l-istat tad-dritt, ir-riforma fil-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, is-sigurtà, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fejn jidħlu l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Hemm ukoll b'zonn urġenti li l-Balkani tal-Punent jagħmlu progress fejn tidħol ir-rikonċiljazzjoni, ir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali, fuq l-eżempju tal-ftehim storiku bejn il-Maċedonja ta' Fuq u l-Greċja.
4. L-UE ilha tappoġġja l-perspettiva Ewropea tar-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent, kif kien ġie irriaffermt is-sena l-oħra. Kif intqal fl-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-Balkani tal-Punent, l-ebda wieħed mill-pajjiżi bħalissa ma jissodisfa l-kriterji tas-sħubija. Sabiex jintlaħaq dan il-għan hemm b'zonn ta' snin ta' xogħol iebes intensifikat u li jinkisbu r-riżultati. Ukoll, l-Unjoni innifisha trid tkun aktar qawwija u soda qabel ma tista' titkabbar⁷. Madankollu, għadu essenzjali li jkun hemm **perspettiva qawwija u kredibbli** għall-pajjiżi kollha biex timbotta 'il quddiem din it-trasformazzjoni, titrawwem ir-rikonċiljazzjoni, tiġi esportata l-istabbiltà lejn ir-reġjun u jiġi promossi l-valuri, in-normi u l-istandards tal-UE. L-UE trid iżżomm mal-impenn tagħha u tirreaġixxi b'mod ċar u pożittiv għar-riżultati oġġettivi miksuba mill-pajjiżi f'relazzjoni mal-kundizzjonijiet stabbiliti. Dan hu investiment strateġiku mhux biss fil-futur tar-reġjun, iżda l-ewwel u qabel kollox fl-interess politiku u ekonomiku tal-UE stess.
5. L-UE għadha l-mutur estern ewlieni għat-tkabbir u l-impjiegi fil-Balkani tal-Punent. Il-konformità totali ta' kwalunkwe attività ekonomika barranija mal-valuri, in-normi u l-istandards tal-UE hija ċ-ċavetta għas-suċċess tar-reġjun, b'mod speċjali f'oqsma bħall-istat tad-dritt, il-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, l-ambjent, l-enerġija u l-infrastruttura. Iż-żieda fl-**attività kummerċjali u ta' investiment taċ-Ċina** fir-reġjun tista' fil-prinċipju toffri opportunitajiet. madankollu, dawn l-investimenti spiss ħafna jinjoraw is-sostenibbiltà soċjoekonomika u finanzjarja. Dan jissottolinea l-importanza li l-pajjiżi sħab jimplimentaw bis-sħiħ l-ispirtu u d-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-UE fl-oqsma msemmija hawn fuq, u li jiġu pprijoritizzati r-riformi rilevanti fil-proċess tal-adeżjoni.

II

⁷ Din hija r-raġuni, f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Unjoni aktar magħquda, b'saħħitha u aktar demokratika, li l-Kummissjoni ressqet għadd ta' inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-qafas demokratiku, istituzzjonali u ta' politika għall-Unjoni tal-2025, abbażi tat-Trattati li jeżistu bħalissa.

6. **It-Turkija** għadha sieħba kruċjali għall-Unjoni Ewropea fl-oqsma ta' interess konġunt, li jvarjaw mill-migrazzjoni u l-ħidma kontra t-terrozzimu għall-enerġija, it-trasport u l-kummerċ. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali ta' Ġunju 2018 ddikjaraw li, fiċ-ċirkostanzi li jeżistu bħalissa, in-negożjati ta' adeżjoni mat-Turkija effettivament huma wieqfa u ma jistgħu jiġu kkunsidrati l-ebda kapitoli ulterjuri biex jinfetħu jew jingħalqu. Il-fatti sottostanti li wasslu għal din il-konklużjoni għadhom validi. L-impenn ripetut tal-gvern Tork lejn l-oġettiv ta' adeżjoni mal-UE ma ġiex sostnut minn miżuri u riformi korrispondenti, u t-tħassib serju tal-UE rigward żviluppi negattivi kontinwi fejn jidħlu l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-ġudikatura ma ġewx indirizzati.

Wara li tneħħa l-istat ta' emerġenza f'Lulju 2018, it-Turkija daħħlet ħafna mill-aktar elementi ripressivi tiegħu fil-leġiżlazzjoni normali. Is-sistema presidenzjali l-ġdida neħħiet ħafna mill-ekwilibriju tas-setgħat li kien jeżisti qabel. Wasslet għal aktar politiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ġudikatura.

Kien hemm parteċipazzjoni qawwija fl-elezzjonijiet presidenzjali u tal-parlament ta' Ġunju 2018, u fl-elezzjonijiet municiċpali ta' Marzu 2019. Il-votanti kellhom għażla ġenwina, minkejja li l-kontestanti b'mod evidenti ma kellhomx il-kundizzjonijiet li jikkompetu fuq bażi ugwali. Il-partit fil-gvern gawda minn vantaġġ notevoli, anki bil-kopertura eċċessiva fil-medja pubblika u dik privata affiljata mal-gvern. Wara l-elezzjonijiet municiċpali, il-Kunsill Suprem tal-Elezzjoni ddikjara erba' sindki eletti, u xi membri tal-kunsilli municiċpali, bħala ineliġibbli li jieħdu l-karigi tagħhom fix-xlokk tat-Turkija, minkejja l-fatt li l-kandidaturi tagħhom kienu tqiesu bħala validi qabel l-elezzjonijiet. Huwa annulla wkoll l-elezzjoni għas-sindku metropolitan ta' Istanbul u stabbilixxa data, it-23 ta' Ġunju, biex din terġa' ssir. Id-deċiżjonijiet mill-Kunsill Suprem tal-Elezzjoni biex jerġa' jagħmel l-elezzjoni f'Istanbul kif ukoll biex jagħti l-kariga ta' sindku ta' municiċpalitajiet individwali fix-xlokk lil kandidati li ġew it-tieni huma sors ta' tħassib serju rigward ir-rispett lejn il-legalità u l-integrità tal-proċess elettorali u tal-indipendenza tal-istituzzjoni mill-perssijoni politika. Dawn imorru kontra l-qalba innifisha tal-proċess elettorali demokratiku - dak li jara li tgħaddi r-rieda tal-poplu.

Kien hemm passi lura serji fl-oqsma tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt li wieħed jieħu sehem f'laqgħat pubbliċi, u li jissieħeb f'għaqdiet. Hemm bżonn li t-Turkija ttejjeb il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali, u tadotta u timplimenta riforma komprensiva u kredibbli tal-ġudikatura biex terġa' tikseb l-indipendenza tagħha.

L-ekonomija Torka kompliet sejra lura, u dan wassal għal tħassib aktar profond fejn jidhul il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż. Quddiem perssjonijiet qawwija kontra l-munita nazzjonali, l-awtoritajiet Torok ħadu firxa ta' azzjonijiet ta' politika li influwenzaw b'mod negattiv il-funzjonament tas-swieq. Ittieħdu miżuri pożittivi biex jittejjeb l-ambjent ta' negożju; madankollu, it-tħassib dwar l-istat tad-dritt kompli jgerrex lill-investituri.

Id-Dikjarazzjoni ta' Marzu 2016 bejn l-UE u t-Turkija baqgħet twassal għar-riżultati, hekk kif iż-żewġ partijiet baqgħu kommessi għall-implimentazzjoni tagħha. Ix-xejra 'l isfel fil-qsim irregolari mit-Turkija lejn l-UE mindu daħlet fis-seħħ id-Dikjarazzjoni kienet sostnuta minn sforzi intensifikati mit-Turkija. It-Turkija sostniet l-isforzi liema bħalihom tagħha biex tipprovdi għajjnuna umanitarja massiva u appoġġ lil aktar minn 3,6 miljun refuġjat reġistrat mis-Sirja, u madwar 370 000 refuġjat minn pajjiżi oħra. It-Turkija u l-UE komplew jibnu fuq il-kooperazzjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, li qiegħda tħalli l-frott. Sa Mejju 2019, minn EUR 6 biljun immobilizzati mill-UE, kienu tnedew aktar minn 80 proġett.

It-Turkija laqgħet l-isforzi mġedda tan-NU li tikkonsulta lil dawk involuti dwar il-possibbiltà li jerġgħu jinbdew in-negozjati fejn jidħol Ċipru. Huwa importanti li jinżamm il-progress li sar sa issa fit-taħdidiet immexxija min-NU dwar riżoluzzjoni fil-kwistjoni ta' Ċipru u li jkomplu t-tnejn għal ftehim ġust, komprensiv u vijabbli, inkluż fl-aspetti esterni tiegħu. L-impenn u l-kontribut kontinwu tat-Turkija lejn dawn in-negozjati se jkun ta' importanza kbira.

Żdiedu t-tensjonijiet fir-reġjun rigward il-prospettivi tal-esplorazzjoni tal-idrokarburi 'il barra mill-kosta ta' Ċipru, minħabba l-azzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tat-Turkija li jikkontestaw id-dritt tar-Repubblika ta' Ċipru li tisfrutta r-riżorsi ta' idrokarburi fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tagħha. F'Mejju 2019 it-Turkija baġtet pjattaforma ta' tħaffir akkumpanjata minn bastimenti militari fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru, u dan kompli żied it-tensjonijiet. Il-Kummissjoni tfakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2018 li tikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet illegali li t-Turkija qiegħda tkompli tagħmel fil-Mediterran tal-Lvant u fil-Baħar Eġew. Tfakkar ukoll fl-obbligu tat-Turkija li ttrispetta l-liġi internazzjonali u r-relazzjoni tajba ta' viċinat u appellat biex it-Turkija ttrispetta d-drittijiet sovrani ta' Ċipru li jesplora u jisfrutta r-riżorsi naturali tiegħu skont il-liġi internazzjonali u dik tal-UE. F'Marzu 2019, l-UE appellat lit-Turkija biex ma tagħmilx tali atti illegali, inkella hija se tirreaġixxi għalihom b'mod xieraq u f'solidarjetà sħiħa ma' Ċipru.

It-Turkija trid tonora b'urġenza l-obbligu tagħha li tara li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa u mhux diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, u li tneħħi l-ostakoli kollha kontra l-moviment ħieles tal-prodotti, inklużi r-restrizzjonijiet fejn jidħlu r-rabtiet diretti ta' trasport ma' Ċipru. Ma sar l-ebda progress fejn tidħol in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru.

Kompliet il-kooperazzjoni operattiva dwar il-migrazzjoni mal-Greċja. Madankollu, it-tensjonijiet fil-Baħar Eġew u fil-Lvant tal-Mediterran imminaw l-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun. Kien hemm vjolazzjonijiet ripetuti u dejjem aktar spissi tal-ilmijiet territorjali u tal-ispazju tal-ajru tal-Greċja u ta' Ċipru mit-Turkija. Ir-relazzjonijiet bilaterali ma' diversi Stati Membri tal-UE, b'mod partikolari mal-Awstrija, il-Ġermanja u n-Netherlands, tjiebu.

7. **Il-Montenegro** fetax żewġ kapitoli addizzjonali fl-2018, biex b'hekk l-għadd totali ta' kapitoli miftuħa issa huma 32, li tlieta minnhom huma magħluqa b'mod proviżorju. Il-prijorità kumplessiva, u l-mument kruċjali li ġej, huwa t-tweqqif tal-parametri referenzjarji temporanji dwar l-istat tad-dritt stabbiliti fil-kapitoli 23 u 24. Wara aktar minn ħames snin ta' ħidma f'dan ir-rigward, il-Montenegro għamel passi kbar 'il quddiem fir-riforma tal-qafas legali u istituzzjonali tiegħu f'dan il-qasam, u kiseb riżultati inizjali fil-biċċa l-kbira tal-oqsma. Hekk kif jiġu ssodisfati l-parametri referenzjarji temporanji, l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji konklussivi tkun opportunità għall-UE biex b'mod ċar tistabbilixxi r-rekwiżiti li jolqtu l-istat tad-dritt li l-Montenegro jkun irid jissodisfa qabel ma jkunu jistgħu jingħalqu l-kapitoli rilevanti. Madankollu, il-Montenegro se jkun jista' jasal għal dan l-istadju fil-proċess tal-adeżjoni hekk kif il-pajjiż jindirizza n-nuqqasijiet b'mod partikolari fl-oqsma kritiċi tal-libertà tal-medja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin. Il-progress fejn jidħlu l-kapitoli li jolqtu l-istat tad-dritt se jibqgħu jkunu l-kejl kumplessiv tal-pass tan-negozjati tal-adeżjoni.

Ix-xena politika tal-Montenegro għadha polarizzata u l-oppożizzjoni fil-biċċa l-kbira kompliet bil-bojkott parlamentari tagħha li kienet bdiet fl-elezzjonijiet li kienu saru fil-ħarifa 2016. L-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u ta' ffinanzjar illegali tal-partiti politiċi kmieni fl-2019 wassal għal protesti paċifiċi miċ-ċittadini. Ir-ritorn tad-dibattitu politiku lejn il-Parlament hija r-responsabbiltà tal-partiti kollha. Il-kumitat parlamentari

temporanju dwar aktar riformi ta' leġiżlazzjoni elettorali u leġiżlazzjoni oħra għad trid titwettaq permezz tad-djalogu bejn il-partiti. Sar progress tajjeb fejn jidħol l-ippjanar tal-politika, ir-reklutaġġ abbażi tal-mertu u r-razzjonalizzazzjoni tal-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-istat, filwaqt li d-depolitiċizzazzjoni tas-servizz pubbliku għadha titqies bħala sfida partikolari, inkuż fil-livell lokali. Il-pajjiż saħħaħ il-qafas legali tiegħu dwar il-migrazzjoni u l-ażil. L-ekonomija tal-Montenegro kompliet tikber b'pass sod. Madankollu, il-livell ta' dejn pubbliku laħaq rekord ġdid. L-iżvilupp fis-settur privat baqa' llimitat minn dgħjufijiet fl-ambjent tan-negozju, u fil-ġudikatura, kif ukoll mill-prevalenza għolja ta' informalità, li tirrifletti kapacià ta' implimentazzjoni batuta f'instituzzjonijiet statali kruċjali responsabbli mill-infurzar tal-istat tad-dritt u l-kompetizzjoni tas-suq.

8. **Is-Serbja** fetħet in-negozjati dwar erba' kapitoli matul il-perjodu tar-rapport, biex l-għadd totali ta' kapitoli miftuħa issa laħaq 16, li tnejn minnhom huma magħluqa b'mod proviżorju. Il-progress dwar l-istat tad-dritt u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo huma essenzjali u se jibqgħu il-kejl li bih jitqies il-pass kumplessiv tan-negozjat għall-adeżjoni. Is-Serbja jeħtiġilha li taçcellera b'mod sinifikanti l-pass tar-riformi tal-istat tad-dritt b'mod partikolari għar-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-libertà tal-medja, l-ipproċessar domestiku tal-atti kriminali tal-gwerra u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jekk trid li żżomm il-bilanċ kumplessiv tan-negozjati tagħha għall-adeżjoni mal-UE.

Ix-xena politika tas-Serbja hija kull ma jmur ikkaratterizzata mill-polarizzazzjoni kif ukoll min spazju dejjem jiekien għall-opinjonijiet politiċi diverġenti. Teżisti hteieġa urġenti li jinħoloq aktar spazju għal dibattitu ġenwin bejn il-partiti sabiex jissawwar kunsens wiesa' pro-Ewropew li huwa vitali biex il-pajjiż jagħmel progress fil-perkors tiegħu lejn l-UE. Diversi partiti tal-oppożizzjoni bdew jibbojkottjaw il-parlament f'Marzu 2019. Il-prattiki parlamentari tal-koalizzjoni fil-gvern wasslu għal deterjormanet fid-dibattitu u l-iskrutinju leġiżlattiv, u imminaw is-sorveljanza parlamentari tal-eżekuttiv. F'Diċembru 2018 bdew isiru protesti ta' kull ġimgħa kontra l-gvern b'reazzjoni għal attakk fuq il-mexxej ta' partit fl-oppożizzjoni. Filwaqt li kumplessivament ma sar l-ebda progress fejn tidħol il-libertà tal-espressjoni, tfasslet strateġija ġdida tal-medja b'mod trasparenti u inklussiv. Issa hemm bżonn li din tiġi adottata u implimentata b'urġenza meta jitqiesu l-isfidi serji f'dan il-qasam. Inkiseb xi progress fil-qasam tal-għoti tas-servizzi liċ-ċittadini iżda hemm bżonn ta' sforzi biex l-amministrazzjoni pubblika ssir aktar professjonali u tiġi depolitiċizzata. Il-ħila tas-Serbja li tattira u żżomm persunal kwalifikat fl-amministrazzjoni li jipproċessa kwistjonijiet konnessi mal-UE hija kruċjali. Il-proċess ta' riforma kostituzzjonali li għaddej ibbażat fuq abbozz imbuttat mill-gvern, li ħareġ f' Ottubru 2018, notevolment għandu l-għan li jsaħħaħ is-salvagwardji għall-indipendenza ġudizzjarja f'konformità mal-istandards Ewropej. Ir-riformi ekonomiċi komplew jagħtu riżultati, speċjalment fejn tidħol l-istabbilizzazzjoni makroekonomika. Il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet baqgħu kajmani u l-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol tjiebet. Madankollu, riformi strutturali maġġuri tal-amministrazzjoni pubblika, l-awtorità tat-taxxa u l-impriżi proprjetà tal-istat avvanzaw biss bil-mod. Is-settur privat għadu mtellef minn dgħjufijiet fejn jidħol l-istat tad-dritt u l-infurzar tal-kompetizzjoni ġusta. Is-Serbja kompliet tikkontribwixxi b'mod sinifikanti fil-ġestjoni tal-flussi migratorji mħallta li jmorru lejn l-UE.

Fejn jidħol id-djalogu ma' Pristina, iffaċilitat mill-UE, kumplessivament, is-Serbja baqgħet impenjata minkejja l-introduzzjoni tat-tariffi doganali mill-Kosovo. Is-Serbja hemm bżonn li tagħmel sforzi sostanzjali ulterjuri u tikkontribwixxi, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha, biex tistabilixxi ambjent li jwassal għall-konklużjoni ta' ftehim komprensiv legalment vinkolanti mal-Kosovo. Tali ftehim huwa

urġenti u kruċjali sabiex is-Serbja u l-Kosovo jkunu jistgħu jimxu 'il quddiem fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom.

9. **Il-Maċedonja ta' Fuq** għamlet passi kbar lejn l-għan strateġiku tagħha ta' integrazzjoni mal-UE u man-NATO. Il-pajjiż ta' prova tad-determinazzjoni tiegħu biex javvanza l-aġenda ta' riforma tal-UE u wasal għal riżultati tanġibbli u sostnuti, inkluż b'mod notevoli rigward il-kundizzjonijiet identifikati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018 għall-ftuħ tan-negozjati għall-adeżjoni. Ir-rieda politika għal passi 'il quddiem ġiet murija b'mod konsistenti mill-gvern u ftit ftit anki mill-oppożizzjoni matul il-perjodu tar-rapport u kien hemm bidla pożittiva fil-mentalità, minkejja l-isfidi politiċi. Is-sostenibbiltà ta' dawn ir-riformi strutturali hija proċess għat-tul u tirrikjedi impenn kontinwu. It-tibdil leġislattiv relevanti f'dawn l-oqsma saru l-aktar b'mod inklussiv u trasparenti, bl-involviment tal-oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili u s-sħab internazzjonali. Inkisbu l-ewwel riżultati konkreti fejn jidħlu t-tisħiħ tal-indipendenza tal-ġudikatura, l-istorja pożittiva ta' investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni finali fil-każijiet ta' korruzzjoni u tal-kriminalità organizzata, inkluż f'livell għoli. Dawn l-isforzi hemm b'zonn li jibqgħu għaddejjin u jkunu trasparenti, sabiex jiġi żgurat li l-fergħa tal-ġudikatura tiffunzjona b'mod professjonali u imparzjali. Il-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni ħadet passi importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod proattiv, bl-involviment ta' uffiċjali ta' livell għoli madwar l-ispettru politiku. Ġew stabbiliti salvagwardji fil-qasam tas-servizzi ta' intelligence u tas-sigurtà, f'kooperazzjoni man-NATO u ma' sħab strateġiċi, biex ma titħallix ripetizzjoni tal-kwistjonijiet serji tal-passat. Saru sforzi biex titjeb il-professjonalità tal-amministrazzjoni pubblika u ttieħdu passi mill-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni dwar allegazzjonijiet ta' ħatriet politiċizzati. Kumplessivament, ġie restawrat ċertu ekwilibriju tas-setgħat, u dan ikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiż. L-elezzjonijiet Presidenzjali li saru fil-21 ta' April u l-5 ta' Mejju 2019 saru b'mod kalm, paċifiku u trasparenti. Il-ftehim storiku li ntlaħaq mal-Greċja għab fi tmiemha kwistjoni li kienet ilha għaddejjin u kien eżempju ta' rikonċiljazzjoni għar-reġjun u għall-Ewropa kollha kemm hi. Il-Kummissjoni hija ħerqana li tara li titkompla l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Ħbiberija mal-Bulgarija. Wara snin ta' staġnar, it-tkabbir ekonomiku kompli fil-livell ta' 2,7% fl-2018 u l-qgħad kompli jonqos, iżda baqa' għoli. Il-gvern adotta riformi fit-taxxa fuq id-dħul u fil-pensjonijiet u ħa miżuri ulterjuri għat-titjeb tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u biex tizzied it-trasparenza. Madanakollu, in-nuqqasijiet fil-ħiliet, l-isfidi strutturali fl-ambjent tan-negozju u l-lakuni fl-investiment fl-infrastruttura ixekklu l-kompetittività u l-integrazzjoni tal-kumpaniji domestiċi fil-katini tal-valur globali.

Fid-dawl tal-progress sinifikanti li nkiseb u tal-fatt li l-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod unanimu mill-Kunsill f'Ġunju 2018 intlaħqu, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill issa jiftaħ in-negozjati għall-adeżjoni mal-Maċedonja ta' Fuq. Sabiex issostni l-momentum ta' riforma li għadu għaddej, il-Kummissjoni beħsiebha tapplika għall-pajjiż approċċ imsaħħaħ fin-negozjar tal-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà.

10. **L-Albanija** kompliet tagħmel progress tajjeb u tat prova tad-determinazzjoni kontinwata tagħha li timxi 'il quddiem fl-aġenda tal-UE tagħha. Hija kisbet riżultati tanġibbli u sostnuti, b'mod notevoli dwar il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018 għall-ftuħ tan-negozjati għall-adeżjoni, f'atmosfera politika konsistentement polarizzata. Il-partiti tal-oppożizzjoni, li l-biċċa l-kbira minnhom ċedew il-mandati parlamentari tagħhom fi Frar 2019, għandhom jerġgħu jidħlu b'mod kostruttiv fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jimpenjaw ruħhom għal kunsens wiesa' Ewropej. L-implimentazzjoni tar-riforma tal-ġustizzja kompliet b'mod konsistenti, u dan wassal biex

sar progress tajjeb kumplessivament, u tqieghu l-pedamenti għal tisħiħ sostanzjali tas-settur u għall-konsolidazzjoni tal-indipendenza, l-imparzjalità, il-professjonalità u r-responsabbiltà. Inkisbu riżultati konkreti fir-rievalwazzjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha (ivvettjar). Ir-ristrutturar istituzzjonali tal-ġudikatura kompli wkoll. Ġew stabbiliti korpi ġodda għall-awtoregolamentazzjoni indipendenti tal-ġudikatura, li xpruna l-formazzjoni sussegwenti ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji u investigattivi speċjalizzati biex jiġġieldu kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni. Komplex isiru sforzi determinati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż fil-ġlieda kontra t-traffikar u l-kultivazzjoni tad-droga, u dan ikkontribwixxa lejn l-istabiliment ta' storja pożittiva soda ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni proattivi. F'dawn l-aħħar snin, l-Albanija uriet b'mod konsistenti impenn qawwi kontra l-produzzjoni u t-traffikar tal-kannabis. Il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, speċjalment fost l-Istati Membri tal-UE intensifikat ukoll, u dan wassal għal għad ta' operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi fuq skala kbira, li kellhom suċċess, u għall-arrest u l-prosekuzzjoni ta' mexxejja ta' networks ta' kriminalità organizzata. L-istabiliment ta' storja pożittiva soda ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni proattivi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, għadha sfida għat-tul li tkompli tirrekjedi sforzi msaħħa u konsistenti mill-Albanija, inkluża l-kooperazzjoni operattiva ma' Stati Membri tal-UE.

Barra minn dan, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kompliet, bl-oġġettivi ġenerali jkunaw daww li jittjiebu l-professjonalità u t-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ għas-servizz ċivili, kif ukoll it-tisħiħ tat-tfassil tal-politika bil-konsolidament ta' strutturi ta' koordinazzjoni tas-setturi, u l-istabiliment tal-qafas regolatorju għall-valutazzjoni tal-impatt. Tkomplew jittieħdu miżuri għat-tisħiħ tal-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ta' persuni li jappartjenu għall-minoranzi kif ukoll għar-Roma, u tkomplew il-politiki kontra d-diskriminazzjoni. It-tkabbir ekonomiku kompli jizjed minn 3,8% fl-2017, għal 4,2% fl-2018 u l-qgħad u d-defiċit fil-baġit naqsu għalkemm baqgħu għolja. In-nuqqas ta' kompetenza produttiva, il-livelli baxxi tal-edukazzjoni u ta' trasferimenti tat-teknoloġija itellfu l-kompetittività u l-integrazzjoni tagħha fil-katini internazzjonali tal-valur.

Fid-dawl tal-progress sinifikanti li nkiseb u tal-fatt li l-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod unanimu mill-Kunsill f'Ġunju 2018 intlaħqu, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill issa jiftaħ in-negozjati għall-adeżjoni mal-Albanija. Sabiex issostni l-momentum ta' riforma li għadu għaddej, il-Kummissjoni beħsiebha tapplika għall-pajjiż approċċ imsaħħaħ fin-negozjar tal-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Jeħtieġ li l-Albanija tkompli ssawwar storja pożittiva qawwija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Huwa neċessarju wkoll kunsens nazzjonali aktar qawwi fejn tidħol il-prijorità ewlenija tal-integrazzjoni tal-UE, li tingħeleb il-polarizzazzjoni li hemm bħalissa u li tkun evidenti rieda politika lil hinn mill-firdiet politiki, sabiex il-progress li sar mill-pajjiż jiġi sostnut u kkonsolidat.

11. Fil-**Kosovo**, jidher ċar li s-sitwazzjoni politika kumplessiva toffri sfidi. Il-progress li sar fejn jidħlu ċerti riformi kruċjali marbuta mal-UE ttappan bid-deċiżjoni tal-gvern li jimponi tariffa ta' 100% fuq importazzjonijiet mis-Serbja u l-Bożnja-Herzegovina, bi ksur tas-CEFTA u kontra l-ispirtu tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA). Il-Kosovo għandu jirrevoka din il-miżura b'urġenza u jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-SAA, fejn hemm bżonn ta' kunsens qawwi bejn il-partiti. Il-Kosovo għandu jimplementa b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni adottata dan l-aħħar fl-oqsma tal-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni pubblika u jlesti l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma Ewropea.

Hemm bżonn ta' sforzi serji biex ma titħalliex issir interferenza politika fir-reklutaġġ ta' uffiċjali anzjani tas-servizz ċivili u hemm bżonn ta' sforzi aktar ikkonċentrati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-ħatriet ta' nies li nstabu ħatja ta' atti kriminali tal-gwerra jew tal-korruzzjoni/il-kriminalità organizzata, f'pożizzjonijiet uffiċjali huma kuntrarji għall-valuri Ewropej. Hemm bżonn li jiġu indirizzati b'mod determinat livelli għolja ta' korruzzjoni u ta' kriminalità organizzata, inkluż fin-naħa ta' fuq tal-Kosovo. Sar xi progress rigward l-ekonomija, bi tkabbir sostnut u xi titjib fl-ambjent tan-negozju. Madankollu, għandhom jiġu adottati miżuri biex jiżiedu l-attività u l-livelli tal-impjiegi, sabiex jiġi żgurat li l-baġit ikun konformi mar-regoli fiskali eżistenti, u biex tiġi miġġielda l-ekonomija informali.

F'Lulju 2018, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Kosovo kien issodisfa l-parametri referenzjarji kollha għal-liberalizzazzjoni approvati mill-Kunsill. F'Marzu 2019, il-Parlament Ewropew appoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal-liberalizzazzjoni tal-viża fl-ewwel qari. Il-proposta għal-liberalizzazzjoni tal-viża tinsab pendent quddiem il-Kunsill u għandha tiġi ttrattata bħala materja ta' urġenza. Il-Kosovo għandu jkompli bl-isforzi tiegħu li jirrispetta l-kriterji kollha, b'mod notevoli fl-oqsma tal-istat tad-dritt u l-migrazzjoni.

Kollox ma' kollox, il-Kosovo baqa' impenjat fid-Djalogu ma' Belgrad, iffaċilitat mill-UE. Il-Kosovo hemm bżonn li jagħmel sforzi sostanzjali ulterjuri u jikkontribwixxi biex jistabbilixxi ambjent li jwassal għall-konklużjoni ta' ftehim komprensiv legalment vinkolanti mas-Serbja. Tali ftehim huwa urġenti u kruċjali sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu jimxu 'il quddiem fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom. Hemm bżonn li l-gvern tal-Kosovo jirrevoka t-tariffi fuq l-importazzjonijiet mis-Serbja u l-Bożnja-Ħerzegovina.

IV. ANNESSI

- 1. Konklużjoni u rakkomandazzjoni tal-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnja-Herżegovina għal adeżjoni mal-Unjoni Ewropea**
- 2. Ġabra fil-qosor tal-konklużjonijiet tar-rapporti**
- 3. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent u l-Aġenda Prijoritarja ta' Sofia: impenn imtejjeb tal-UE**
- 4. Anness statistiku**

ANNEX 1 - Il-konklużjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnja-Herżegovina għal adeżjoni mal-Unjoni Ewropea

Il-Bożnja-Herżegovina għadha ma' tissodisfax b'mod suffiċjenti il-kriterji rigward l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom, kif stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993. F'dan ir-rigward, il-pajjiż hemm bżonn li jiddedika sforzi konsiderevoli biex iwettaq b'mod suffiċjenti tali kriterji bit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tiegħu sabiex jggarantixxi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Il-Bożnja-Herżegovina jeħtieġ li taġġorna l-qafas konstituzzjonali tagħha biex iġġibu konformi mal-istandards Ewropej u tiżgura l-funzjonalità tal-istituzzjonijiet tagħha sabiex tkun tista' tassumi l-obbligi tal-UE. Filwaqt li struttura tal-istat deċentralizzata hija kompatibbli mal-adeżjoni fl-UE, il-Bożnja-Herżegovina se jkun jeħtiġilha tirriforma l-istituzzjonijiet tagħha biex tkun tista' tipparteċipa b'mod effettiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE u sabiex timplimenta bis-siħ u tinforza l-*acquis*.

Il-Bożnja-Herżegovina jeħtiġilha ttejjeb il-qafas elettorali tagħha u l-funzjonament tal-ġudikatura. Hija għandha wkoll issaħħaħ il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus u t-terroriżmu, kif ukoll tiżgura l-funzjonament effettiv tal-ġestjoni tas-sistemi tal-fruntieri, tal-migrazzjoni u tal-ażil. Hija jeħtiġilha żżid il-pass fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha, inkluż billi tara li jkun hemm ambjent li fih is-soċjetà ċivili tkun tista' taħdem u tkun tista' sseħħ ir-rikonċiljazzjoni u l-protezzjoni u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli. Hija għandha bżonn ukoll li tikkompleta l-passi essenzjali fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

Għar-rigward tal-kriterji ekonomiċi, il-Bożnja-Herżegovina laħqet ċertu livell ta' stabbiltà makroekonomika. Madankollu, biex toqrob lejn is-sitwazzjoni ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona, li huwa kriterju stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen tal-1993, il-Bożnja-Herżegovina hemm bżonn li tagħti attenzjoni speċjali lejn iż-żieda fil-ħeffa tal-proċeduri tagħha ta' teħid ta' deċiżjonijiet u t-titjib tal-ambjent ta' negozju, kif ukoll lejn it-titjib tal-effiċjenza u t-trasparenza tas-settur pubbliku, b'mod partikolari fil-każ tal-impriżi pubbliċi. Il-pajjiż għandu jindirizza l-impedimenti għall-funzjonament kif suppost tal-mekkaniżmi tas-suq, bħal ma hu stat tad-dritt dgħajjef, burokrazija sostanzjali, il-korruzzjoni, il-proċeduri amministrattivi twal u kkumplikati żżejjed, kif ukoll il-frammentazzjoni kbira tas-suq intern tal-pajjiż. Sabiex tkun tista' tlaħħaq, fuq perjodu medju, mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni, il-Bożnja-Herżegovina hemm bżonn li tagħti attenzjoni speċjali lejn il-kwalità baxxa tal-edukazzjoni u l-orjentazzjoni insuffiċjenti tagħha lejn il-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, il-kwalità tal-kapital fiżiku, bħal ma hu l-iżvilupp insuffiċjenti tat-trasport u tal-infrastruttura tal-enerġija, u l-aġġustament kajman tal-istruttura ekonomika tal-pajjiż.

L-istorja tal-Bożnja-Herżegovina fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni hemm bżonn li ssir aktar pożittiva, b'mod notevoli fejn jidħol l-istabbiliment tad-dimensjoni parlamentari tal-Ftehim u bl-adozzjoni ta' pjan nazzjonali għall-adozzjoni tal-*acquis* tal-UE.

Kollox ma' kollox il-Bożnja-Herżegovina għadha fi stadju bikri fil-livell ta' tħejjija tagħha biex tassumi l-obbligi ta' adeżjoni mal-UE u hemm bżonn li tħaffef b'mod sinifikanti l-proċess ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE u li timplimenta u tinforza l-leġiżlazzjoni relatata. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-oqsma tal-moviment liberu tal-prodotti, id-dritt tal-istabbiliment u l-libertà tal-ġhoti ta' servizzi, is-soċjetà tal-informazzjoni u l-medja, l-agrikultura u l-iżvilupp rurali, is-sajd, il-politika dwar it-trasport, l-enerġija, il-politika

ekonomika u monetarja, l-istatistika, il-politika soċjali u l-impjegi, il-politika dwar l-impriżi u dik industrijali, il-politika reġjonali u l-koordinament tal-istrumenti strutturali, l-edukazzjoni u l-kultura, il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa, u l-kontroll finanzjarju.

L-adeżjoni tal-Bożnja-Ħerzegovina jkollha impatt kumplessiv limitat fuq il-politiki tal-Unjoni Ewropea, u ma jkollha l-ebda effett fuq il-ħila tal-Unjoni li żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha. Fl-istess ħin, il-kwistjonijiet ta' funzjonalità identifikati fi ħdan il-Bożnja-Ħerzegovina, b'mod notevoli fejn jidħol il-proċess intern tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll l-inċertezza u d-dupplikazzjoni bejn il-livelli varji tal-gvern tal-pajjiż fuq għadd ta' kompetenzi jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fejn jidħlu affarijiet li jkunu jirrikjedu l-unanimità fost l-Istati Membri tal-UE. Il-Bożnja-Ħerzegovina għandha għalhekk tidħol fi proċess li jindirizza l-kwistjonijiet ta' funzjonalità sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-adeżjoni mal-UE u biex tassumi l-obbligi relatati magħha.

Il-Kummissjoni tqis li n-negozjati għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea għandhom jinfetħu mal-Bożnja-Ħerzegovina hekk kif il-pajjiż ikun kiseb il-livell neċessarju ta' konformità mal-kriterji tal-adeżjoni, u b'mod partikolari mal-kriterji politiċi ta' Copenhagen, li jirrikjedu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarrantixxu b'mod notevoli d-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-Bożnja-Ħerzegovina jeħtigilja ttejjeb b'mod fundamentali l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali tagħha biex tiżgura li tkun tista' tissodisfa l-prijoritajiet kruċjali li ġejjin:

Id-demokrazija/il-funzjonalità

1. Tara li l-elezzjonijiet isiru f'konformità mal-istandards Ewropej bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relevanti tal-OSCE/ODIHR u tal-Kummissjoni Venezja, u tara li jkun hemm trasparenza fl-iffinanzjar tal-partiti politiċi, u torganza elezzjonijiet muniċipali f'Mostar.
2. Tara li tistabbilixxi storja pożittiva fejn jidħol il-funzjonament fil-livelli kollha tal-mekkaniżmu ta' koordinament fi affarijiet tal-UE inkluż bl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' programm nazzjonali għall-adozzjoni tal-*acquis* tal-UE.
3. Tara li jkun hemm il-funzjonament kif suppost tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
4. Ittejjeb b'mod fundamentali l-qafas istituzzjonali, inkluż fil-livell kostituzzjonali, sabiex:
 - a) Tara li jkun hemm ċertezza legali rigward id-distribuzzjoni tal-kompetenzi fil-livelli tal-gvern;
 - b) Iddaħħal klawża ta' sostituzzjoni sabiex l-Istat ikun jista', mal-adeżjoni, jeżerċita b'mod temporanju l-kompetenzi ta' livelli oħra tal-gvern, sabiex jippreveni u jirrimedja ksur tal-liġi tal-UE;
 - c) Tiggarrantixxi l-indipendenza tal-ġudikatura, inkluż tal-istituzzjoni tagħha ta' awtogovernanza (HJGC);
 - d) Tirriforma l-Qorti Kostituzzjonali, inkluż billi tindirizza l-kwistjoni tal-imħallfin internazzjonali, u tara li jkun hemm infurzar tad-deċiżjonijiet tagħha;
 - e) Tiggarrantixxi ċ-ċertezza legali, inkluż bl-istabbiliment ta' korp ġudizzjarju fdat bil-garanzija tal-interpretazzjoni konsistenti tal-liġi madwar il-Bożnja-Ħerzegovina;
 - f) Tiggarrantixxi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini, b'mod notevoli billi tindirizza l-ġurisprudenza *Sejdić-Finci* tal-ECtHR;
 - g) Tiggarrantixxi li l-korpi amministrattivi kollha fdati bl-implimentazzjoni tal-*acquis* ikunu bbażati biss fuq il-professjonalità u jiġu eliminati drittijiet ta' veto fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, f'konformità mal-*acquis*.

5. Tieħu passi konkreti biex tmexxi 'il quddiem ambjent li jwassal għar-rikonċiljazzjoni sabiex jingħelbu l-legati tal-gwerra.

L-istat tad-dritt

6. Ittejjeb il-funzjonalità tal-ġudikatura bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida fil-Kunsill Għoli tal-Ġudikatura u tal-Prosekuzzjoni, u tal-Qrati tal-Bożnja-Ħerzegovina f'konformità mal-istandards Ewropej.
7. Issaħħaħ il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus u t-terroriżmu, b'mod notevoli billi:
 - a) tadotta u timplimenta leġiżlazzjoni dwar il-kunflitt tal-interess u għall-protezzjoni tal-whistle-blowers;
 - b) tiggarrantixxi l-funzjonament u l-koordinazzjoni effettivi tal-korpi li jiġġieldu l-korruzzjoni;
 - c) tallinea l-leġiżlazzjoni u ssaħħaħ il-kapaċitajiet fejn jidhru l-akkwist pubbliku;
 - d) tiżgura l-kooperazzjoni effettiva fost il-korpi tal-infurzar tal-liġi u mal-uffiċċji tal-prosekuturi;
 - e) turi progress lejn l-istabbiliment ta' storja pożittiva ta' investigazzjonijiet proattivi, akkużi kkonfermati, prosekuzzjonijiet u kundanni finali kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, inkluż f'livell għoli;
 - f) tiddepoliticizza u tirristruttura l-impriżi pubbliċi u tiggarrantixxi t-trasparenza tal-proċessi ta' privatizzazzjoni.
8. Tiggarrantixxi l-koordinazzjoni effettiva fil-livelli kollha tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-kapaċità tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, kif ukoll tiggarrantixxi l-funzjonament tas-sistema tal-ażil.

Id-drittijiet fundamentali

9. Issaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini kollha, b'mod notevoli billi tiżgura l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.
10. Tiggarrantixxi d-dritt għall-ħajja u l-projbizzjoni tat-tortura, b'mod notevoli billi (a) tabolixxi r-referenza għall-piena tal-mewt fil-Kostituzzjoni tal-entità *Republika Srpska* u (b) tistabbilixxi mekkaniżmu nazzjonali ta' prevenzjoni kontra t-tortura u t-trattament ħażin.
11. Tiggarrantixxi ambjent li fih is-soċjetà ċivili tkun tista' taħdem, b'mod notevoli billi jinżammu l-istandards Ewropej fejn jidhru l-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà li wieħed jissieħeb f'għaqdiet.
12. Tiggarrantixxi l-libertà tal-espressjoni u tal-medja u l-protezzjoni tal-ġurnalisti, b'mod notevoli billi (a) jiġi ggarantit segwitu ġudizzjarju xieraq f'każijiet ta' theddid u vjolenza kontra l-ġurnalisti u l-ħaddiema fil-medja, u billi (b) tiġi ggarantita s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tax-xandir pubbliku.
13. Ittejjeb il-protezzjoni u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari persuni b'diżabbiltà, tfal, persuni LGBTI, membri tal-komunità tar-Roma, nies f'detenzjoni, migranti u dawk li jkunu qegħdin ifittxu ażil, kif ukoll persuni spustjati u refuġjati f'konformità mal-obiettiv ta' għeluq tal-Anness VII tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton.

Ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika

14. Tlesti l-passi essenzjali fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika lejn it-titjib tal-funzjonament kumplessiv tal-amministrazzjoni pubblika billi tiżgura servizz ċivili professjonali u depolitiċizzat kif ukoll approċċ ikkoordinat madwar il-pajjiż kollu għat-tfassil tal-politika.

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Bożnja-Herżegovina, fil-livelli kollha tal-gvern, biex taqbel u timplimenta miżuri ta' riformi soċjoekonomiċi, f'konformità mal-gwida ta' politika fl-ERP

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Bożnja-Herżegovina wkoll biex iżżomm l-impenn tagħha fil-kooperazzjoni reġjonali u li ssahhaq ir-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi ġirien, inkluż billi tidħol fi ftehimiet dwar il-fruntiera u billi tirsisti għal rikonċiljazzjoni dejjiema fil-Balkani tal-Punent.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill biex jiddiskuti din l-Opinjoni u s-segwitu għall-prijoritajiet kruċjali msemmija hawn fuq wara li jkunu ġew iffurmati gvernijiet fil-Bożnja-Herżegovina.

Il-Kummissjoni se żżomm attenzjoni fuq il-progress tal-Bożnja-Herżegovina fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u se tkompli ssostni b'mod finanzjarju lill-pajjiż skont l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni.

Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport dwar il-Bożnja-Herżegovina bħala parti mill-pakkett tat-Tkabbir tal-2020 li se jagħti ħarsa dettaljata lejn l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet kruċjali msemmija hawn fuq fil-kuntest tal-passi li jmiss tal-pajjiż fil-perkors tiegħu lejn l-UE.

ANNEX 2 - Ġabra fil-qosor tal-konklużjonijiet tar-rapporti

It-Turkija

L-istat ta' emerġenza li ġie stabbilit fil-15 ta' Lulju 2016 wara l-attentat tal-kolp ta' stat ġie fi tmiemu fit-18 ta' Lulju 2018, meta skadiet l-aħħar estenzjoni tiegħu, iżda eżatt wara dan il-parlament Tork għadda liġi li żammet ħafna mill-elementi tat-tmexxija ta' emerġenza għal tliet snin oħra. Il-liġi tagħmel limitazzjonijiet fuq ċerti libertajiet fundamentali, u tippermetti b'mod partikolari li uffiċjali ċivili (fosthom imħallfin) jitkeċċew, tirrestrinġi l-libertà ta' moviment u l-libertà li wieħed jissieħeb f'għaqdiet, u testendi l-poteri tal-gvernaturi provinċjali maħtura mill-gvern.

L-UE, li b'mod immedjat u bil-qawwa kkundannat l-attentat ta' kolp ta' stat, saħqet fuq l-appoġġ sħiħ tagħha għall-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż u għarfet il-ħtieġa leġittima tat-Turkija li tiegħu azzjoni malajr u proporzjonata quddiem theddida daqstant serja. Madankollu, l-iskala mifruxa u n-natura kollettiva tal-miżuri li ttieħdu minn wara l-attentat ta' kolp ta' stat taħt l-istat ta' emerġenza, bħat-tkeċċijiet mifruxa, l-arresti u d-detenzjonijiet, komplew iqajmu tħassib serju ħafna.

Matul l-istat ta' emerġenza, ħarġu 36 digriet li jllimitaw ċerti drittijiet ċivili u politiċi, kif ukoll drittijiet ta' difiża, espendew il-poteri tal-pulizija u dawk tal-prosekuturi f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kif ukoll wittew it-triq għat-tkeċċija ta' aktar minn 152 000 uffiċjal tas-servizz ċivili, inklużi akkademiċi, għalliema u uffiċjali pubbliċi.

Il-Qorti Kostituzzjonali qatgħetha li hija ma għandhiex il-mandat li teżamina l-legalità ta' digrieti li jkunu saru bil-poteri legali maħruġa matul l-istat ta' emerġenza. Il-Parlament eżamina 32 minnhom. F'Mejju 2017, l-awtoritajiet tat-Turkija stabbilew Kummissjoni ta' Inkjesta dwar l-Istat tal-Miżuri ta' Emerġenza, li kellha l-kompitu li teżamina l-ilmenti kollha wieħed wieħed.

Sa Mejju 2019 kienu daħlu 126 600 applikazzjoni. Minn dawn, il-Kummissjoni ta' Inkjesta eżaminat 70 406 u 5 250 minnhom biss wasslu għall-għoti mill-ġdid ta' kariga, filwaqt li 65 156 ilment inċaħad. Hemm 55 714 applikazzjoni li għadhom pendenti. Ir-rata tal-iproċessar tal-applikazzjonijiet tqajjem tħassib dwar kemm kull każ qiegħed jiġi eżaminat b'mod individwali. Peress li ma hemmx seduti, jeżisti nuqqas ġenerali ta' garanziji proċedurali għall-applikanti, u d-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi tal-fajls bil-miktub marbuta mat-tkeċċija oriġinali, u dan kollu jixħet dubju dwar kemm il-Kummissjoni ta' Inkjesta hija fil-fatt rimedju ġudizzjarju effettiv.

Mat-tmiem tal-istat ta' emerġenza, it-Turkija irtirat id-derogi tagħha mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u mill-Patt Internazzjonali dwra id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR). Madankollu, il-proċedura sħiħa ta' monitoraġġ li reġgħet fetthet l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa f'April 2017 għadha fis-seħħ.

Lil hinn mill-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar il-Miżuri tal-Istat ta' Emerġenza, il-kapaċità tat-Turkija li tiggarantixxi rimedju legali domestiku effettiv fis-sens tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem baqgħet tiġi mminata. Diversi sentenzi tal-qorti li kienu favorevoli għal ċerti akkużati prominenti, inklużi fejn kienu milquta d-drittijiet tal-bniedem tal-akkużati, inqalbu malajr minn xi qorti oħra, jew saħansitra mill-istess qorti, f'ċerti okkażjonijiet dan seħħ wara kummenti mill-eżekuttiv.

Ħafna akkużati li ntlaqtulhom id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, attivisti tas-soċjetà ċivili, il-medja, akkademiċi, politiċi, tobbja, avukati, imħallfin, kif ukoll persuni lezjbani, omosesswali, bisesswali, transgender u intersex (LGBTI) għadhom jinżammu f'detenzjoni – xi wħud mingħajr akkuża, u qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kampanji ta' tfigħ ta' tajn mill-medja u

minn persuni prominenti fil-politika. L-ispazju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet kompli jonqos, u dan huwa indikat b'mod notevoli bl-introduzzjoni ta' aktar ostakoli amministrattivi. Dawk l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għad-drittijiet li kellhom jagħlqu minħabba l-istat ta' emerġenza ma nġhataw l-ebda rimedju legali fir-rigward tal-konfiski. Sa minn Ottubru 2018, wara l-emenda tar-regoli ta' proċedura tal-Parlament, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma esklużi mill-proċess ta' konsultazzjoni leġiżlattiv fil-kumitati parlamentari. Ma hemmx mekkaniżmi inklussivi għall-konsultazzjoni kemm jista' jkun wiesgħa madwar is-soċjetà.

Ir-rakkomandazzjonijiet kruċjali tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-entitajiet tiegħu għadhom ma ġewx indirizzati mit-Turkija. L-allegazzjonijiet ta' għemil ħażin hemm bżonn li jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u fuq bażi individwali. Ir-responsabbiltà kriminali individwali tista' tiġi stabbilita biss fir-rispett sħiħ għas-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura u d-dritt għal kull individwu li jkollu proċess ġudizzjarju ġust.

Is-sistema presidenzjali l-ġdida iċċentralizzat il-poter f'idejn l-eżekuttiv u naqqset b'mod sinifikanti l-funzjonijiet leġiżlattivi u ta' superviżorji tal-Parlament. Sa minn Lulju 2018, il-Parlament adotta 17-il biċċa ta' leġiżlazzjoni, inkluż bidliet kontroversjali fir-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-ministri ma għadhomx jidhru quddiem il-Membri Parlamentari, li jistgħu isaqsu biss mistoqsijiet bil-miktub.

Il-polarizzazzjoni politika li qiegħda dejjem tikber, speċjalment hekk kif kienu qegħdin joqorbu l-elezzjonijiet muniċipali ta' Marzu 2019, tkompli ttelef il-possibbiltà li jseħħ djalogu parlamentari kostruttiv. Il-marġinalizzazzjoni tal-oppożizzjoni, speċjalment tal-Partit Demokratiku tal-Poplu (HDP) għadha għaddejja, u ħafna membri parlamentari tal-HDP jinsabu f'detenzjoni. In-nuqqasijiet li ilhom jeżistu fis-sistema tal-immunità parlamentari ma ġewx indirizzati.

Kien hemm parteċipazzjoni qawwija fl-elezzjonijiet presidenzjali u tal-parlament ta' Ġunju 2018, u fl-elezzjonijiet muniċipali ta' Marzu 2019. Il-votanti kellhom għażla ġenwina, minkejja li l-kontestanti ma kellhomx il-kundizzjonijiet li jikkompetu fuq bażi ugwali. Il-partit fil-gvern gawda minn vantaġġ notevoli, rifless ukoll f'kopertura eċċessiva mill-medja pubblika u privata affiljata mal-gvern. Wara l-elezzjonijiet muniċipali, il-Kunsill Suprem tal-Elezzjoni ddikjara erba' sindki eletti, u xi membri tal-kunsilli muniċipali, bħala ineliġibbli li jieħdu l-karigi tagħhom fix-xlokk tat-Turkija, minkejja l-fatt li l-kandidaturi tagħhom kienu tqiesu bħala validi qabel l-elezzjonijiet. Huwa annulla wkoll l-elezzjoni għas-sindku ta' Istanbul u stabbilixxa data, it-23 ta' Ġunju, biex din terġa' ssir. Id-deċiżjonijiet mill-Kunsill Suprem tal-Elezzjoni biex jerġa' jagħmel l-elezzjoni f'Istanbul kif ukoll biex jagħti l-kariga ta' sindku ta' muniċipalitajiet individwali fix-xlokk lil kandidati li ġew it-tieni huma sors ta' tħassib serju rigward ir-rispett lejn il-legalità u l-integrità tal-proċess elettorali u tal-indipendenza tal-istituzzjoni mill-persjoni politika. Dawn imorru kontra l-iskop fil-qalba tal-proċess elettorali demokratiku – dak li jara li tgħaddi r-rieda tal-poplu. L-annullament tal-elezzjoni għas-sindku metropolitan ta' Istanbul u ż-żamma tagħha f'data oħra kienu kkontestati bil-qawwa mill-partiti tal-oppożizzjoni.

Id-dħul fis-seħħ sħiħ tas-sistema presidenzjali irrimudellat l-ammistrazzjoni eżekuttiva u statali. Is-sistema presidenzjali, inkluża l-abolizzjoni tal-pożizzjoni ta' Prim Ministru u ta' karigi oħra bħal dawk ta' Sottosegretarji fil-Ministeri wasslet għal politiċizzazzjoni akbar tal-ammistrazzjoni pubblika. Il-President issa għandu l-poter li jinnomina l-kapijiet tal-maġġoranza vasta tal-awtoritajiet regolatorji pubbliċi.

Qabel l-elezzjonijiet muniċipali ta' Marzu 2019, l-arrestu u t-tkeċċijiet kontinwi ta' politiċi lokali, u l-ħatra ta' persuni ta' fiduċja, kif ukoll in-natura arbitrarja ta' dawn il-ħatriet, ċaħħdu

lill-votanti milli jkollhom rappreżentazzjoni politika fil-livell lokali, u kienu ta' riskju serju li ssir ħsara lid-demokrazija.

Il-gvern għamel tibdil kbir fil-qafas legali li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kamp ċivili u l-militar, u żied il-poteri tal-eżekuttiv fuq dawk tal-militar b'mod sinifikanti, biex b'hekk żied il-poter ta' sorveljanza mill-kamp ċivili. Bħala parti mill-emendi kostituzzjonali, il-qradi militari għolja ġew effettivament aboliti, iżda s-servizzi militari u ta' intelliġenza għad ma għandhomx biżżejjed responsabbiltà lejn il-Parlament, u l-persunal involut fis-sigurtà għad għandu protezzjoni legali mifruxa. Il-kummissjoni parlamentari ta' sorveljanza tal-infurzar tal-liġijiet għadha mhix effettiva. Il-qafas legali għas-sorveljanza tan-nefqa militari għadu ma ttejjibx.

Is-sitwazzjoni fix-xlokk għadha ta' sfida, minkejja ambjent imtejjeb fejn tidħol sigurtà. Il-gvern baqa' għaddej bl-operazzjonijiet ta' sigurtà quddiem l-isfond tal-atti vjolenti rikorrenti mill-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (il-PKK) li għadu fuq il-lista tal-UE ta' persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti ta' terroriżmu. Filwaqt li l-gvern għandu dritt leġittimu li jiġġieled it-terroriżmu, huwa wkoll responsabbli biex jara li dan isir skont l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-miżuri kontra t-terroriżmu hemm bżonn li jkunu proporzjonali. Minkejja xi rikostruzzjoni, huma biss ftit il-persuni spustjati internament li rċevew kumpens. Ma kien hemm l-ebda żviluppi viżibbli fit-tkomplija ta' proċess politiku kredibbli biex tinkiseb soluzzjoni paċifika u sostenibbli.

It-Turkija hija mħejjija b'mod moderat fil-qasam tar-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**, u kien hemm passi serji lura fil-qasam tal-ġestjoni tas-servizz pubbliku u tar-riżorsi umani, li affettwaw ukoll l-iżviluppi ta' politika u r-responsabbiltà. It-tibdil fis-sistema tas-servizz ċivili kompli jżid il-politiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni. Il-ħatriet kompetittivi bbażati fuq il-mertu għal pożizzjonijiet għolja ta' maniġment għadhom l-eċċezzjoni. Minħabba ċerti nuqqasijiet proċedurali jqumu dubji dwar sa liema livell il-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar il-Miżuri tal-Istat ta' Emerġenza tista' titqies bħala rimedju effettiv għal uffiċjali pubbliċi mkeċċija.

Is-sistema ġuridika tat-Turkija hija fi stadju bikri ta' preparazzjoni. Kien hemm aktar passi serji lura u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ta' qabel la ġew aċċettati u lanqas implimentati. Baqgħu għaddejjin l-persjoni politika fuq l-imħallfin u l-prosekuturi kif ukoll it-trasferimenti ta' għadd kbir ta' imħallfin u prosekuturi kontra r-rieda tagħhom. Dan għadu qiegħed ikollu impatt negattiv fuq l-indipendenza u l-kwalità u l-effiċjenza kumplessiva tal-ġudikatura. Ir-reklutaġġ fuq skala kbira ta' imħallfin u prosekuturi ġodda taħt is-sistema preżenti huwa ta' tħassib peress li ma tteħdu l-ebda miżuri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kriterji oġġettivi, ibbażati fuq il-mertu, uniformi u prestabbiliti għar-reklutaġġ u l-promozzjoni tagħhom. L-Akkademja tal-Ġustizzja tat-Turkija ġiet ristabbilita b'Digriet Presidenzjali, wara li kienet ingħalqet taħt l-istat ta' emerġenza. L-effett ta' tnissil ta' biża' minħabba t-tkeċċija u t-trasferimenti bil-forza tal-imħallfin u l-prosekuturi għadu qiegħed jidher, u hemm ir-riskju li dan jikkawża awtoċensura mifruxa. Ma tteħdu l-ebda miżuri biex jiġu restawrati garanziji legali sabiex tiġi assicurata l-indipendenza tal-ġudikatura mill-eżekuttiv, jew biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-Kunsill tal-Imħallfin u l-Prosekuturi (CJP). L-istrateġija għar-riforma tal-ġudikatura għall-2019-2023 tħabbret f'Awwissu 2018 iżda għadha ma ġietx adottata. It-Turkija kkonsultat lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' strateġija.

Il-pajjiż huwa fi stadju bikri **fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Kien hemm passi lura peress li l-entitajiet ta' prevenzjoni li kienu żżarmaw ma ġewx sostitwiti minn entità indipendenti, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, li t-Turkija hija parti tagħha. Kemm il-qafas legali kif ukoll istituzzjonali baqa' jippermetti influwenza mhux xierqa mill-eżekuttiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' profil

għoli. L-emendi leġislattivi li kienu previsti fi strateġiji preċedenti ta' kontra l-korruzzjoni ma ġewx implimentati. Il-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku baqgħet inkompatibbli mal-*acquis* tal-UE u l-ambitu tad-derogi għal-liġi tal-prokurament pubbliku kompli jżied. In-nuqqas ta' strateġija robusta kontra l-korruzzjoni, u ta' pjan ta' azzjoni huwa sinjal ta' nuqqas ta' rieda politika li ssir għieda deċiżiva kontra l-korruzzjoni. Ma jeżisti l-ebda korp permanenti, indipendenti fil-funzjonijiet tiegħu, ta' kontra l-korruzzjoni, u ma hemm l-ebda servizz speċjalizzat ta' prosekuzzjoni li jmexxi l-investigazzjonijiet kontra l-korruzzjoni u hemm biss ftit qrati speċjalizzati. Kollox ma' kollox, il-korruzzjoni hija mifruxa u għadha kwistjoni li tqajjem tħassib.

It-Turkija laħqet ċertu livell ta' thejġija fil-**għieda kontra l-kriminalità organizzata** iżda kollox ma' kollox il-progress huwa limitat. Il-pajjiż għandu bżonn itejjeb il-leġislazzjoni tiegħu fejn tidħol iċ-ċiberkriminalità, il-konfiska tal-assi u l-protezzjonijiet tax-xhieda. Il-protezzjoni tad-*data* fit-Turkija għadha mhix konformi mal-istandards Ewropej u jkollha bżonn tiġi riveduta sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni tal-ftehim operattiv mal-Europol li bħalissa qiegħed jiġi negoziat. It-Turkija jeħtiġilha tiżviluppa u timplimenta qafas legali aktar komprensiv u koerenti għall-konfiska tal-proċedimenti mill-kriminalità u ttejjeb il-kapaċità tagħha li tiġġestixxi l-assi ffriżati.

It-Turkija għamlet progress tajjeb fil-qasam tal-**politika tal-migrazzjoni u tal-ażil**, u baqgħet impenjata għall-implimentazzjoni effettiva tal-dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija ta' Marzu 2016. Ix-xejra 'l isfel fil-qsim irregolari mit-Turkija lejn il-gżejjer tal-Eġew mindu daħlet fis-seħħ id-Dikjarazzjoni kienet sostnuta minn sforzi intensifikati mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tat-Turkija. It-Turkija sostniet l-isforzi tagħha liema bħalihom biex tingħata għajjnuna umanitarja massiva u bla preċedenti u fl-appoġġ lil aktar minn 3,6 miljun refuġjat reġistrat mis-Sirja, u madwar 370 000 rifuġjat reġistrat minn pajjiżi oħra, biex b'hekk qiegħda tilqa' l-akbar komunità ta' refuġjati fid-dinja. It-Turkija stabbiliet seba' gruppi ta' ħidma biex issir ħidma teknika fuq il-parametri referenzjarji pendenti tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Madankollu, ma sar l-ebda progress fl-armonizzazzjoni tal-politika Torka dwar il-viża mal-politika komuni dwar il-viża tal-UE.

Għad hemm sitwazzjoni retrograda serja fejn jidħlu **d-drittijiet umani u fundamentali**. Filwaqt li l-qafas legali jinkludi garanziji ġenerali għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali, għad irid jinġieb konformi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECtHR). Kien hemm passi lura serji fl-oqsma tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt li wieħed jieħu sehem f'laqgħat pubbliċi, u li jissieħeb f'għaqdiet, kif ukoll fid-drittijiet proċedurali u ta' proprjetà. Il-leġislazzjoni li ddaħħlet immedjatament wara li tneħħa l-istat ta' emerġenza, li biha tneħħew ċerti salvagwardji kruċjali ta' protezzjoni mill-abbużi ta' attivisti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, akkademiċi u oħrajn, baqgħet bla mittiefsa. L-infurzar tad-drittijiet jittellef bil-frammentazzjoni u l-indipendenza limitata tal-istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet kif ukoll min-nuqqas ta' ġudikatura indipendenti. Id-drittijiet tat-tradjunjins għadhom taħt pressjoni severa. Ma tteħdu l-ebda passi biex issir investigazzjoni, prosekuzzjoni jew jiġu kkastigati dawk involuti fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem matul l-istat ta' emerġenza. Kien hemm klima ta' intimidazzjoni tinħass madwar is-soċjetà hekk kif l-istat ta' emerġenza ntuża biex jiċċekken l-ispazju għad-dissens jew għal opinjonijiet alternattivi. F'Diċembru 2018, l-għadd totali ta' persuni l-ħabs mingħajr akkuża jew li qegħdin jistennew il-ġuri huwa ta' 57 000, li jiġi aktar minn 20% tal-popolazzjoni tal-ħabsijiet. Jeżisti iffullar u l-kundizzjonijiet sejrini għall-aġar. Komplex isiru restrizzjonijiet kbar fuq il-libertà tal-espressjoni, u x-xejra lejn il-prosekuzzjoni ta' kittieba, utenti tal-medja soċjali u membri oħra tal-pubbliku, anki tfal, għax jinsultaw lill-President, tqawwiet b'mod drammatiku. In-nuqqas

ta' trasparenza fejn tidħol is-sjieda tal-medja komplet tixħet dubji fuq l-indipendenza tal-kummenti editorjali. Ir-Roma⁸ għadhom jgħixu f'akkomodazzjoni fqira ħafna, spiss mingħajr servizzi pubbliċi bażiċi u jkollhom jiddependi fuq il-benefiċċji soċjali. Il-proġetti ta' tiġdid urban għadhom jaffettwaw primarjament il-postijiet fejn joqogħdu, b'mod li familji sħaħ ikollhom iwarrbu. Id-drittijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli u ta' persuni li jappartjenu għall-minoranzi għandhom bżonn ta' protezzjoni aħjar. Il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, id-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibgħeda kontra l-minoranzi, il-kriminalità kawża ta' mibgħeda u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBTI għadhom inisslu tħassib serju.

It-Turkija laqgħet l-isforzi mġedda tan-NU li tikkonsulta lil dawk involuti dwar il-possibbiltà li jergħu jinbdew in-negozjati fejn jidħol Ċipru. Żdiedu t-tensjonijiet fir-reġjun rigward il-prospettivi tal-esplorazzjoni tal-idrokarburi 'il barra mill-kosta ta' Ċipru, minħabba l-azzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tat-Turkija li jikkontestaw id-dritt tar-Repubblika ta' Ċipru li tisfrutta r-riżorsi ta' idrokarburi fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Ċipru. F'Mejju 2019 it-Turkija bagħtet pjattaforma ta' tħaffir akkumpanjata minn bastimenti militari fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru, u dan kompli żied it-tensjonijiet. Il-Kummissjoni tfakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2018 li tikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet illegali li t-Turkija qiegħda tkompli tagħmel fil-Mediterran tal-Lvant u fil-Baħar Eġew. Hija tfakkar ukoll fl-obbligu tat-Turkija li tirrispetta l-liġi internazzjonali u r-relazzjoni tajba ta' viċinat u appellat biex it-Turkija tirrispetta d-drittijiet sovrani ta' Ċipru li jesplora u jisfrutta r-riżorsi naturali tiegħu skont il-liġi internazzjonali u dik tal-UE. F'Marzu 2019, l-UE appellat lit-Turkija biex ma tagħmilx tali atti illegali, inkellha hija se tirreaġixxi għalihom b'mod xieraq u f'solidarjetà sħiħa ma' Ċipru.

Darba wara l-oħra, l-UE saħqet fuq id-drittijiet sovrani tal-Istati Membri tal-UE, li jinkludu d-dritt li jidħlu fi ftehimiet bilaterali u li jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom skont l-*acquis* tal-UE u l-liġi internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar. It-Turkija għadha ma wettqitx l-obbligu tagħha li tara li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa u mhux diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, u ma neħħietx l-ostakoli kollha kontra l-moviment ħieles tal-prodotti, inklużi r-restrizzjonijiet fejn jidħlu r-rabtiet diretti ta' trasport ma' Ċipru. Ma sar l-ebda progress fejn tidħol in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru.

Il-kooperazzjoni operattiva mal-Greċja fejn tidħol il-migrazzjoni komplet. Madankollu, it-tensjonijiet fil-Baħar Eġew u fil-Lvant tal-Mediterran ma humiex ta' għajjnuna għal relazzjoni tajba bejn il-ġirien u jimminaw l-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun. Ir-relazzjonijiet bilaterali ma' diversi Stati Membri individwali tal-UE, b'mod partikolari mal-Awstrija, il-Ġermanja u n-Netherlands, tjiebu. In-Netherlands u t-Turkija n-normalizzaw ir-relazzjonijiet bejniethom. Kien hemm vjolazzjonijiet ripetuti u dejjem aktar spissi tal-ilmijiet territorjali u tal-isparju tal-ajru tal-Greċja u ta' Ċipru mit-Turkija. Sors ieħor ta' tħassib serju kienet id-detenzjoni għal sitt xhur ta' żewġ suldati Griegi li kienu qegħdin jagħmlu ronda fil-fruntiera fuq l-art, iżda r-relazzjonijiet tjiebu b'mod sinifikanti hekk kif dawn inħelsu f'Awwissu 2018 u wara ż-żjara tal-Prim Ministru Grieg fit-Turkija fi Frar.

F'dan il-kuntest, l-UE esprimiet għal darb'oħra tħassib serju u appellat lit-Turkija biex tevita kwalunkwe forma ta' theddida jew ta' azzjoni diretta kontra xi Stat Membri, jew kwalunkwe sors ta' tensjoni jew azzjoni li tagħmel ħsara lir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, u tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kwistjonijiet.

⁸ F'konformità mat-terminoloġija tal-istituzzjonijiet Ewropej, it-terminu ġenerali "Roma" qiegħed jintuża hawnhekk biex jirreferi għal għadd ta' gruppi differenti, mingħajr ma tiġi miċħuda xi karatteristika speċifika ta' dawn il-gruppi.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, baqgħu isiru passi lura fl-ekonomija Torca, u dan wassal għal tħassib aktar profund fejn jidħlu il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż. Fl-2018, kien hemm deterjorament qawwi fil-kundizzjonijiet ta' finanzjament estern li espona l-vulnerabbiltajiet li nġemgħu matul is-snin. Bħala reazzjoni, l-awtoritajiet Torok ħadu firxa ta' azzjonijiet ta' politika li influwenzaw b'mod negattiv il-funzjonament tas-swieq, u aktar importanti, billi ndaħlu fit-tiswir tal-prezz u daħħlu limitazzjonijiet fl-użu liberu tal-iskambju tal-valuta. Komplex isiru aktar profondi l-preokkupazzjonijiet li jolqtu l-indipendenza ta' istituzzjonijiet ekonomiċi kruċjali. Id-defiċit tal-kont kurrenti laħaq quċċata fl-ewwel nofs tal-2018 qabel ma daħlet korrezzjoni qawwija bħala riżultat ta' ekonomija mdgħajfa u l-waqa' fil-valur tal-lira. Ir-rata tal-inflazzjoni qabżet 'il fuq ħafna aktar mill-ogħla parti tal-firxa fil-mira wara l-kriżi tal-valuta u s-snin ta' tkabbir qawwi fil-krediti, tkabbir qawwi fil-flus u rati tal-imgħax baxxi. Ma sar l-ebda progress fit-titjib tat-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat.

It-Turkija għamlet progress u għandha livell tajjeb ta' thejjiya biex tkun tista' tlaħħaq mal-pressjonijiet ta' kompetittività u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-UE. It-Turkija hija integrata tajjeb mas-suq tal-UE fejn jidħlu kemm il-kummerċ kif ukoll l-investiment. Sar titjib fis-settur tal-enerġija, kif ukoll saru xi avvanzji fl-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni u l-kapital fiżiku. Madankollu, hemm problemi persistenti bil-kwalità tal-edukazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Fejn tidħlu **l-abbiltà tagħha li tassumi l-obbligi tal-adeżjoni**, it-Turkija kompliet tallija ruħha mal-*acquis*, anki jekk b'pass kajman. Kien hemm aktar istanzi ta' passi lura fejn jidħlu għadd ta' aspetti kruċjali fl-oqsma tal-moviment liberu tal-kapital, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, is-soċjetà tal-informazzjoni, il-politika ekonomika u monetarja, u r-relazzjonijiet esterni. It-Turkija hija avvanzata sew fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, in-netwerks trans-Ewropej u x-xjenza u r-riċerka u hija kisbet livell tajjeb ta' thejjiya fl-oqsma tal-moviment liberu tal-prodotti, il-liġi dwar il-proprjetà intellettwali, is-servizzi finanzjarji, l-impriża u l-politika industrijali, il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa, l-unjoni doganali u l-kontroll finanzjarju. It-Turkija hija moderatament imħejjija fejn jidħlu l-akkwist pubbliku hekk kif għad hemm lakuni sinifikanti fl-allinjament tagħha. It-Turkija hija wkoll moderatament imħejjija fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital, l-istatistika, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-unjoni ekonomika u monetarja, il-politika reġjonali, l-edukazzjoni u l-kultura, il-PESK u l-politika dwar it-trasport fejn hemm bżonn ta' sforsi sinifikanti ulterjuri kullimkien. It-Turkija laħqet xi livell ta' thejjiya fejn jidħlu l-kompetizzjoni, l-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, il-politika soċjali u l-impjiegi, l-ambjent u t-tibdil fil-klima fejn għad iridu jiġu stabbiliti u implimentati politiki ta' koordinazzjoni aħjar. Fl-oqsma kollha, hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni lejn it-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni filwaqt li f'ħafna oqsma hemm bżonn ta' progress sinifikanti ulterjuri biex jinkiseb l-allinjament leġiżlattiv mal-*acquis* tal-UE, tissaħħaħ l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji u jissawru l-kapaċitajiet amministrattivi.

Il-Montenegro

Fejn jidħlu **l-kriterji politiċi**, il-perjodu ta' rappurtar baqa' kkaratterizzat minn livell baxx ta' fiduċja fil-qafas elettorali, ħaġa li hemm bżonn li tiġi kkoreġuta b'mod komprensiv u inklussiv. Għal dan il-għan, fil-ħarifa tal-2018 ġie stabbilit kumitat parlamentari temporanju dwar ir-riforma tal-leġiżlazzjoni elettorali u leġiżlazzjoni oħra, fost affarijiet oħra. Madankollu ir-riżultati tal-mandat ambizzjuż tiegħu għad iridu jinkisbu. Matul il-perjodu tar-rapport saru l-elezzjonijiet presidenzjali u lokali fi 11-il muniċipalità u f'muniċipalità urbana waħda. L-elezzjonijiet lokali komplew isiru fuq bażi kontinwa, b'mod li l-osservazzjoni internazzjonali tagħhom hija diffiċli, u dan iwassal biex ikun hemm ħafna okkażjonijiet meta jsiru allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet li ma jkunux jistgħu jiġu evalwati b'mod indipendenti.

Ix-xena politika għadha fframmentata, polarizzata u kkaratterizzata minn nuqqas ta' djalogu politiku ġenwin. Sar progress limitat fejn jidħol l-istabbiliment mill-ġdid tad-djalogu politiku fil-Parlament matul l-2018, bir-ritorn temporanju u parzjali tal-biċċa l-kbira tal-partiti tal-oppożizzjoni lejn il-Parlament, u l-istabbiliment tal-kumitat parlamentari temporanju. Madankollu, wara d-detenzjoni ta' Membru tal-Parlament wieħed tal-oppożizzjoni tard fl-2018, u l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u ffinanzjar illegali tal-partiti politiċi ("il-kwistjoni tal-invilopp") kmieni fl-2019, l-oppożizzjoni fil-biċċa l-kbira reġgħet bdiet tibbojkottja lill-Parlament. Dawn l-allegazzjonijiet xprunaw ukoll il-mobilizzazzjoni taċ-ċittadini permezz ta' protesti regolari fit-toroq, kien hemm tentattivi ta' djalogu politiku kif ukoll l-oppożizzjoni talbet għall-formazzjoni ta' gvern tekniku.

Ir-ritorn tad-dibattitu politiku lejn il-Parlament hija r-responsabbiltà tal-atturi politiċi kollha. Il-parteċipazzjoni attiva u kostruttiva mill-partiti kollha hija meħtieġa biex titjeb ir-responsabbiltà parlamentari, ikun hemm sorveljanza tal-eżekuttiv, skrutinju demokratiku u kwalità aħjar tal-leġislazzjoni. Ma kien hemm l-ebda żviluppi fis-segwitu politiku u ġudizzjarju tal-allegat abbuż minn fondi pubbliċi għal skopijiet ta' ffinanzjar ta' partiti politiċi fl-2012. Għar-rigward tal-allegazzjonijiet riċenti, il-prosekuzzjoni fetħet l-investigazzjonijiet għar-rigward ta' xi wħud mill-allegazzjonijiet, u l-Aġenzija kontra l-korruzzjoni immultat lill-partit politiku li nkixef li rċieva donazzjoni illegali ta' flus kontanti. Dawn l-allegazzjonijiet jirrekjedu reazzjoni istituzzjonali kredibbli, indipendenti u effettiva.

Għar-rigward tal-governanza, jeżisti l-bżonn li tissaħħaħ it-trasparenza, il-parteċipazzjoni ta' dawk interessati, u tal-kapaċità tal-gvern li jimplementa r-riformi. Qafas legali u metodoloġija ġodda dwar l-ippjanar strateġiku għandhom iwasslu għal ippjanar strateġiku ta' kwalità aħjar, monitoraġġ u eżekuzzjoni aħjar. L-ambjent legali, istituzzjonali u finanzjarju li joperaw fih l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod kumplessiv tjieb. Madankollu, l-inklużjoni ġenwina tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-tfassil tal-politika għad trid tiġi ggarantita fil-prattika.

Il-Montenegro huwa imħejji f'livell moderat fejn tidħol ir-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika** tiegħu. Kumplessivament sar xi progress. Sar progress tajjeb b'mod partikolari fejn jidħol il-qafas ta' ppjanar ta' politika fuq perjodu medju, fuq ir-reklutaġġ abbażi tal-mertu, u r-razzjonalizzazzjoni tal-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-istat. Madankollu, għad hemm bżonn ta' rieda politika qawwija biex tiġi indirizzata d-depolitiċizzazzjoni tas-servizz pubbliku b'mod effettiv, u l-ottimizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-istat, l-iżvilupp ta' politika inklussiva u bbażata fuq l-evidenza, id-delegazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u r-responsabbiltà maniġerjali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Montenegro hija mħejjija f'livell moderat u sar xi progress. Dan il-qafas leġislattiv li għandu l-għan li tizzied l-indipendenza u l-professjonalità tal-ġudikatura għad irid jiġi implimentat bis-siħ. Il-kapaċità istituzzjonali ssaħħet.

Il-Montenegro kiseb xi livell ta' tħejjija fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Sar xi progress limitat matul il-perjodu tar-rapport. Madankollu, il-korruzzjoni hija prevalenti f'ħafna oqsma u għadha kwistjoni li tqajjem tħassib. Il-kapaċità operattiva tal-istituzzjonijiet tjebet; madankollu, l-istituzzjonijiet kollha għandhom juru attitudni aktar proattiva. L-isfidi għall-kredibbiltà, l-indipendenza u l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-Aġenzija kontra l-korruzzjoni għad iridu jiġu indirizzati. L-investigazzjonijiet finanzjarji u l-ħtif u l-konfiska tal-assi għad iridu jittejbu. Ġie stabbilit reġistru inizjali għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-kundanna finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, iżda r-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli għadha wisq limitata. L-iżviluppi ulterjuri f'dan ir-rigward ikunu possibbli biss f'ambjent fejn l-istituzzjonijiet indipendenti jkunu mħarsa minn kwalunkwe influwenza mhux xierqa u jiġi inkoraġġuti jużaw is-setgħat kollha tagħhom.

Fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**, il-Montenegro għadu mħejjija f'livell moderat. Sar xi progress fil-kooperazzjoni ġudizzjarja u f'xi oqsma tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Ġie żviluppat reġistru inizjali ta' investigazzjonijiet ta' ħasil tal-flus, ta' investigazzjonijiet finanzjarji u ta' ħtif temporanju ta' assi kriminali. Il-kooperazzjoni mtejbja mal-forzi tal-pulizija internazzjonali qiegħda twassal għal riżultati, kif jidher minn għadd ta' operazzjonijiet internazzjonali ta' profil għoli, minn arresti u qabdiet ta' droga. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar riżultati sabiex tiġi stabbilita storja ta' suċċess konvinċenti fejn jidħlu t-tipi l-aktar kumplessi ta' kriminalità organizzata, fejn jintlaqtu l-interessi vestiti lokali, inkluż fil-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tat-tabakk kif ukoll fil-konfiska tad-dħul mill-profitti mill-kriminalità.

Fejn jidħlu **d-drittijiet fundamentali**, il-Montenegro komplja jallinea ruħu mal-istandards tal-UE. Il-kapaċità tal-uffiċċju tal-Ombudsman u tal-Mekkaniżmu Nazzjonali Preventiv tjebet, iżda għad hemm bżonn ta' aktar sforzi fit-tisħiħ tal-qafas finanzjarju u fil-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Montenegro jeħtieġ li jara li jkun hemm f'posthom mekkaniżmi istituzzjonali adegwati għall-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli mid-diskriminazzjoni. L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni għadha dgħajfa, u hemm bżonn li titqawwa l-kapaċità istituzzjonali fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem. Il-minoritajiet tar-Roma u tal-Eġizzjani għadhom l-aktar komunità vulnerabbli u l-aktar diskriminata. Il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, u l-vjolenza kontra t-tfal għadhom kwistjonijiet li jnisslu tħassib serju.

Il-Montenegro kiseb ċertu livell ta' tħejjija fejn tidħol **il-libertà tal-espressjoni**, iżda ma sar l-ebda progress fil-perjodu tar-rapport. Kien hemm biss ftit żviluppi fejn jidħlu l-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti. L-interferenza politika li kien hemm dan l-aħħar fil-Kunsill tax-xandar pubbliku nazzjonali u fl-Aġenzija għall-Medja Elettronika hija kwistjoni li tnissel tħassib serju. Il-medja għadha ppolarizzata ħafna u għad hemm sfidi fil-mod kif jinftiehem ir-rwol tal-medja ħielsa. Il-mekkaniżmi awtoregulatorji għadhom dgħajfa.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, il-Montenegro għamel xi progress u huwa mħejji b'mod moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq funzjonanti. L-ekonomija kompliet tespandi b'pass qawwi, b'mod li r-riżultati tas-suq tax-xogħol tjebu anki jekk ir-rata tal-qgħad baqgħet għolja. Minkejja dinamika pożittiva fejn tidħol esportazzjoni, id-defiċit tal-kont kurrenti, immexxi minn domanda domestika qawwiya, baqa' għoli ħafna u kien iffinanzjat biss parzjalment minn influssi netti ta' investiment dirett barrani. Is-solvenza tas-settur finanzjarju u l-proporzjon tal-likwidità tjebu, iżda l-aċċess għall-iffinanzjar għall-kumpaniji żgħar għadu mtellef minn kundizzjonijiet strett fejn jidħol self. L-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali komplew matul l-2018, iżda l-mira tal-defiċit fil-baġit ma ntlehqt filwaqt li d-dejn pubbliku laħaq rekord ġdid, parzjalment minħabba l-bżonn ta' ffinanzjar għal proġett kbir tat-toroq, iffinanzjar permezz ta' self miċ-Ċina. L-iżvilupp fis-settur privat baqa' llimitat minn dgħjufijiet fl-ambjent ta' negozju, il-ġudikatura u l-prevalenza għolja ta' informalità, li tirrifletti kapaċità ta' implimentazzjoni batuta f'istituzzjonijiet statali kruċjali responsabbli mill-infurzar tal-istat tad-dritt u l-kompetizzjoni tas-suq.

Il-Montenegro għamel xi progress u huwa mħejji b'mod moderat fil-kapaċità tiegħu li jlaħħaq mal-pressjonijiet ta' kompetittività u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni. L-iżvilupp tal-infrastruttura f'għadd ta' oqsma qiegħed bil-mod il-mod jistabbilixxi l-prekundizzjonijiet għal kompetittività ekonomika mtejbja. Madankollu, hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex jitjeb l-iżvilupp kapitali uman u biex titnaqqas id-diskrepanza bejn ir-riżultati fl-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-kumpaniji lokali hemm bżonn li jikbru u jħaffu l-pass tal-isforzi biex itejbu l-kompetittività internazzjonali.

Għal dak li għandu x'jaqsam **mar-relazzjonijiet ta' viċinat tajbin u mal-kooperazzjoni reġjonali**, il-Montenegro baqa' impenjat b'mod konsistenti għal relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi oħra involuti fit-tkabbir u ma' Stati Membri tal-UE fil-viċinat, kif ukoll parteċipant attiv fil-kooperazzjoni reġjonali.

Rigward **l-abbiltà li jassumi l-obbligi tal-adeżjoni** tal-Montenegro, saret ħidma importanti dwar l-allineament u t-tnejjija għall-implimentazzjoni tal-acquis fil-biċċa l-kbira tal-oqsma. Il-pajjiż laħaq livell tajjeb ta' tnejjija f'oqsma bħal ma huma l-liġi tal-kumpaniji, il-liġi tal-proprjetà intellettuali, l-enerġija, u l-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża. Huwa mħejji b'mod moderat f'ħafna kapitoli, bħal ma huma l-moviment ħieles tal-prodotti, il-politika dwar il-kompetizzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sigurtà alimentari, il-politika veterinarja u fitosanitarja kif ukoll il-politika dwar l-impriżi u l-industrija. Il-Montenegro laħaq ċertu livell ta' tnejjija f'oqsma bħal ma huma l-ambjent u t-tibdil fil-klima, u l-politika soċjali u l-impjiegi. Sar progress tajjeb fl-oqsma tad-dritt tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvediment tas-servizzi, il-liġi tal-propjetà intellettuali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sigurtà alimentari, il-politika veterinarja u fitosanitarja. Għall-quddiem, il-Montenegro għandu jixħet l-attenzjoni b'mod partikolari fuq il-politika dwar il-kompetizzjoni, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, kif ukoll l-akkwist pubbliku. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-acquis għadha sfida importanti għall-Montenegro. Il-Montenegro kompli jallinea ruħu mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjoni komuni kollha tal-UE dwar il-politika estera u ta' sigurtà.

Fil-qasam tal-**migrazzjoni**, il-Montenegro ntlakat minn żieda qawwija fil-migrazzjoni irregolari, dovuta għat-trasferiment parzjali tal-fluss tal-migrazzjoni reġjonali lejn l-Hekk imsejħa "rotta tal-kosta" tul l-Albanija, il-Montenegro u l-Bożnja-Ħerzegovina. L-awtoritajiet tal-Montenegro qabdu 4 753 migrant irregolari (żieda ta' 460% meta mqabbel mal-2017), li poġġa taħt pressjoni qawwija l-kapaċitajiet ta' akkoljenza u amministrazzjoni tal-pajjiż. Il-qafas legali kompli jissaħħa bid-dħul fis-seħħ ta' pakkett legali importanti dwar il-migrazzjoni u l-ażil, filwaqt li ttehd u xi miżuri biex jżiedu l-kapaċitajiet ta' akkoljenza u dawk operattivi. Ġew iffirmati ftehimiet importanti dwar il-fruntieri ma' pajjiżi ġirien, u ġie inizjalat il-Ftehim dwar l-Istatus mal-UE dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Fil-perjodu ta' rrapportar li jmiss, il-Montenegro għandu jkompli jsahha il-kapaċità li jaffaċċja l-flussi mħallta tal-migranti u l-integrazzjoni tar-rifuġjati; ikompli jżid ir-riżorsi umani u materjali ddedikati lejn il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sistema ta' reġistrazzjoni tal-migranti.

Is-Serbja

Għar-rigward tal-**kriterji politiċi**, hemm bżonn urġenti li jinħoloq aktar spazju għal dibattitu ġenwin bejn il-partiti sabiex jissawwar kunsens wiesa' pro-Ewropew li huwa vitali biex il-pajjiż jagħmel progress fil-perkors tiegħu lejn l-UE. Diversi partiti tal-oppożizzjoni bdew jibbojkottjaw il-parlament kmieni fl-2019. Il-prattiċi parlamentari tal-koalizzjoni fil-gvern wasslet għal deterjormanet fid-dibattitu u l-iskrutinju leġislattiv, u imminat is-sorveljanza parlamentari tal-eżekuttiv.

F'Diċembru 2018 bdew isiru protesti ta' kull ġimgħa kontra l-gvern b'reazzjoni għal attakk fuq il-mexxej ta' partit fl-oppożizzjoni. Il-protesti, fil-biċċa l-kbira paċifiċi, li jitolbu għal-libertà tal-medja kif ukoll elezzjonijiet ħielsa u ġusti, bdew kull ma jmur jikbru. Diversi partiti tal-oppożizzjoni ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jibbojkottjaw l-elezzjonijiet parlamentari, sakemm ma jintlaqgħux it-talbiet għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti. Is-Serbja hemm bżonn li tindirizza bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar l-elezzjonijiet, identifikati mill-osservaturi internazzjonali bħala materja ta' prijorità.

Is-Serbja hija mħejjija b'mod moderat fil-qasam tar-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika**. Sar xi progress fil-qasam tal-għoti tas-servizzi u bl-adozzjoni ta' diversi liġijiet ġodda. L-influenza politika fuq il-ħatriet f'livelli amministrattivi għolja għadha kwistjoni li tqajjem tħassib serju, speċjalment għar-rigward ta' numru eċċessiv ta' persuni li jkunu qegħdin jokkupaw karigi mingħajr ma jkunu tal-post. Il-ħila tas-Serbja li tattira u żżomm persunal kwalifikat fl-amministrazzjoni li jipproċessa kwistjonijiet konnessi mal-UE hija kruċjali. Għad trid tiġi stabbilita sistema kkoordinata ta' monitoraġġ u rappurtar tal-istrateġija tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-programm ta' riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi

Is-sistema ġudizzjarja tas-Serbja għamlet ċerti livell ta' tħejjija. Inkiseb ċertu progress matul il-perjodu ta' rappurtar. Ir-rakkomandazzjoni tas-sena l-oħra ġew indirizzati biss b'mod parzjali. Sar xi progress fit-tnaqqis ta' każijiet antiki ta' infurzat u ta' segwitu dwar miżuri għall-armonizzazzjoni tal-prassi tal-qorti. Il-proċess ta' riforma tal-kostituzzjoni, intenzjonat biex il-kostituzzjoni tiġi allineata mal-istandards Ewropej għall-ġudikatura, għadu għaddej. Barra mill-adozzjoni tal-emendi kostituzzjonali, hemm bżonn li tiġi riveduta s-sistema tal-ħatra u l-evalwazzjoni tal-imħallfin u tal-prosekuturi sabiex ikun jista' jsir reklutaġġ ta' ġudikanti totalment ibbażat fuq il-mertu, u daqstant ieħor il-karrieri jkunu bbażati fuq dan il-mertu. Bħalissa, l-ambitu għall-influenza politika għadha tnissel tħassib.

Is-Serbja kisbet xi livell ta' tħejjija fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Sar progress limitat. Ma kien hemm l-ebda impatt li jista' jitkejjel tar-riformi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Liġi riveduta fuq il-prevenzjoni tal-korruzzjoni (magħrufa wkoll bħala l-liġi dwar l-Aġenzija ta' Kontra l-Korruzzjoni) ġiet adottata f'Mejju 2019. Għar-rigward tar-repressjoni tal-korruzzjoni, il-Liġi dwar l-organizzazzjoni u l-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-gvern għas-soppressjoni tal-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni, li daħlet fis-seħħ f'Marzu 2018, qiegħda tiġi implimentata iżda għadu kmieni wisq biex jiġi evalwat l-impatt tagħha. L-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji għadhom iridu jstabbilixxu storja pożittiva kredibbli ta' prosekuzzjonijiet indipendenti operattivi u ta' każijiet finalizzati ta' korruzzjoni f'livell għoli. Kollox ma' kollox, il-korruzzjoni hija prevalenti f'ħafna oqsma u għadha kwistjoni li tqajjem tħassib.

Is-Serbja kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Sar ċertu progress matul il-perjodu ta' rappurtar. Is-Serbja bdiet timplimenta l-kapitolu ekonomiku ġdid tal-kodiċi kriminali u l-Liġi dwar l-organizzazzjoni u l-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni u adottat strateġija dwar iċ-ċiberkriminalità għall-2019-2023. Fl-istess ħin, ma sar l-ebda progress fit-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet li kien hemm fir-rapport preċedenti. Is-Serbja għadha trid tistabbilixxi storja pożittiva konvinċenti ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali effettivi f'każijiet ta' kriminalità organizzata, inklużi f'investigazzjonijiet finanzjarji li twassal għal storja pożittiva ta' ffriżar u konfiska ta' assi kriminali. L-għadd ta' kundanni għall-kriminalità organizzata (b'mod notevoli fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin) għadu baxx.

Il-qafas leġislattiv u istituzzjonali għar-rispett tad-**drittijiet fundamentali** huwa bejn wieħed u ieħor f'postu. L-emendi li jtejbu l-qafas leġislattiv marbuta mal-minoranzi nazzjonali ġew adottati. L-implimentazzjoni konsistenti u effiċjenti tal-leġislazzjoni u tal-politiki hemm bżonn li tiġi garantita. Filwaqt li s-Serbja laħqet ċerti livell ta' tħejjija, ma sar l-ebda progress fejn tidħol **il-libertà tal-espressjoni**. Dan in-nuqqas ta' progress issa sar kwistjoni li tnissel tħassib serju. Tfasslet strateġija ġdida fejn tidħol il-medja b'mod trasparenti u inklussiv; hemm bżonn li tiġi adottata u implimentata. Is-Serbja jeħtiġilha li żżid il-miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni li jaffaċċjaw id-diskriminazzjoni, inklużi l-persuni LGBTI, il-persuni b'diżabilitajiet, dawk bl-HIV/AIDS u individwu vulnerabbli oħra.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, is-Serbja għamlet xi progress u hija mħejjija b'mod moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq funzjonanti. Qegħdin jiżdiedu l-iżbilanċi esterni, għalkemm l-iffinanzjar tagħhom għadu b'saħħtu. Il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet baqgħu limitati u l-inflazzjoni hija mrażżna. L-aġġustamenti fiskali maġġuri li saru matul is-snin li għadew tejbu b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tad-dejn. L-istabbiltà tas-settur finanzjarju nżammet u l-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol tgiebet bl-eċċezzjoni tar-rata ta' attività fost iż-żgħażaġh, li naqset. Ir-riformi strutturali maġġuri tal-amministrazzjoni pubblika, tal-awtorità tat-taxxa u ta' impriżi proprjetà tal-istat avvanzaw bil-mod, u dan kompli jtawwal l-ineffċjenzi li ilhom jeżistu. L-awtoritajiet qegħdin jindirizzaw id-dgħjufijiet fil-qafas baġitarju u l-governanza tiegħu b'pass kajman. L-istat iżomm preżenza qawwija fl-ekonomija u s-settur privat huwa sottożvilupp u mxejkel mid-dgħjufijiet fl-istat tad-dritt u fl-infurzar tal-kompetizzjoni ġusta.

Is-Serbja għamlet ċertu progress u tinsab imħejjija b'mod moderat fil-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjonijiet ta' kompetittività u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni. L-istruttura tal-ekonomija kompliet titjeb u l-integrazzjoni ekonomika mal-UE baqgħet qawwija. Madankollu, minkejja li sar xi progress, il-kwalità, l-ekwità u r-relevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ ma jissodisfawx għal kollox il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-investment żdied, iżda għadu mhux suffiċjenti, wara snin ta' sottożvilupp, biex jindirizza l-lakuni fl-infrastruttura. Għalkemm il-kost tas-self tal-impriżi żgħar u medji naqas dan l-aħħar, għad għandhom quddiemhom għadd ta' sfidi, inkluż ambjent volatili tan-negozju u kompetizzjoni inġusta.

Kollox ma' kollox, is-Serbja baqgħet impenjata għal relazzjonijiet bilaterali ma' pajżi oħra involuti fit-tkabbir u ma' Stati Membri tal-UE fil-viċinat, kif ukoll baqgħet parteċipant attiv fil-**kooperazzjoni reġjonali**. Fil-kuntest tal-ġotti lilha tas-sede tas-Segretarjat tat-Trattat tal-Komunità tat-Trasport, is-Serbja għandha issa tipprovi sostenn ulterjuri sabiex tara li jkun hemm il-kundizzjonijiet biex l-operat ikun jista' jibda malajr.

Rigward **in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo**, is-Serbja baqgħet impenjata fid-djalogu u uriet rażan fir-reazzjoni tagħha għall-introduzzjoni tat-tariffi doganali. Madankollu, is-Serbja hemm bżonn li tagħmel sforzi sostanzjali, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha, biex tistabbilixxi ambjent li jwassal għall-konklużjoni ta' ftehim legalment vinkolanti mal-Kosovo. Tali ftehim huwa urġenti u kruċjali sabiex is-Serbja u l-Kosovo jkunu jistgħu jimxu 'il quddiem fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom.

Għar-rigward tal-**abbiltà tagħha li tieħu fuqha l-obbligi tal-adeżjoni**, is-Serbja kompliet taħdem lejn l-allineament tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-acquis tal-UE, f'kull qasam. Se jkun kruċjali li jkun hemm riżorsi finanzjarji u umani adegwati, kif ukoll oqsfa strateġiċi sodi biex jinżamm il-pass tar-riformi. Is-Serbja għandha livell tajjeb ta' preparazzjoni f'ċerti oqsma bħal ma huma l-liġi tal-kumpaniji, il-proprjetà intellettuali, il-politika ta' trasport, ix-xjenza u r-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura, u d-dwana. Is-Serbja tejbet ir-rabta tal-ippjanar tal-investment tagħha mal-eżekuzzjoni tal-baġit, iżda għadha trid tiżviluppa mekkaniżmu uniku għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti kollha, ikun xi jkun is-sors tal-finanzjament, skont il-programm tal-gvern ta' riforma fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. F'oqsma bħal ma huma l-akkwist pubbliku, l-istatistika, ir-relazzjonijiet esterni, il-politika soċjali u l-impjegi, il-politika monetarja u s-servizzi finanzjarji, is-Serbja hija mħejjija b'mod moderat. Is-Serbja baqgħet għaddejja tagħmel progress tajjeb fl-agrikoltura u fl-allineament mal-*acquis* tal-UE dwar it-trasport, filwaqt li ġie nnutat progress limitat fil-qasam tal-enerġija. L-oqsma ta' politika tal-ambjent u t-tibdil fil-klima għadhom ma rċevewx biżżejjed attenzjoni.

Hemm bżonn li s-Serbja tindirizza b'urġenza, bħala prijorità, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-SAA, b'mod partikolari fejn jidħol il-kontroll tal-ġajnuna mill-Istat, id-diskriminazzjoni fiskali fuq l-ispirti importati, u r-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni fis-sistema ta' pagament ibbażata fuq il-kards. Hemm bżonn li s-Serbja f'tit f'tit tallinea l-politika esterna u

ta' sigurtà tagħha mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni Ewropea fil-perjodu qabel l-adezzjoni.

Is-Serbja kompliet tiġġestixxi l-effetti tal-**flussi migratorji mħallta** lejn l-UE, li stabilizzaw matul l-2018. Hija għamlet xi progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri. Ġie inizjalat il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta mal-UE. Ġie adottat il-pjan ta' strateġija u ta' azzjoni għal kontra l-migrazzjoni irregolari. Hemm bżonn li s-Serbja tirrispetta l-obbligu tar-riammissjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi skont il-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u s-Serbja. Barra minn dan, is-Serbja għandha toqgħod lura milli tibqa' tiddevja mill-politika tal-UE dwar il-viża.

Il-Maċedonja ta' Fuq

Fejn jidħlu l-kriterji politiċi, il-Maċedonja ta' Fuq baqgħet iżżomm pass stabbli fl-implimentazzjoni tar-riformi tal-UE matul il-perjodu ta' rappurtaż. Il-gvern ħa passi biex jirrestawra l-ekwilibriju bejn is-setgħat, u biex isahha id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-pajjiż baqa' jagħmel bidliet fundamentali f'atmosfera politika inklussiva u miftuħa. Il-pajjiż baqa' jikseb riżultati tanġibbli f'oqsma kruċjali identifikati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill bħal ma huma l-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-riforma tas-servizzi ta' intelliġenza u l-amministrazzjoni pubblika. Il-kultura tal-kompromess fix-xenarju politiku tjebet bl-isforzi tal-gvern li jilħaq lil daww kollha involuti, inkluż l-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, f'manjiera inklussiva u trasparenti. Wara l-iffirmar tal-ftehim storiku li ntlaħaq mal-Greċja f'Ġunju 2018 (magħruf ukoll bħala "l-ftehim ta' Prespa"), sar referendum konsultattiv f'Settembru 2018 li fih maġġoranza kbira ta' votanti li xeħtu l-vot tagħhom appoġġjaw is-sħubija fl-UE u n-NATO billi aċċettaw il-ftehim ta' Prespa. L-elezzjonijiet presidenzjali kienu organizzati tajjeb u ġew rispettati l-libertajiet fundamentali, li ppermetta li-ċittadini li jagħmlu għażliet infurmati bejn il-kandidati. Il-prestazzjoni tal-Parlament bħala forum għal djalogu politiku kostruttiv tjebet, u tqawwew il-funzjonijiet ta' sorveljanza u dik leġiżlattiva tiegħu, inkluż permezz ta' limitazzjoni fuq l-użu tal-proċeduri mgħaġġla.

Is-sitwazzjoni interetnika baqgħet, kollox ma' kollox, kalma minkejja xi tensjonijiet xi kultant. Il-gvern kompli għaddej bl-impenn tiegħu li jżid il-fiduċja fost il-komunitajiet. Il-Ftehim Qafas ta' Ohrid, li ġab fi tmiemu l-kunflitt tal-2001 u li jipprovdi l-qafas għall-preservazzjoni tal-karattru multietniku tas-soċjetà, jissema fil-preambolu tal-Kostituzzjoni u baqa' jiġi implimentat.

Il-klima li fiha joperaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kompliet titjeb. Is-soċjetà ċivili żammet rwol kostruttiv fis-sostenn tal-proċessi demokratiċi. Ġew adottati dokumenti strateġiċi, li jipprovdu gwida dwar il-kooperazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili. Kemm atturi mill-gvern kif ukoll nongovernattivi għandhom jimmiraw lejn proċess sinifikanti ta' konsultazzjoni.

Fejn tidħol ir-riforma tas-servizzi tal-intelligence, il-Maċedonja ta' Fuq għamlet progress tajjeb. Wara r-riforma tas-sistema għall-interċezzjoni tal-komunikazzjonijiet, l-Aġenzija Teknika Operattiva l-ġdida qiegħda tiffunzjona għal kollox. Il-pajjiż beda wkoll it-triq lejn riforma tas-servizzi ta' intelliġenza tiegħu, f'kooperazzjoni man-NATO u sħab oħra. Intgħażel mudell u ġie adottat il-qafas legali biex tiġi stabbilita Aġenzija għas-Sigurtà Nazzjonali ġdida.

Il-Maċedonja ta' Fuq hija mħejjija f'livell moderat bir-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika** tiegħu. Sar progress tajjeb, speċjalment bl-implimentazzjoni tar-riforma tal-qafas strateġiku tal-amministrazzjoni pubblika, ta' konsultazzjonijiet pubbliċi mtejba, u aktar trasparenza fit-tfassil tal-politika u fil-qasam tal-iżvilupp tal-politika u l-koordinazzjoni.

Ittieħdu passi biex jiġu indirizzati l-allegazzjonijiet ta' ħatriet politiċizzati. Madankollu, hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex titjeb ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni u biex ma ssirx politiċizzata. Ir-rispett għall-prinċipji tat-trasparenza, il-meritu u r-rappreżentanza ekwitabbli jibqa' essenzjali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż laqget ċerti livell ta' thejjiġa / hija mhejjiġa f'livell moderat u sar progress tajjeb fl-indirizzar tal-"Prioritajiet Urġenti ta' Riforma" u tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni ta' Venezja u l-Grupp ta' Esperti Anzjani dwar kwistjonijiet sistemiċi li jolqtu l-Istat tad-Dritt. Il-pajjiż ta' prova ta' determinazzjoni kontinwa għat-titjib tas-sistema ġudizzjarja u għall-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid bħala bażi soda biex jibqa' għaddej il-progress. Thejjiġet liġi ġdida dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku biex il-Prosekutur Pubbliku Speċjali jiġi integrat fi ħdan is-sistema tal-prosekuzzjoni. Il-qrati kienu qegħdin jaqtgħu sentenzi dwar ċerti każijiet ta' profil għoli mressqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali. Lil hinn mit-tibdiliet legali, l-istituzzjonijiet ġuridiċi kollha hemm bżonn li jagħtu prova tal-eżemplarità tagħhom u jagħtu kontribut, permezz ta' sforzi addizzjonali, għall-kisba mill-ġdid tal-fiduċja tal-pubbliku fil-ġudikatura.

Fejn tidħol **il-ġlieda kontra l-korruzzjoni**, il-Maċedonja ta' Fuq laqget ċerti livell ta' thejjiġa. Sar progress tajjeb permezz ta' konsolidazzjoni ulterjuri tal-istorja pożittiva fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ipproċessar fil-qorti ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli, u permezz ta' tibdiliet fil-qafas leġislativ. F'dan ir-rigward, il-qafas legali l-ġdid għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni tjeb u l-ħatra tal-membri l-ġodda tal-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni kienet ħafna aktar trasparenti milli fis-snin l-imgħoddija. Il-Kummissjoni ħadet passi importanti fil-ġlieda proattiva kontra l-korruzzjoni, bl-involviment ta' uffiċjali ta' livell għoli madwar l-ispettru politiku. Il-Prosekutur Pubbliku Speċjali ikkonferma r-rwol ewlieni tiegħu fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli. L-awtoritajiet għandhom iżidu l-passi biex jagħtu prova li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija prijorità nazzjonali fil-livelli kollha tal-poteri. Madankollu, il-korruzzjoni hija prevalenti f'ħafna oqsma u għadha kwistjoni li tqajjem tħassib.

Fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-pajjiż laħaq ċertu livell ta' thejjiġa. Il-qafas leġislativ huwa fil-biċċa l-kbira konformi mal-istandards Ewropej, u hemm bżonn li jkomplu l-isforzi ta' implimentazzjoni ta' strateġiji kontra l-kriminalità organizzata u tal-kejl biex l-impatt tagħhom jiġu mkejjejl b'mod attiv. Sar ukoll xi progress biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tas-sena l-oħra għat-titjib tal-istorja pożittiva, biex titkabbar il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u biex titjeb b'mod sostanzjali l-kapaċità operattiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Sar aktar progress fil-livell operattiv permezz tat-titjib tal-effettività taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fil-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u l-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet konġunti ma' Stati Membri tal-UE u ma' pajjiżi ġirien.

Il-qafas legali għall-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali** huwa fil-biċċa l-kbira konformi mal-istandards Ewropej u l-pajjiż għamel progress tajjeb. Żied il-protezzjoni kontra l-kriminalità bbażata fuq il-mibgħeda u kontra d-diskriminazzjoni b'emendi fil-Kodiċi Kriminali u l-adozzjoni tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni tad-Diskriminazzjoni u l-Protezzjoni kontriha. Huwa adotta strateġija ambizzjuża ta' deistituzzjonalizzazzjoni u ttraskriva l-oġettivi tiegħu fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fi pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Madankollu, il-mekkaniżmu ta' sorveljanza esterna tal-pulizija għadu mhux operattiv għal kollox u l-pajjiż hemm bżonn li jiżviluppa ulterjorment l-użu ta' sanzjonijiet alternattivi u tal-probation. Il-pajjiż jinhtiegħu wkoll jagħmel sforzi addizzjonali biex ixerreb u jindirizza b'mod konsistenti r-rakkomandazzjonijiet ta' korpi Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod notevoli fir-rigward tat-

trattament ta' persuni f' detenzjoni, tan-nisa u ta' persuni b' diżabbiltajiet. Il-pajjiż laħaq ċerti livell ta' tħejjija / huwa mħejji b' mod moderat fil-qasam tal-**libertà tal-espressjoni** u għamel progress tajjeb tul l-aħħar sena. Il-klima fejn tidħol il-libertà tal-medja u l-libertà tal-espressjoni kompliet titjeb. Huwa essenzjali li l-uffiċjali pubbliċi u l-gruppi prominenti politiċi jagħtu prova ta' livell ogħla ta' tolleranza lejn il-kritika, biex b'hekk ikunu qegħdin iħarsu l-libertà tal-espressjoni. Il-pajjiż għandu bżonn jagħmel sforzi sostnuti biex itejjeb l-indipendenza u l-istandards professjonali tax-xandar pubbliku kif ukoll is-sostenibbiltà finanzjarja tiegħu. Ġew adottati emendi għal-Liġi dwar is-Servizzi tal-Medja Awdjo u awdjoviżivi u l-implimentazzjoni tagħhom se tkun tirrekjedi impenn politiku qawwi biex tiġi ggarantita l-professjonalità, ir-rispett għall-prinċipji tat-trasparenza, il-ħatriet ibbażati fuq il-mertu u r-rappreżentanza ekwa.

Għar-rigward tal-**kooperazzjoni reġjonali**, il-pajjiż żamm ir-relazzjonijiet tajbin ma' pajjiżi oħra involuti fit-tkabbir, u pparteċipa b' mod attiv f' inizjattivi reġjonali. Saru passi storiċi biex jitjebu r-relazzjoni tajba fil-viċinat, inkluż permezz tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' Prespa, u tal-implimentazzjoni tiegħu, biex b'hekk intemmet waħda mill-eqdem tilwimiet fir-reġjun. Il-Kummissjoni hija ħerqana li tara li titkompla l-implimentazzjoni tat-trattat bilaterali mal-Bulgarija.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, il-Maċedonja ta' Fuq għamlet xi progress u laħqet livell tajjeb ta' tħejjija fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq funzjonanti. It-tkabbir ekonomiku reġa' beda wara sena ta' stagħnar, anki jekk l-investment baqa' kajman. Il-gvern ħa miżuri biex itejjeb il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u t-trasparenza. Huwa adotta riformi fit-taxxa fuq id-dħul u fis-sistema tal-pensjonijiet. Madankollu, is-sura tan-nefqa marret għall-aġħar, u l-konsolidazzjoni fiskali hemm bżonn li tkun aktar ambizzjuża sabiex il-finanzi pubbliċi jittqiegħdu fuq perkors sostenibbli. Il-funzjonament tas-suq tax-xogħol huwa mtellef minn problemi strutturali persistenti. L-infurzar tal-kuntratti u l-ekonomija informali kbira għadhom ta' sfiċa għall-ambjent tan-negozju.

Il-Maċedonja ta' Fuq għamlet ċertu progress u tinsab imħejji b' mod moderat fil-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjonijiet ta' kompetittività u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-UE. L-integrazzjoni mal-UE fil-kummerċ u l-investment kompliet tiġi approfondita. L-esportazzjonijiet u l-produzzjoni tal-manifattura komplew jiddiversifikaw lejn prodotti ta' valur ogħla. Madankollu, il-lakuni fil-ħiliet, kif ukoll in-nuqqas ta' allineament tal-ħiliet ma' dawk meħtieġa mill-kumpaniji, rifless ta' nuqqasijiet fil-kurrikula edukattivi, itellfu l-produttività tal-ħaddiema u l-kompetittività tal-ekonomija. Għad hemm lakuni kbar ta' investment fejn tidħol l-infrastruttura pubblika.

Għar-rigward tal-abbiltà tiegħu li **jassumi l-obbligi tal-adeżjoni**, il-pajjiż huwa mħejji b' mod moderat fil-biċċa l-kbira tal-oqsma, inkluż fl-oqsma tal-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, it-trasport u l-enerġija. Il-pajjiż jagħti xhieda ta' livell tajjeb ta' tħejjija f'oqsma bħal ma huma l-liġi tal-kumpaniji, l-unjoni doganali, in-netwerks trans-Ewropej u x-xjenza u r-riċerka. Hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri kullimkien, b' mod partikolari f'dawk il-ftit oqsma fejn il-pajjiż huwa fi stat bikri ta' tħejjija, bħal fil-moviment liberu tal-ħaddiema kif ukoll fid-dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji. Hemm bżonn ukoll ta' aktar attenzjoni fejn tidħol il-kapaċità amministrattiva u l-implimentazzjoni effettiva. Il-pajjiż kompla jtejjeb l-allineament tiegħu mad-dikjarazzjonijiet tal-UE u mad-deċizzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

Il-Maċedonja ta' Fuq għad għandha twol attiv u kostruttiv fil-ġestjoni tal-**flussi migratorji mħallta**. Hija tikkoopera b' mod effettiv ma' Stati Membri tal-UE u ma' pajjiżi ġirien. Baqgħu jsiru sforzi konsiderevoli biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' għajxien u servizzi bażiċi għall-migranti kollha li jkunu jinsabu fil-pajjiż. Għad hemm inċertezzi fejn jidħlu l-

ambitu u l-istruttura tal-flussi migratorji. Ir-reġistrazzjoni inkonsistenti tal-migranti li jinqabdu f' movimenti irregolari t'fisser li ma jkunx jista' jsir profilar regolari u bi protezzjoni adegwata, kif ukoll ma jkunx jista' jsir riferiment lejn mekkaniżmi nazzjonali ta' protezzjoni. Ġie żgurat kontroll effettiv fil-fruntiera tan-naħa ta' isfel tal-pajjiż, inkluż bl-użu ta' uffiċjali mistiedna minn Stati Membri tal-UE fil-fruntiera. Ġie inizjalat il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta mal-UE. Madankollu, il-problema ta' attivitajiet frekwenti ta' traffikar mal-fruntiera tan-naħa ta' fuq tal-pajjiż għad trid tiġi indirizzata. Il-pajjiż għadu taħt pressjoni qawwija haħna minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu.

L-Albanija

Għar-rigward tal-kriterji politiċi, matul il-perjodu tar-rapport kompli l-progress tal-Albanija fl-aġenda tagħha ta' riforma li tqarribha lejn l-UE. Fl-isfera politika baqgħet teżisti polarizzazzjoni qawwija. L-attivitajiet parlamentari ġew affettwati minn bojkott estiv minn partiti tal-oppożizzjoni, u mbaġħad huma anki rtiraw bħala grupp mis-siġġijiet parlamentari tagħhom fi Frar 2019. Aktar minn nofs is-siġġijiet parlamentari ċeduti issa ġew assenjati mill-ġdid mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali u qiegħed jinżamm il-kworum għall-funzjonament sħiħ tal-Parlament. Il-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni ddeċidew li ma jirreġistrawx għall-elezzjonijiet lokali, li huma skedati għat-30 ta' Ġunju 2019. In-nuqqas ta' involviment mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni affettwa b'mod negattiv l-isforzi ta' riforma elettorali bipartitika, minkejja l-isforzi tal-maġġoranza biex isiru passi 'il quddiem. Il-partiti tal-oppożizzjoni għandhom jerġgħu jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fl-istituzzjonijiet demokratiċi.

L-Albanija hija imħejjija f'livell moderat fejn tidħol ir-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika** tagħha. Komplet l-isforzi f'diversi oqsma relatati, li wassal għal xi progress fl-effiċjenza u t-trasparenza tal-ġħoti tas-servizzi pubbliċi, li tejjeb il-qafas regulatorju dwar l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politika, proċeduri ta' rekrutaġġ aktar trasparenti, u t-tisħiħ kumplessiv tal-ħila tal-amministrazzjoni li tfassal proċeduri fis-servizz ċivili li jkun bbażati fuq il-mertu. Il-konsolidazzjoni ta' dawn il-kisbiet għandha tkompli tavvanza, sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti, depolitiċizzata u professjonali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Albanija laħqet ċerti livell ta' tħejjija. L-implimentazzjoni ta' riforma ġudizzjarja komprensiva u bir-reqqa komplet b'mod konsistenti, u dan wassal biex kollox ma' kollox jinkiseb progress tajjeb. Ġew stabbiliti l-istituzzjonijiet il-ġodda għall-awtogovernanza tal-ġudikatura, il-Kunsill Għoli tal-Ġudikatura, il-Kunsill Għoli tal-Prosekuturi u l-Kunsill għall-Ħatriet tal-Ġudikatura, u dan kien pass kruċjali fit-tisħiħ tal-indipendenza u r-responsabbiltà tal-ġudikatura. Ir-rievalwazzjoni temporanja tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha (il-proċess tal-ivvettjar) mexxa b'mod konsistenti, u ġew akkwistati riżultati tanġibbli. Taħt l-awspiċċi tal-Kummissjoni Ewropea, l-Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ komplet tissorvelja l-proċess. Ġew ipproċessati aktar minn 140 fajl, u dan wassal għal 88 tkeċċija/riżenja ta' maġistrati mill-karigi tagħhom, u 53 konferma. Il-biċċa l-kbira tat-tkeċċijiet kellhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet marbuta ma' assi mhux ġustifikati. Dawn ir-riżultati konkreti u kredibbli saħħew b'mod sostanzjali lis-settur u kkonsolidaw l-indipendenza, l-imparzjalità, il-professjonalità u r-responsabbiltà tal-ġudikatura.

L-Albanija kisbet xi livell ta' tħejjija fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Sar progress tajjeb, b'mod notevoli bl-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid 2018-2020 għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Intersettorjali kontra l-Korruzzjoni, l-emendi għal-Liġi dwar id-Dikjarazzjoni u l-Awditu tal-Assi, il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku kif ukoll l-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Parlament. L-istabbiliment ta' Task Force kontra l-korruzzjoni żiedet il-proattività tal-investigazzjonijiet amministrattivi. Komplu jitjeb l-aċċess dirett għal bażijiet

tad-*data* għall-prosekuturi u għall-pulizija. Kompla jsir progress tajjeb permezz tat-tisħiħ tal-istorja pożittiva fejn jidħlu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ipproċessar fil-qorti tal-każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli. Inkluż fir-riżultati konkreti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni hemm il-proċess ta' vvetjar li wassal għat-tkeċċija mill-kariga ta' għadd ta' maġistrati ta' livell għoli, inkluż fil-livell ta' Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Għolja. L-istabbiliment ta' Kunsill Għoli tal-Prosekuturi (HPC) ippermetta t-tnedija tal-istabbiliment ta' korpi speċjalizzati ta' kontra l-korruzzjoni (Struttura Speċjali kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata – SPAK, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni – NBI). Hekk kif jitlesta l-ivvetjar tal-kandidati, il-korpi jsiru operattivi, u dan isaħħaħ il-kapaċità kumplessiva fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. Madankollu, kumplessivament, il-korruzzjoni hija prevalenti f'ħafna oqsma u għadha kwistjoni li tqajjem tħassib.

L-Albanija kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. L-operazzjonijiet tal-pulizija biex iżżarma l-organizzazzjonijiet kriminali ġew intensifikati. Diversi operazzjonijiet tal-pulizija irriżultaw f'diversi arresti, u saru għadd ta' arresti importanti u kundanni. Dawn l-operazzjonijiet wasslu għall-arrest u l-prosekuzzjoni ta' mexxejja maġhrufa ta' gruppi kriminali organizzati. Il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, speċjalment fost l-Istati Membri tal-UE intensifikat ukoll, u dan wassal għal għad ta' operazzjonijiet ta' infurzar. F'dawn l-aħħar snin, l-Albanija uriet b'mod konsistenti impenn qawwi kontra l-produzzjoni u t-traffikar tal-kannabis. L-Albanija tippermetti li jkun hemm mekkaniżmu ta' monitoraġġ intrussiv minn Stat Membru tal-UE (sorveljanza mill-ajru mill-*Guardia di Finanza* Taljana, kofinanzjata mill-UE). Fiż-żewġ staġunijiet li għaddew, is-sorveljanza mill-ajru kkonfermat li fl-Albanija tista' tgħid li ma saret l-ebda kultivazzjoni tal-kannabis. Dawn il-passi jirrappreżentaw progress tanġibbli lejn it-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tas-sena l-oħra dwar titjib fl-istorja pożittiva. Hemm bżonn li jkomplu l-isforzi, b'mod partikolari billi jiġi kkonfrontat il-ħasil tal-flus u bil-konfiska tal-assi li ġejjin minn atti kriminali u ġid ieħor mhux ġustifikabbli.

Fejn jidħlu **d-drittijiet fundamentali**, l-Albanija hija kumplessivament konformi mal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u żviluppat il-qafas legali tagħha f'konformità mal-istandards Ewropej. Matul il-perjodu tar-rapport, l-Albanija għamlet sforzi biex twettaq l-obbligi li joħorġu mill-istrumenti legali internazzjonali. L-implimentazzjoni kumplessiva ta' dawk l-istrumenti, madankollu, għad trid tissaħħaħ. Il-qafas legali fl-oqsma tad-drittijiet tat-tfal u tal-vjolenza domestika ittejjeb. F'Mejju 2018 ġiet approvata liġi ġdida dwar l-akkomodazzjoni soċjali mill-parlament, bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-dritt għall-akkomodazzjoni tal-aktar membri vulnerabbli tal-komunitajiet Roma u Egizzjani⁹. Hemm bżonn ta' azzjonijiet ulterjuri f'rabta mal-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà. Għar-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, l-ambjent leġiżlattiv kumplessiv iwassal għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni, iżda l-implimentazzjoni tirrekjedi sforzi ulterjuri.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, l-Albanija għamlet xi progress u hija mħejjija b'mod moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq funzjonanti. It-tkabbir ekonomiku kompla jiżdied u l-qgħad naqas iżda għadu għoli. L-esportazzjonijiet kibru b'mod sod u d-defiċit fil-kont kurrenti ċkien. Il-proporzjon għoli bejn id-dejn pubbliku u l-PDG kompla jonqos iżda l-pass tal-konsolidazzjoni fiskali baqa' kajman. Il-banek komplew inaqqsu l-għadd ta' self improduttiv u l-użu tal-munita barranija. Is-settur bankarju baqa' stabbli, għalkemm it-tkabbir tal-kreditu tan-negozju ma qabax ritmu. Ittieħdu passi lejn l-iżvilupp ta' suq finanzjarju. L-ambjent ta' negozju ttejjeb biss f'xi aspetti tiegħu. Il-progress fl-

⁹ F'konformità mat-terminoloġija tal-istituzzjonijiet Ewropej, it-terminu ġenerali "Roma" qiegħed jintuża hawnhekk biex jirreferi għal għadd ta' gruppi differenti, mingħajr ma tiġi miċħuda xi karatteristika speċifika ta' dawn il-gruppi.

implimentazzjoni tar-riforma komprensiva tal-ġustizzja mistenni jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ambjent tan-negozju u biex jiġi attirat l-investment. Sar xi progress fiż-żieda tal-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol u tal-kwalità u l-effettività tal-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol, iżda r-rata tal-impjieg u tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadhom baxxi, u fl-ekonomija informali għad hemm għadd sostanzjali ta' impjieg.

L-Albanija għamlet xi progress u laħqet ċertu livell ta' tħejjija fil-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjonijiet ta' kompetittività u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni. L-Albanija għamlet xi progress fejn jidħlu l-enerġija, it-trasport u l-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali, iżda n-nuqqas ta' kompetenza fil-produzzjoni, livelli baxxi tal-edukazzjoni u ta' trasferimenti tat-teknoloġija itellfu l-kompetittività u l-integrazzjoni tal-Albanija fil-katini internazzjonali tal-valur. Il-livell tal-esportazzjonijiet u tal-integrazzjoni reġjonali għadu taħt il-potenzjal tiegħu. L-isforzi fit-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ juri li nkisbu xi riżultati iżda hemm bżonn ikomplu r-riformi b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati aħjar il-bżonnijiet ta' żoni rurali u ta' gruppi vulnerabbli. Il-kapaċità tal-Albanija għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għadha baxxa ħafna.

Għar-rigward tar-**relazzjonijiet tajbin mal-viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali**, l-Albanija kompliet tipparteċipa b'mod attiv fil-kooperazzjoni reġjonali u żżomm relazzjonijiet tajba mal-ġirien tagħha. Ittieħdu passi importanti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet bilaterali mal-Greċja.

L-Albanija kompliet bl-allineament tagħha tal-leġiżlazzjoni mar-rekwiżiti tal-UE f'għadd ta' oqsma, u tejbet **l-abbiltà tagħha li tassumi l-obbligi tal-adeżjoni**. Il-pajjiż laħaq livell moderat ta' tħejjija f'ħafna oqsma, bħall-kontroll finanzjarju, l-edukazzjoni u l-kultura u l-istatistika, jew għandu xi livell ta' tħejjija, inkluż fl-oqsma tal-akkwist pubbliku u n-netwerks trans-Ewropej. Se jkun hemm bżonn li l-Albanija tkompli bl-isforzi tagħha marbuta mat-tħejjijiet kumplessivi tagħha li tadotta u timplimenta l-*acquis* tal-UE. L-adozzjoni ta' politika ta' Kontroll Finanzjarju Intern Pubbliku u l-koordinament tal-implimentazzjoni tagħha mar-riforma li għaddejja fl-amministrazzjoni pubblika u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi għadha ċ-ċavetta lejn sistema funzjonanti ta' kontroll intern fis-settur pubbliku. L-Albanija għandha tkompli taħdem dwar l-iżvilupp tan-netwerks tat-trasport u tal-enerġija, u dwar miżuri marbuta ta' riforma tal-konnettività, anki bil-ħsieb li titjeb il-konnettività madwar ir-reġjun.

Il-kapaċità amministrattiva u l-istandards professjonali tal-korpi inkarigati bl-implimentazzjoni tal-*acquis* hemm bżonn li jissaħħu u li titħares l-indipendenza tal-korpi regolatorji. It-titjib tat-trasparenza u tar-responsabbiltà, b'mod partikolari li jiġi żgurati il-funzjonament effettiv, effiċjenti u trasparenti tas-sistema tal-akkwist pubbliku u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, għadhom essenzjali. L-Albanija kompliet tallinea ruħha bis-sħiħ mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjoni komuni kollha tal-UE dwar il-politika estera u ta' sigurtà.

Fir-rigward tal-**migrazzjoni**, sar xi progress fit-titjib tal-kapaċità istituzzjonali dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ażil. L-Albanija ffirmat il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta mal-UE f'Ottubru 2018. Il-kapaċità ta' akkoljenza biex tlaħħaq mal-flussi tal-migrazzjoni mħallta kompliet tittejjeb. L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil mhux ġustifikati ppreżentati minn ċittadini tal-Albanija fl-UE naqas, iżda għadu għoli u jeħtieġ sforzi kontinwi u sostnuti, kif ukoll li jiġi indirizzati il-fenomeni ta' minuri mhux akkumpanjati.

Il-Kosovo

Għar-rigward tal-**kriterji politiċi**, il-Kosovo għamel progress fl-implimentazzjoni ta' ċerti riformi kruċjali marbuta mal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-qafas legali fl-

oqsma tal-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni pubblika. Madankollu, għadd ta' miżuri u deċiżjonijiet *ad hoc* ma kinux konformi mal-oġġettivi ta' riforma ddikjarati mill-gvern. Id-daqs eċċessiv tal-gvern, inkluż ċerti żidiet fl-għadd ta' deputati ministri kompli jaffettwa l-kredibbiltà u l-effettività tiegħu.

L-Assemblea kellha l-ħila li ssawwar maġġoranzi dwar ċerti kwistjonijiet strateġiċi għall-Kosovo, kif muri bir-ratifika tal-ftehim tad-demarkazzjoni tal-fruntiera mal-Montenegro u l-adozzjoni ta' riformi leġiżlattivi importanti marbuta mal-UE. Madankollu, l-Assemblea kompliet topera f'kuntest politiku polarizzat ħafna, u baqgħet tidher id-dgħjufija fil-funzjonament kumplessiv tagħha, kif muri b'mod notevoli min-nuqqas frekwenti ta' kworum, li jwassal għal dewmien fl-attività leġiżlattiva.

Sar progress limitat fl-indirizzar tal-kostatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni mill-UE ta' osservaturi elettorali rigward l-elezzjonijiet parlamentari u municipli li saru fl-2017.

Is-sitwazzjoni fin-naħa ta' fuq tal-Kosovo għadha toffri sfidi partikolari.

Jeżisti ċertu livell ta' tħejjija fil-qasam tar-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**. Kollox ma' kollox, matul il-perjodu tar-rapport, sar xi progress, madankollu għad hemm bżonn ta' sforzi serji biex tiġi affrontata l-influenza politika fejn jidħol ir-reklutaġġ ta' uffiċjali għolja taċ-ċivil. Sar progress tajjeb bl-adozzjoni tal-pakkett ta' liġijiet dwar il-funzjonament u l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, dwar l-uffiċjali pubbliċi u dwar is-salarji. Kisbiet oħra jinkludu l-adozzjoni ta' linji-gwida dwar l-ippjanar strateġiku u l-bidu tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar ir-razzjonalizzazzjoni tal-aġenziji. Il-qafas legali ridevut huwa pass importanti lejn il-ħolqien ta' servizz ċivili modern u professjonali u fit-titjib tar-responsabbiltà. Filwaqt li l-Liġi dwar is-Salarji tintroduċi sistema ta' salarji aktar trasparenti u ugwali għall-uffiċjali pubbliċi, l-impatt baġitarju tagħha fuq perjodu medju jqanqal tħassib.

Is-sistema ġuridika tal-Kosovo hija fi stadju bikri. Inkiseb xi progress bl-adozzjoni tal-Liġi dwar ir-Responsabbiltà Dixxiplinarja tal-Imħallfin u l-Prosekuturi, u l-Liġi dwar il-Medjazzjoni, u l-istabbiliment ta' sistema elettronika ta' ġestjoni tal-każijiet mexa 'il quddiem. L-għadd ta' persunal ġudizzjarju kemm fl-uffiċji tal-prosekuzzjoni kif ukoll fil-qrati żdied fl-2018, inkluż fl-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Speċjali. Filwaqt li l-integrazzjoni fis-sistema ġudizzjarja ta' imħallfin, prosekuturi u l-persunal ta' magħhom, li huma Serbi tal-Kosovo, ġie konkluż formalment fl-2017, għad hemm bżonn ta' ħidma kbira sabiex tiġi żgurata l-funzjonalità sħiħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-Qorti tal-Appelli. Il-ġudikatura għadha vulnerabbli għal influenza politika mhux xierqa. L-amministrazzjoni tal-ġustizzja għadha batuta u ineffiċjenti, u l-istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt għandhom bżonn sforzi sostnuti biex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom.

Il-Kosovo jinsab fi stat bikri/leħaq xi livell ta' tħejjija fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Il-Kosovo għamel xi progress bis-saħħa ta' riformi leġiżlattivi sinifikanti fejn jidħol l-istat tad-dritt u fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet f'livell għoli. Sar ukoll progress fil-konfiska preliminari ta' assi għalkemm il-konfiski finali għadhom baxxi. Il-korruzzjoni hija mifruxa u għadha kwistjoni li tqajjem tħassib.

Il-Kosovo jinsab fi stadju bikri **fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Sar xi progress, notevolment bis-saħħa ta' riformi leġiżlattivi sinifikanti fejn jidħol l-istat tad-dritt, fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet f'livell għoli u fl-iffriżar preliminari tal-assi. Madankollu, ftit sar progress fejn tidħol il-konfiska finali tal-assi u ftit għad hemm investigazzjonijiet finanzjarji u kundanni finali. Hemm bżonn ta' miżuri biex jiġi żgurat bis-sħiħ li ma jkun hemm l-ebda interferenza politika fl-attivitajiet operattivi tal-korpi tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni.

Is-sitwazzjoni fin-naħa ta' fuq tal-Kosovo għar-rigward tal-kriminalità organizzata għadha ta' sfida għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

Sar progress fil-ġlieda kontra t-terroriżmu speċjalment għar-rigward tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet aħjar għar-rijabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' ġellieda terroristi barranin u tal-familji tagħhom. L-awtoritajiet tal-Kosovo hemm bżonn li jsiru aktar effettivi fl-isforzi tagħhom li jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-liġi relevanti għandha tinġieb konformi mal-*acquis* tal-UE u ma' standards internazzjonali.

Il-qafas legali fil-biċċa l-kbira jggarantixxi l-protezzjoni tad-**drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali**, f'konformità mal-istandards Ewropej. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-istrateġiji marbuta mad-drittijiet tal-bniedem hija spiss imminata minħabba nuqqas ta' riżorsi, kemm finanzjarji kif ukoll ta' xi xorta oħra, b'mod partikolari fil-livell lokali, minn prijoritizzazzjoni politika limitata, u minn nuqqas ta' koordinament. Il-mekkaniżmu eżistenti għall-koordinament u l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma ineffettivi. Id-dependenza kbira fuq id-donaturi barranin għadha teżisti. Hemm bżonn li jsir aktar biex tingħata garanzija effettiva għad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi, inklużi r-Roma u l-Ashkali, u tal-persuni spustjati, biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fil-prattika bejn il-ġeneri, li tiġi stabbilita sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal, u biex titmexxa 'il quddiem il-protezzjoni tal-wirt kulturali. Il-Kosovo leħaq ċertu livell ta' thejġija għar-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, li hija mnaqqxa fil-Kostituzzjoni. Il-Kosovo jibbenefika minn ambjent medjatiku pluralistiku u vibranti. L-istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt qegħdin kull ma jmur isegwu aktar u aktar it-theddid u l-attakki kontra l-ġurnalisti u jeżisti tnaqqis fl-għadd ta' inċidenti. Għad trid tiġi adottata soluzzjoni sostenibbli għall-iffinanzjar tal-xandar pubbliku. Ix-xandar għadu vulnerabbli għall-pressjoni u l-influenza politika.

Għar-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, il-Kosovo jinsab fi stadju bikri u għamel xi progress fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq funzjonanti. It-tkabbir ekonomiku kien sod iżda s-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha toffri sfidi kbar, u dan iqanqal tħassib. Il-gvern żamm mar-regoli fiskali, iżda l-pressjonijiet ta' nfieq marbuta mal-benefiċċji soċjali għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni, kif ukoll il-pagi tal-impjegati pubbliċi jippreżentaw riskju għall-finanzi pubbliċi u jtellfu l-iżvilupp tas-settur privat. L-ambjent tan-negozju tġieb xi ftit, iżda għad hemm sfidi persistenti, inkluż fejn tidħol l-ekonomija informali mifruxa, ġudikatura li taħdem bil-mod u li hija ineffiċjenti, il-firxa wiesgħa tal-korruzzjoni u istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt li kumplessivament huma dgħajfa. Minkejja tkabbir qawwi tal-esportazzjoni ta' servizzi, id-diversifikazzjoni ekonomika mxiet 'il quddiem bil-mod.

Il-Kosovo jinsab fi stat bikri u għamel xi progress rigward il-ħila tiegħu li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-swieq fl-UE. Il-Kosovo għamel xi progress fit-titjib tat-toroq, iżda għad hemm lakuni kbar fl-infrastruttura tal-ferroviji u tal-enerġija. Ftit sar progress fl-għoti ta' garanzija ta' provvista stabbli tal-enerġija u għad hemm ħafna telf fis-settur tal-elettriku. Il-Kosovo għamel xi progress għar-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Ftit sar progress fit-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni u fl-indirizzar tal-lakuni fejn jidħlu l-ħiliet fis-suq tax-xogħol. Il-bidliet strutturali qegħdin jitfaċċaw wisq bil-mod u l-ekonomija għadha tiddependi ħafna fuq is-settur tal-kummerċ domestiku. It-tkabbir tal-esportazzjoni huwa misjuq l-aktar mill-esportazzjonijiet ta' servizzi lejn persuni mill-Kosovo li emigraw, filwaqt li n-nuqqas ta' diversifikazzjoni tal-prodotti itellef it-tkabbir tal-esportazzjoni tal-prodotti.

Għar-rigward tar-**relazzjonijiet tajba mal-viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali**, il-Kosovo għadu jipparteċipa fil-biċċa l-kbira tal-forums reġjonali. Madankollu, id-deċiżjoni tal-Kosovo li jimponi tariffa ta' 100% fuq l-importazzjonijiet mis-Serbja u mill-Bożnja-Ħerzegovina imminat l-isforzi ta' kooperazzjoni reġjonali.

Rigward **in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja**, il-Kosovo baqa' impenjat fid-djalogu. Madankollu, il-gvern tal-Kosovo hemm bżonn li jirrevoka t-tariffi fuq l-importazzjonijiet mis-Serbja u l-Bożnja-Ħerżegovina. Il-Kosovo hemm bżonn li jagħmel sforzi sostanzjali biex jistabbilixxi ambjent li jwassal għall-konklużjoni ta' ftehim komprensiv legalment vinkolanti mas-Serbja. Tali ftehim huwa urġenti u kruċjali sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu jimxu 'il quddiem fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom.

Għar-rigward tal-allineament mal-**istandards Ewropej**, il-Kosovo leħaq ċertu livell ta' ttejjija. Kompla jsir l-allineament leġiżlattiv f'ċerti oqsma, iżda l-implimentazzjoni hija batuta. Sar xi progress fil-qasam tal-moviment ħieles tal-prodotti, is-servizzi u l-kapital, kif ukoll fejn jidħlu s-servizzi finanzjarji, l-akkwist pubbliku u l-kompetizzjoni. Sar progress tajjeb fl-oqsma tal-istatistika u l-kontroll finanzjarju. Fil-qasam tat-tassazzjoni u d-dwana, sar xi progress fil-ġbir tal-introjti tat-taxxa, b'mod li ċċekknet l-ekonomija l-griża, jew fl-infurzar ta' miżuri doganali għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, madankollu il-Kosovo għandu jżid il-pass fil-ġlieda kontra l-ekonomija informali u l-evazzjoni tat-taxxa. Sar xi progress fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ambjentali, iżda l-implimentazzjoni għadha lura. Is-settur tal-enerġija għad għandu quddiemu sfidi serji, minkejja li sar xi progress speċjalment fejn tidħol l-effiċjenza fl-enerġija. Kollox ma' kollox, il-Kosovo hemm bżonn li jtejjeb il-kapaċità u l-koordinazzjoni amministrattiva tiegħu, madwar is-setturi kollha, sabiex jiżgura implimentazzjoni effettiva tal-*acquis*.

L-awtoritajiet għamlu progress fil-ġestjoni tal-**migrazzjoni** regolari u irregolari. Dawn l-isforzi għandhom jtkomplew u jibqgħu jissawru. F'dawn il-kuntest, jeħtieġ li l-Kosovo jiffirma mekkaniżmu ta' ritorn għall-migranti irregolari f'konformità mal-istandards u l-prassi tal-UE.

ANNEX 3 - L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent u l-Aġenda Prijoritarja ta' Sofia: impenn imtejjeb tal-UE

L-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent, adottata fis-6 ta' Frar 2018 ipprovdiet enerġija ġdida lir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. L-Istrateġija tiffoka fuq oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar riformi u sforzi mis-sħab tal-Balkani tal-Punent, u fuq l-appoġġ imtejjeb tal-UE lir-reġjun. Dan tal-aħħar jinkludi 57 impenn speċifiku miġbura f'sitt inizjattivi emblematiċi. Proporzjon sinifikanti minn dawn l-azzjonijiet, imbagħad, kienu ġew approvati mill-Istati Membri tal-UE u mis-sħab tal-Balkani tal-Punent permezz tal-Aġenda Prijoritarja ta' Sofia, adottata waqt is-summit f' Sofia fis-17 ta' Mejju 2018.

Mindusaret l-adozzjoni tal-Istrateġija, il-Kummissjoni iffukat fuq it-tweqq tal-impenji tagħha permezz ta' impenn politiku mtejjeb, b'mod li ssodat ir-rabtiet operattivi bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE u l-aġenziji tagħha, ipprovdiet aċċess usa' għall-iffinanzjar u l-assistenza teknika, kif ukoll iffukat mill-ġdid l-assistenza finanzjarja tal-UE taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni (IPA), li fl-2018 biss kienet tammonta għal allokkazzjoni annwali għall-Balkani tal-Punent ta' aktar minn EUR 1,1 biljun.

Fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, sar progress fis-sitt inizjattivi emblematiċi kollha. Ir-reġjun irċieva attenzjoni politika sinifikanti. L-ewwel summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent minn wara Salonka fl-2003 sar f' Sofia f' Mejju 2018. Saru żjarat fir-reġjun mill-President tal-Kunsill Ewropew u mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll saru għadd ta' laqgħat ministerjali ta' livell għoli. Dawn l-avvenimenti kollha kellhom l-għan li jixprunaw ir-rieda politika biex tingħata enerġija ġdida fil-proċessi ta' riforma u għal kooperazzjoni reġjonali mtejjba.

L-Inizjattiva Emblematika 1 – It-tisħiħ tal-appoġġ għall-istat tad-dritt tiffoka fuq tliet prijoritajiet: monitoraġġ aħjar tar-riformi tal-ġustizzja, assistenza teknika aktar immirata fejn jidħol l-infurzar tal-liġi, u titjib fl-għoti ta' appoġġ lis-soċjetà ċivili, l-attiviżmu demokratiku u l-medja indipendenti. Il-Forum Ministerjali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ta' bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent li sar f' Tirana f' Ottubru 2018 kien kruċjali biex seta jsir progress f'dan il-qasam, b'mod partikolari fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE (ĠAI) u dwar l-iżvilupp ta' indikaturi xierqa għas-sistemi tal-ġustizzja.

Fejn jidħol il-monitoraġġ tar-riformi tal-ġustizzja, il-Kummissjoni dawret l-approċċ tagħha lejn missjonijiet simultanti fuq kwistjonijiet speċifiċi fis-sitt amministrazzjonijiet sħab kollha, fejn uffiċjali anzjani tal-infurzar tal-liġi mill-UE jiltaqgħu mal-kontroparti tagħhom ("evalwazzjoni bejn il-pari"). Fl-2018 tlestiet sensiela ta' evalwazzjonijiet dwar l-infurzar tas-sentenzi ċivili u kummerċjali, sensiela oħra dwar l-akkwist pubbliku għaddejja bħalissa, u hemm oħra dwar il-kriminalità organizzata li għandha ssir aktar tard fl-2019. Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tiżviluppa modi ġodda ta' kif tingħabar *data* aktar armonizzata mis-sistemi tal-ġustizzja tas-sħab. Wieħed mill-akbar riżultati li jidhru f'dan ir-rigward se jkun proġett reġjonali mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), dwar il-monitoraġġ tal-ġurijiet fil-qasam tal-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-Bank Dinji ngħata l-kuntratt biex iwettaq sensiela ta' stħarriġ dwar il-ġustizzja fir-reġjun u l-Kummissjoni għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja tal-Kunsill tal-Ewropa (CEPEJ) se tkun qiegħda tassisti fil-għbir mir-reġjun tad-*data* armonizzata.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll f'forma ta' assistenza teknika aktar imfassla, jiġifieri missjonijiet konsultattivi, iffukati fuq ir-riformi fil-ġustizzja u l-għieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Bħalissa għaddejjin żewġ missjonijiet ta' dan it-tip fil-Montenegro u l-Albanija, tnejn oħra mistennija li jibdew fl-2019 fil-Kosovo u fil-Bożnja-Herżegovina, u oħra mistennija li ssir fil-Maċedonja ta' Fuq u, jista' jkun, fis-Serbja.

Il-Kummissjoni qiegħda wkoll taħdem mill-qrib mal-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED) biex tappoġġja pjattaformi ta' medja indipendenti, is-soċjeta' ċivili u l-attivisti demokratiċi. Permezz ta' appoġġ addizzjonali mill-UE ta' EUR 6 miljun, il-Fond seta' jestendi l-operat tiegħu lejn il-Balkani tal-Punent fl-2018, b'14-il għotja ġdida ffinanzjata f'dan il-qasam.

L-Inizjattiva Emblematika 2 - It-tisħiħ tal-impenn dwar is-sigurtà u l-migrazzjoni tikkonċerna l-impenn mar-reġjun fl-indirizzar ta' theddid komuni għas-sigurtà, inkluż fejn jidħlu t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin u tal-armi tan-nar, it-theddid ibridu, kif ukoll it-tiswir tal-kapaċità tal-išhab li jaffaċċjaw sfidi marbuta mal-migrazzjoni u s-sigurtà. Din il-linja ta' attività ingħatat appoġġ fl-aqgħat ministerjali f'Londra f'Lulju u f'Tirana f'Ottubru 2018, laqgħat li kienu essenzjali biex tiġi stabbilita kooperazzjoni eqreb dwar is-sigurtà, dwar l-akkumulazzjoni tal-armi u fl-ippjanar ta' miżuri konġunti kontra t-terroriżmu.

Il-Kummissjoni u s-sitt šhab tal-Balkani tal-Punent qablu dwar Pjan ta' Azzjoni Konġunta dwar il-ġlieda kontra t-Terroriżmu fil-Forum Ministerjali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana. Il-Kummissjoni issa qiegħda tiffaċilita l-preparazzjoni ta' pjani ta' azzjoni speċifiċi għall-pajjiżi, allineati mal-prijoritajiet reġjonali. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll netwerk reġjonali ta' koordinaturi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, li kellu żewġ laqgħat fl-2018 u oħra f'Marzu 2019.

Il-Kummissjoni qiegħda tiffinalizza evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2015-2019 tagħha dwar it-Traffikar tal-Armi tan-Nar bejn l-UE u l-Ewropa tax-Xlokk. L-UE allokat iffinanzjar iddedikat mill-linja baġitarja tal-PESK biex issostni l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW), adottata fil-laqgħa ta' Londra tal-Ministri tal-Intern f'Lulju 2018.

L-UE estendiet l-offerta tagħha lis-šhab tagħha tal-Balkani tal-Punent biex tinkludihom fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE kontra l-Kriminalità Serja u Organizzata u fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni annwali relevanti. Min-naħa tagħha, is-SEAE żied il-frekwenza tal-laqgħat ta' djalogu tal-Politika Esterna u ta' Sigurtà Komuni mal-Balkani tal-Punent sabiex jinkoraġġixxi lir-reġjun ikompli jiġi allineat aktar mal-pożizzjonijiet komuni tal-UE. Is-SEAE talab lis-šhab kollha tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fi sħarriġ ibridu bil-ħsieb li jiġu evalwati l-vulnerabbiltajiet tagħhom u biex l-assistenza tal-UE tiġi diretta aħjar. Sa issa, l-istħarriġ tnieda ma' erba' pajjiżi šhab.

Fejn tidħol il-migrazzjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-aġenziji relevanti tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, għadha għaddejja bi proġetti ambizzjużi fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet tas-šhab fil-ġestjoni tal-flussi mħallta tal-migrazzjoni, l-istabbiliment ta' proċeduri tal-ażil, il-mekkaniżmi tar-ritorn u l-iskambju tal-informazzjoni. Il-Kummissjoni ħadet ukoll inizjattivi biex tikkoordina aħjar il-ħidma tal-uffiċjali ta' kollegament għall-migrazzjoni fir-reġjun u biex ittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni operattiva.

Sabiex jinkisbu sinerġiji aħjar fil-qasam tas-sigurtà u l-migrazzjoni, il-Kummissjoni kienet qiegħda tiffaċilita involviment akbar ta' aġenziji tal-ĠAI fil-Balkani tal-Punent. Dan kien jinkludi l-iffirmar ta' arrangement Prattiku bejn iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-iffirmar ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Albanija (li jsegwi dawk li diġà jeżistu mal-Montenegro u mal-Maċedonja ta' Fuq), u t-tlestija tan-negożjati dwar ftehim ta' Status għall-Gwardja Ewropea tal-Kosta u l-Fruntieri mal-ħames pajjiżi tar-reġjun li għandhom fruntiera komuni mal-UE. Il-ftehim mal-Albanija daħal fis-seħħ, u ġew skjerati l-ewwel gwardji tal-fruntiera. Fl-aħħar nett, sabiex

titjeb il-koordinazzjoni tal-impenn tal-aġenziji tagħha fil-qasam, il-Kummissjoni stabbiliet Task Force bejn l-aġenziji tal-ĠAI tal-UE biex isostnu l-ħidma fil-Balkani tal-Punent.

L-allokkazzjoni totali tal-2018 għall-azzjonijiet marbuta mal-istat tad-dritt, is-sigurtà u l-migrazzjoni kienet ta' aktar minn EUR 145 miljun.

L-Inizjattiva Emblematika 3 – Appoġġ għall-iżvilupp soċjoekonomiku tiffoka fuq l-avanzament tal-progress fl-implimentazzjoni taż-Żona Ekonomika Reġjonali (ŻER), bl-adattament tal-oqsfa ta' investiment eżistenti biex tingħata spinta lill-investiment fir-reġjun, użu aktar strateġiku tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika, u l-għoti ta' sostenn lill-edukazzjoni u r-riformi soċjali. Il-laqgħat tal-Ministri tal-Ekonomija fi Vjenna f'Lulju u tal-Ministri tal-Edukazzjoni fi Brussell f'Ġunju 2018 kienu katalisti importanti tal-progress f'din l-inizjattiva emblematika, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni taż-ŻER u ta' diversi inizjattivi fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali, il-mobbiltà tal-istudenti u r-rikonoxximent tal-kwalifiki. Fl-2019, l-UE qiegħda tnedi wkoll laqgħat sistematiċi mal-Ministri tax-Xogħol tal-Balkani tal-Punent.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali, kompli jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali taż-ŻER (PAP ŻER). Kisbiet emblematiċi f'dan il-qasam jinkludu d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali 5 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ f'April 2018, l-approvazzjoni tal-Aġenda tar-Riforma tal-Investiment Reġjonali (RIRA) u t-tnedija ta' programm reġjonali għad-diversifikazzjoni u l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji. In-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi tlestew, filwaqt li bdew fejn tidħol il-mobbiltà tal-professionisti fir-reġjun.

L-espansjoni tal-Fond ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF), kemm strateġikament kif ukoll finanzjarjament, tinsab għaddejja. Fl-2018 ġiet konkluża analiżi ta' nofs il-perjodu, li saret biex tinkiseb informazzjoni dwar din l-espansjoni, u l-Agence française de développement (AFD) saret istituzzjoni finanzjarja internazzjonali parteċipanti (IFI) fid-WBIF f'Diċembru 2018 u fil-Grupp tal-Bank Dinji f'April 2019. L-istabbiliment tal-Garanzija tal-Balkani tal-Punent, intenzjonata biex jinġabar l-investiment privat fir-reġjun, għaddej permezz tal-evalwazzjoni ex-ante li tlestiet fl-2018, u tnedi d-djalogu mal-IFIs.

Il-Kummissjoni tejbet ukoll is-sostenn tagħha lill-iżvilupp tas-settur privat b'attenzjoni fuq kumpaniji stabbiliti ġodda u fuq l-aċċess għall-iffinanzjar għal imprendituri żgħażaġh. Tnediet skema ġdida ta' garanzija reġjonali għaż-żgħażaġh, ta' EUR 10 miljun, biex tissaħħaħ il-kapaċità imprenditorjali taż-żgħażaġh u biex jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol – hija tista' tipprovdi finanzjament li jista' jitle' sa EUR 80 miljun. Fis-Serbja, il-Kummissjoni stabbiliet programm ta' garanzija simili ta' EUR 20 miljun, li mistenni jiġġenera sa EUR 180 miljun f'self ġdid għal kumpaniji ġodda u kumpaniji innovattivi fis-Serbja. Il-Kummissjoni qiegħda tagħmel arranġamenti wkoll biex testendi s-sostenn tagħha għall-iżvilupp ta' strateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni għall-Balkani tal-Punent, li bħalissa jingħata biss lill-Istati Membri.

L-UE ħadet passi biex iżżid l-użu strateġiku tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika (PRE) tas-sħab biex għib it-tħejjija tagħhom konformi mas-Semestru Ewropew. Il-monitoraġġ tal-impjiegi u tar-riformi soċjali ssaħħet permezz tal-eżerċizzju tal-PRE, iżda wkoll permezz tal-istabbiliment ta' laqgħa Ministerjali annwali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent se se ssir f'Ġunju 2019. Barra minn dan, is-sostenn finanzjarju tal-UE lill-impjiegi, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u s-saħħa tqawwa permezz ta' għadd ta' programmi ta' assistenza bilaterali ġodda, kif ukoll bis-saħħa ta' skema ta' mobbiltà VET għall-edukazzjoni vokazzjonali u

taħriġ fir-reġjun. Ftit ftit l-UE qiegħda żżid is-sostenn tagħha skont l-Erasmus+ bil-ħsieb li tirdoppjah sal-2020.

L-allokkazzjoni totali taħt l-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għall-2018 għal azzjonijiet marbuta mal-kompetittività, it-ktabbir u l-edukazzjoni kienet tilħaq aktar minn EUR 260 miljun.

L-Inizjattiva Emblematika 4 – Tizzied il-konnettività tiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħoloq fir-reġjun fit-trasport u l-enerġija sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ u jitmexxa 'il quddiem it-ktabbir ekonomiku. L-azzjonijiet previsti f'din l-inizjattiva huma l-ippjanar u l-investment fl-infrastruttura, kif ukoll il-ħolqien ta' ambjent regolatorju xieraq għall-integrazzjoni reġjonali tas-suq.

Il-laqgħat tal-Ministri tat-Trasport f'Ljubljana f'April u fi Brussell f'Diċembru 2018 kienu kruċjali fl-adozzjoni ta' għadd ta' dikjarazzjoni ta' riforma fit-trasport, filwaqt li fil-laqgħa tal-Ministri tal-Enerġija u tal-Ambjent f'Podgorica saret l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni ta' importanza liema bħalha dwar it-tranżizzjoni fl-enerġija.

Fil-qasam tal-enerġija, il-Kummissjoni qiegħda tiffaċilita l-espansjoni tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE lejn il-Balkani tal-Punent, u qiegħda toħloq spazju regolatorju uniku taħt it-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija. Biex isir aktar progress f'dan il-qasam se jkun hemm bżonn progress fil-parti rilevanti tad-djalogu bejn Belgrad u Pristina.

Kisba ewlenija kienet l-iffirmar ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa mill-Ministri tal-Enerġija u tal-Ambjent tal-Balkani tal-Punent fil-laqgħa tagħhom fi Frar 2019 f'Podgorica. Il-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni EUR 30 miljun f'għotjiet b'riżq l-effiċjenza tal-enerġija, barra mill-EUR 50 miljun diġà disponibbli taħt il-Faċilità Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Enerġija (REEF). Fl-2018, il-Kummissjoni appoġġjat l-iffirmat tal-interkonnettur tal-gas bejn il-Bulgarija u s-Serbja, li se jkun parzjalment iffinanzjat permezz tal-IPA u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fil-qasam tat-trasport, il-Kummissjoni kompliet tagħti sostenn lill-implimentazzjoni tat-Trattat tal-Komunità tat-Trasport, u lill-operat tas-segretarjat tagħha. B'mod partikolari, ġew stabbiliti l-istituzzjonijiet tal-Komunità (il-Kumitat Reġjonali ta' Treġija u l-Kunsill Ministerjali) u ġie ffirmat il-ftehim tal-Kwartieri mas-Serbja, bil-ħatra ta' aġent Direttur kmieni fl-2019.

Il-Kummissjoni ffaċilitat dikjarazzjoni ministerjali intenzjonata biex jitneħħew l-ostakoli fil-fruntieri permezz ta' punti integrat tal-qsim tal-fruntiera, sew tal-ferrovija kif ukoll tat-toroq. Id-dikjarazzjoni hija bbażata fuq studju, iffinanzjat mill-UE, li identifika 32 punt tal-qsim tal-fruntiera fir-reġjun li jistgħu jkunu suġġett ta' integrazzjoni. Bħalissa qiegħdin jiġu ffirmati ftehimiet bilaterali għar-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-punti tal-qsim.

Wara l-adozzjoni tad-dikjarazzjonijiet ministerjali rilevanti fil-laqgħa ministerjali dwar it-TEN-T ta' Ljubljana u s-summit ta' Sofia, il-Kummissjoni qiegħda wkoll tiffaċilita l-preparazzjoni ta' strateġija ġdida reġjonali dwar il-ferroviji kif ukoll pjan ta' azzjoni dwar is-sigurtà fuq it-toroq, immirati b'mod partikolari lejn it-tnaqqis tal-imwiet fuq it-toroq permezz tat-tneħħija ta' punti perikolużi. Fl-2018, il-Kummissjoni ffinanzjat 24 spezzjoni ta' dawn il-punti perikolużi minn esperti ta' Connecta.

Fejn jidħol investment fl-infrastruttura, il-Qafas ta' Investment tal-Balkani tal-Punent fl-2018 kompli jagħti appoġġ lill-aġenda tal-konnettività. Fis-summit ta' Sofia, il-Kummissjoni ħabbret għotjiet għal ħdax-il proġett tat-trasport ġdid b'valur kumplessiv ta' għotja mill-UE ta' EUR 192,7 miljun. Sa minn mindu bdiet id-WBIF, il-Kummissjoni pprovdiet sostenn b'għotjiet ta' EUR 700 miljun għal 31 proġett prijoritarju permezz ta' dan l-istrument, li min-naħa tagħhom iġġeneraw aktar minn EUR 2,4 biljun EUR ta' investment estern.

L-Inizjattiva Emblematika 5 – L-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent tiffoka fuq it-tiswir ta' ekonomija u soċjetà diġitali fir-reġjun. L-Aġenda, bbażata fuq dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li stabbilixxa l-inizjattivi kruċjali, tnieda f'Ġunju 2018 waqt l-Assemblea Diġitali annwali tal-UE. Il-Kummissjoni stabbiliet wkoll djalogi dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, inklużi żjarat mill-Kummissarju għall-Ekonomija u s-Soċjetà Diġital fil-biċċa l-kbira tal-ibliet kapitali tar-reġjun.

Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll sostenn intensiv lin-negozjati dwar Ftehim għar-Roaming Reġjonali ġdid, li wassal għat-tneħħija tat-tariffi tar-roaming fi ħdan ir-reġjun, madwar il-Balkani tal-Punent. Dan ġie adottat waqt il-laqgħa Ministerjali Diġitali f'April 2019, u se jidħol fis-seħħ f'Lulju 2019.

Il-Kummissjoni warrbet EUR 30 miljun taħt id-WBIF għall-assistenza teknika bi tħejjija għal investimenti ta' konnettività tal-broadband kif ukoll EUR 8 miljun oħrajn għal inizjattiva għat-tkabbir taċ-ċibersigurtà fir-reġjun.

L-UE qiegħda taħdem ukoll biex tiftaħ l-aċċess lis-sħab mill-Balkani tal-Punent għal diversi forums u gruppi Ewropej. B'mod partikolari, is-sħab ġew inklużi bħala osservaturi fil-Grupp Ewropew tar-Regolaturi għas-Servizzi tal-Medja Awdjo-Viżivi (ERGA), u l-Grupp ta' Livell Għoli tas-Suq Uniku Diġitali (DSM HLG). Ġew ukoll mistiedna bħala osservaturi fil-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC).

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qiegħda tinvolvi s-sħab f'diversi inizjattivi tal-Komunità fil-qasam tal-ħiliet diġitali u s-servizzi tal-Gvern u dawk tas-saħħa fuq l-internet, Dawn inkludu n-netwerk tal-Uffiċċju tal-Kompetenza fil-Broadband, l-iskema ta' Taħriġ fl-Opportunità Diġitali, il-programm ISA2 għall-ambaxxaturi tal-Ġimgħa tal-Kodiċi tal-UE, "in-netwerk e-Health", l-Alleanza Ewropea tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-Osservatorju u l-Forum tal-UE dwar il-Blockchain.

L-allokkazzjoni totali taħt l-Assistenza ta' Qabel l-Adezzjoni fl-2018 għal azzjonijiet marbuta mal-konnettività fit-trasport, l-enerġija u s-settur diġitali kienet tilħaq EUR 450 miljun.

L-Inizjattiva Emblematika 6 – Appoġġ għar-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajba ta' viċinat tiffoka fuq it-tmexxija 'il quddiem ta' paċi sostenibbli u durabbli fir-reġjun, permezz ta' ħidma fuq tliet temi: l-ipproċessar tal-legat tal-passat, l-istabbiliment mill-ġdid ta' konnessjonijiet bejn in-nies minn komunitajiet differenti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-oqsma ta' interess reċiproku. Dawn il-kwistjonijiet ikunu sistematikament fuq l-aġenda fil-laqgħat tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Balkani tal-Punent, kif ukoll f'sensiela ta' laqgħat ta' livell għoli dwar kwistjonijiet bilaterali mmedija mill-Presidenza Awstrijaka fl-2018.

Il-Kummissjoni tibqa' ssostni l-Mekkaniżmu Reżidwali Internazzjonali għat-Tribunali Kriminali, u l-Kmamar Speċjalizzati tal-Kosovo. Flimkien mal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Persuni Neqsin, u l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, il-Kummissjoni qiegħda tappoġġja l-isforzi biex jiġu solvuti l-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-familji tagħhom. Il-Kummissjoni saħħet ukoll l-appoġġ tagħha għall-istabbiliment ta' kummissjoni rejonali għall-verità.

L-UE tipprovi assistenza finanzjarja lill-Uffiċċju Reġjonali ta' Kooperazzjoni dwar iż-Żgħażaġħ (RYCO), bħala veikolu importanti biex tiżdied il-mobbiltà u l-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġh. Il-Laboratorju taż-Żgħażaġħ tal-Balkani tal-Punent tnieda biex iż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika. Qiegħed jiżdied l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-industriji kulturali u kreattivi taħt il-Programm Ewropa Kreattiva.

Apparti d-diversi azzjonijiet bejn haġna pajjiżi li jsostnu l-kooperazzjoni reġjonali, il-Programm ta' Kooperazzjoni Transfruntiera (CBC) qiegħed jippermetti li jkun hemm proġetti

tal-komunità konġunti konkreti dwar kwistjonijiet bħal ma huma l-ġestjoni tar-riżorsi naturali, it-turiżmu u l-kultura. Is-sostenn kumplessiv mill-UE lil riformi istituzzjonali u soċjoekonomiċi jikkontribwixxi biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini u tal-komunitajiet u b'hekk jisseddaq ambjent li jwassal għar-rikkonċiljazzjoni.

L-allokkazzjoni totali IPA fl-2018 f'sostenn għar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u għar-rikkonċiljazzjoni kienet qrib EUR 80 miljun.

Il-Kummissjoni se tkompli tibni fuq il-kisbiet imsemmija hawn fuq fis-sitt inizjattivi emblematiċi fis-snin li ġejjin sabiex ikunu jistgħu jiġu ssodisfati għal kollox l-impenji li saru fl-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent. Se nkomplu nżommu lis-sħab u lill-Istati Membri involuti u infurmati permezz ta' djalogu politiku, analiżi tas-sitwazzjoni regolari u laqgħat apposta f'livell ta' ħidma. Se jkun kruċjali li jkun hemm impenn reġjonali kontinwu u kostruttiv tas-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-kisba tal-oġġettivi ambizzjużi tal-Istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni tagħha.

ANNEX 4 – Statistika ewlenija

DATA STATISTIKA (fid-29.04/2019)

Demografija	Nota	Il-Montenegro		Il-Maċedonja ta' Fuq		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnja- Herżegovina		Il-Kosovo *		EU-28	
		2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Popolazzjoni totali (eluf)		622.2	622.4	2071.3	2 073.7	2 875.6	2 876.6	7 076.4	7 040.3	78 741	79 815	3 516.0	3 509.7	1 771.6	1 785.5	510 182 p	511 373 bp
Sehem ta' dawk fl-etajiet 15-64 fil-popolazzjoni (%)		67.6	67.4		70.2	68.7	68.7	66.6	66.3	67.8	68	:	:	65.6p	66.8	65.3	65.0b
Rata grosa ta' tibdil fil-popolazzjoni naturali (kull 1 000 abitant)		1.8	1.5	1.2	0.7	3.6	3.0	-5.1	-5.5	11.2	10.8	-1.8p	-2.0	8.4p	8.2	0.0p	-0.4bp
Stennija tal-ħajja fit-twelid, irġiel (snin)		74.1	73.9	73.4	74.1	77.1	77.1	73.2	73.1	75.4	75.7	:	:	75.9p	:	78.2	78.3b
Stennija tal-ħajja fit-twelid, nisa (snin)		78.9	79.2	77.5	77.9	80.1	80.1	78.3	78.1	81	81.3	:	:	81.6p	:	83.6	83.5b

Suq tax-xogħol	Nota	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Rata ta' attività ekonomika għal persuni fl-età bejn 20-64: proporzjon tal-popolazzjoni bejn 20-64 li hija attiva fl-ekonomija (%)	1)	69.1	69.3	69.6	70.3	73.3e	73.9	70.0	71.2	60.9	61.9	58.8	58.4	44.0	49.0	77.6	78.0
Rata ta' attività ekonomika għall-irġiel fl-età bejn 20-64: proporzjon tal-popolazzjoni maskili bejn 20-64 li hija attiva fl-ekonomija (%)	1)	76.7	77.0	83.8	84.4	82.5e	84.3	78.0	78.8	83.3	83.7	72.0	71.3	66.8	75.1	83.7	84.1
Rata ta' attività ekonomika għan-nisa fl-età bejn 20-64: proporzjon tal-popolazzjoni femminili bejn 20-64 li hija attiva fl-ekonomija (%)	1)	61.6	61.7	54.9	55.7	64.2e	63.5	62.0	63.6	38.5	40.0	45.3	45.6	20.9	22.6	71.4	72.0
Rati ta' impjegi, etajiet bejn 20-64 (% tal-popolazzjoni)																	
Total		57.1	58.2	53.3	54.8	62.1e	63.9	59.1	61.5	54.3	55.3	44.2	46.6	32.3	34.4	71.1	72.2
Irġiel		63.0	65.2	63.7	65.6	69.4e	72.1	66.3	68.5	75.5	76.1	56.4	58.1	49.9	54.0	76.9	78.0
Nisa		51.3	51.4	42.5	43.7	55e	55.6	51.9	54.5	33.2	34.4	32.0	35.1	14.6	14.6	65.3	66.5

Suq tax-xogħol, kont.	Nota	Il-Montenegro		Il-Maċedonja ta' Fuq		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnja- Herżegovina		Il-Kosovo *		EU-28	
		2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Persuni bejn 15-24 mhux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, % tal-popolazzjoni f'dak il-grupp ta' età		18.4	16.7	24.3	24.9	26.9e	25.9	17.7	17.2	24.0	24.2	26.4	24.3	30.1	27.4	11.6	10.9
Persuni bejn 15-29 mhux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, % tal-popolazzjoni f'dak il-grupp ta' età		22.3	21.4	31.3	31.1	30e	29.7	22.3	21.7	27.8	27.5	31.4	28.8	37.3	35.0	14.2	13.4
Impjieg skont is-setturi ewlenin																	
Biedja, forestrija u sajd (%)		7.7	7.9	16.6	16.2	40.2e	38.2e	18.6	17.2	19.5	19.4	18.0	18.9	4.2	4.4	4.3	4.2
Industrija (%)		9.8	9.5	23.1	22.5	12.8e	12.5e	20.2	21.2	19.5	19.1	22.7	22.2	18.0	17.4	17.3	17.3
Kostruzzjoni (%)		7.7	7.6	7.2	7.2	6.5e	6.9e	4.3	4.1	7.3	7.4	8.6	7.3	11.5	12.9	6.7	6.8
Servizzi (%)		74.8	75.0	53.1	54.1	40.5e	42.4e	57.0	57.5	53.7	54.1	50.8	51.6	66.3	65.3	71.7	71.7
Persuni impjegati fis-settur pubbliku bħala sehem mill-impjieg totali, persuni bejn 20-64 (%)	2)	31.2	32.6	:	:	15.6e	16.4e	28.3	27.8	13.8	13.3	17.8	18.4	30.8	28.4	:	:
Persuni impjegati fis-settur privat bħala sehem mill-impjieg totali, persuni bejn 20-64 (%)	2)	47.0	45.5	:	:	84.4e	83.6e	71.7	72.2	86.2	86.7	82.2	81.6	69.2	71.6	:	:
Rati tal-qgħad (% tal-forza laborattiva)																	
Total	1)	17.8	16.1	23.7	22.4	15.2e	13.7e	15.4	13.6	10.9	10.9	25.5	20.7	27.5	30.3	8.6	7.6
Irġiel	1)	18.3	15.4	24.4	22.7	15.9e	14.6e	14.8	13.0	9.6	9.4	22.6	19.0	26.2	28.5	8.4	7.4
Nisa	1)	17.1	16.9	22.7	21.8	14.4e	12.6e	16.2	14.4	13.6	13.9	30.2	23.3	31.7	36.4	8.8	7.9
Zgħażaġġ, bejn 15-24	1)	35.9	31.7	48.2	46.7	36.5e	31.9e	34.9	31.9	19.5	20.5	54.3	45.8	52.4	52.7	18.7	16.8
Għat-tul (>12-il xahar)	1)	13.4	12.4	19.2	17.4	10.1e	8.9e	10.0	8.2	2.2	2.4	21.7	17.0	18.0	21.7	4.0	3.4
Pagi u salarji medji nominali fix-xahar (EUR)	3)	499	510	363	372	397	446	516	544	607	555	429	435	:	:	:	:

Edukazzjoni	Nota	Il-Montenegro		Il-Maċedonja ta' Fuq		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnja- Herzegovina		Il-Kosovo *		EU-28	
		2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni: perċentwali tal-popolazzjoni bejn 18-24 li għandhom mill-anqas edukazzjoni sekondarja ta' livell aktar baxx u ma humiex fl-edukazzjoni jew taħriġ oġhla (%)		5.5	5.4	9.9	8.5	19.6e	19.6	7.0	6.2	34.3	32.5	4.9	5.1	12.7	12.2	10.7	10.6
Nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni bħala proporzjon ta' PDG (%)		:	:	:	:	3.1p	3.1p	3.6	3.7	4.7	4.2	:	:	4.6	4.4	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 li għandhom mill-anqas edukazzjoni sekondarja ta' livell aktar baxx, total		6.8	4.9	12.0	9.3	:	:	7.8	6.8	43.9	42.8	5.8u	6.1u	14.6	13.8	16.8	16.6
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 li għandhom mill-anqas edukazzjoni sekondarja ta' livell aktar baxx, irġiel		5.8	4.9	10.9	8.8	:	:	8.6	7.3	44.2	42.9	5.5u	6.1u	12.5	12.8	19.1	19.1
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 li għandhom mill-anqas edukazzjoni sekondarja ta' livell aktar baxx, nisa		7.9	4.9	13.1	9.8	:	:	7.0	6.3	43.7	42.7	6.3u	6.2u	17.0	14.9	14.4	14.1
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 b'edukazzjoni mhux terzjarja ta' livell sekondarju għoli jew postsekondarju, total		82.2	86.9	77.2	80.3	:	:	84.9	85.0	35.7	36.1	86.6	86.9	70.5	70.8	65.3	65.1
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 b'edukazzjoni mhux terzjarja ta' livell sekondarju għoli jew postsekondarju, irġiel		86.9	90.6	82.5	83.7	:	:	86.3	86.3	38.3	39.4	89.0	89.4	74.5	74.2	66.1	65.8
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 b'edukazzjoni mhux terzjarja ta' livell sekondarju għoli jew postsekondarju, nisa		77.2	82.9	71.8	76.7	:	:	83.3	83.5	33.3	32.9	83.7	84.0	66.0	66.9	64.4	64.4
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 30-34 li għandhom edukazzjoni terzjarja, total		33.9	34.0	29.1	30.5	20.9e	23.5e	29.9	31.4	26.5	27.3	23.1	23.8	19.1	21.8	39.0	39.8

Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 30-34 li għandhom edukazzjoni terziarja, irġiel		31.8	30.0	24.5	24.6	18.0e	21.1e	24.7	25.4	28.3	28.6	16.6u	19.4	18.9	22.4	34.3	34.8
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 30-34 li għandhom edukazzjoni terziarja, nisa		35.9	37.7	33.8	36.8	23.9e	26.0e	35.3	37.6	24.6	26.0	29.4	28.4	19.4	21.2	43.8	44.8

Kontijiet nazzjonali	Nota	Il-Montenegro		Il-Maċedonja ta' Fuq		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnja- Herżegovina		Il-Kosovo *		EU-28	
		2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Prodott domestiku gross																	
Fi prezzijiet kurrenti (biljuni ta' EUR)		4.0	4.3	9.7p	10.0p	10.7	11.6p	36.7	39.2	780.2	753.9	15.3	:	6.1	6.4	14 958.3	15 382.6
Kull ras (EUR)		6 400	6 900	4 700e	4 800p	3 700	4 000p	5 200	5 600	9 800	9 400	4 400	4 700	3 400	3 600	29 300	30 000
Fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) kull ras		13 000	13 700	10 800e	10 800p	8 600	9 100p	11 400	11 600	19 200	19 900	9 000	9 500	:	:	29 300	30 000
Fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) kull ras, relattiv mal-medja tal-UE (UE-28 = 100)		44	46	37e	36p	30	30p	39	39	65	66	31	32	:	:	-	-
Rata ta' tibdil reali (volum), imqabbla mas-sena ta' qabel (%)		2.9	4.7	2.8	0.2p	3.3	3.8p	3.3	2.0	3.2	7.4	3.1	:	4.1	4.2	2.0	2.4
Valur miżjud gross skont is-setturi ewlenin																	
Biedja, forestrija u sajd (%)		9.0	8.4	10.6	9.1p	22.6	21.8p	8.2	7.3	7.0	6.9	7.5	:	13.0	11.4	1.6	1.7
Industrija (%)		12.2	11.2	19.7	20.6p	14.0	12.8p	26.3	26.5	22.3	23.2	22.6	:	21.5	21.8	19.5	19.7
Kostruzzjoni (%)		6.7	8.2	8.0	7.2p	10.2	10.5p	4.7	5.0	9.7	9.7	4.6	:	8.1	9.9	5.3	5.4
Servizzi (%)		72.1	72.2	61.7	63.1p	53.2	54.9p	60.8	61.2	61.0	60.2	65.3	:	57.4	56.9	73.6	73.2

Bilanċ tal-pagamenti																	
Investiment dirett barrani nett (FDI) ('il ġewwa - 'il barra) (miljuni ta' euro)		371.6	484.3	316.9	180.0	936.5	993.8	1 899.2	2 418.1	9 211.3	7 277.2	256.8	330.1	177.2	212.0	30 664.7	- 72 791.5
Investiment dirett barrani nett (FDI) ('il ġewwa - 'il barra) (% tal-PDG)		9.4	11.3	3.3	1.8p	8.7p	8.6	5.2	6.2	1.2	1.0	1.7	:	2.9	3.3	0.2	-0.5
Investiment dirett barrani nett (FDI) ('il ġewwa - 'il barra) imqabbel mal-EU-28 (miljuni ta' euro)		-25.6	174.1	199.1	100.2	274.7	:	1 304.4	1 756.7	3 166.7	1 786.0	214.9	217.0	15.6	107.3	-	-
Investiment dirett barrani nett (FDI) ('il ġewwa - 'il barra) imqabbel mal-EU-28 (% tal-PDG)		-0.6	4.0	2.1	1.0p	2.6	:	3.6	4.5	0.4	0.2	1.4	:	0.3	1.7	-	-
Rimessi bħala % tal-PDG		4.8	4.7	2.0	1.9p	5.7p	5.5	7.3	7.6	0.1	0.0	8.2	:	11.4	11.8	0.1	0.1

Kummerċ estern fil-prodotti	Nota	Il-Montenegro		Il-Maċedonja ta' Fuq		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnja- Herżegovina		Il-Kosovo *		EU-28	
		2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Sehem ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi tal-UE-28 b'ħala valur tal-esportazzjoni totali (%)		37.4	34.8	80.0	81.1	77.9	77.2	67.6	67.6	47.9	47.0	71.3	71.2	22.6	24.9	-	-
Sehem ta' importazzjonijiet minn pajjiżi tal-UE-28 b'ħala valur tal-importazzjoni totali (%)		48.2	47.4	61.9	62.9	63.1	61.7	58.7	58.9	39.0	36.4	61.9	60.9	43.1	43.1	-	-
Bilanċ tal-kummerċ (biljuni ta' EUR)		-1 736	-1 932	-1 786	-1 818	-2 399	-2 622	-2 483	-3 194	-50 676	-67 771	-3 448	-3 646	-2 480	-2 669	37 238	21 099
Kummerċ internazzjonali fi prodotti u servizzi, relattiv mal-PDG																	
Importazzjonijiet (% tal-PDG)		63.1	64.5	65.5	69.2p	45.8	46.6p	53.4	57.1	24.9	29.3	52.3	:	50.9	52.5	40.4	42.0
Esportazzjonijiet (% tal-PDG)		40.6	41.1	50.7	55.4p	29.0	31.6p	48.6	50.5	22.0	24.8	35.4	:	23.7	26.7	43.9	45.7

Finanzi pubbliċi	Nota	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
** Surplus tal-amministrazzjoni pubblika (+) / deficiet (-) (% tal-PDG)		-2.8	-5.6	-2.7	-2.7	-1.8	-2.0	-1.2	1.1	-1.1	-2.8	1.2	2.6	:	:	-1.7	-1.0
** Dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)		64.4	64.2	39.9	39.5	68.6	66.8	68.8	58.7	28.3	28.3	40.5	36.1	14.6e	16.6e	83.4	81.7

Indikaturi finanzjarji	Nota	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Bidla annwali fil-prezzijiet tal-konsumatur (%)	4)	0.1	2.8	0.2	2.1	1.5	3.3	1.3	3.3	7.7	11.1	-1.1	1.2	0.3	1.5	0.2	1.7
**Dejn privat, konsolidat, relattiv mal-PDG (%)	5)	:	:	:	:	:	:	:	:	84.8	85.1	84.5	83.3	:	:	141.9	140.3
Dejn barrani totali, relattiv mal-PDG (%)		:	:	74.7	73.6p	73.4p	68.7	72.1	65.3	47.4	53.4	:	:	33.2	32.6	:	:
Dejn totali f'munita barranija, relattiva mal-PDG (%)	6)	:	:	:	:	73.5	68.7	:	:	:	:	:	:	:	:	:	:
Rata tal-imgħax għas-self (sena waħda), kull sena (%)	7)	7.45	6.81	4.25	3.75	5.89	5.98	5.50	5.00	15.79	18.12	4.97	3.88	7.47	6.83	:	:
Rata tal-imgħax għad-depożiti (sena waħda), kull sena (%)	8)	0.93	0.69	0.25	0.25	0.80	0.75	2.50	2.00	10.33	13.53	0.09	0.06	1.01	1.04	:	:
Valur tal-assi ta' riżerva (inkluż id-deheb) (miljuni ta' euro)		803.0	897.7	2 613.4	2 336.3	2 945.0	2 995.9	10 204.6	9 961.6	95 863.2	95 361.6	4 873.2	5 397.5	605.1	683.4	:	:
Riżervi internazzjonali - ekwivalenza f'xhur ta'		3.9	3.9	4.9	4.0	7.2	6.7	6.2	5.4	6.0	5.2	7.3	7.2	2.3	2.4	:	:

Negozju	Nota	Il-Montenegro		Il-Maċedonja ta' Fuq		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnja- Herzegovina		Il-Kosovo *		EU-28	
		2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Indiċi tal-produzzjoni industrijali (2010 = 100)		84.4s	81.8s	122.0	122.2	143.8	142.9	111.7	115.8	126.3	134.3	112.0	115.5	:	:	105.6	109.1s
Infrastruttura	Nota	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Densità tal-linji tal-ferrovija (linji operattivi kull elf km²)	9)	18.4	18.4	27.4	27.4	12.2	12.2	48.6	48.5	13.2	13.3	20.0	20.0	30.9	30.9	:	:
Tul ta' toroq prinċipali (kilometri)		0	0	259	259	:	:	741	963	2542	2657	163	172	98	108	:	:
Enerġija	Nota	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017	2016	2017
Importazzjoni netta tal-enerġija f'relazzjoni mal-PDG		3.4	4.9	5.2	5.9	1.3	2.5	3.4	4.3	1.0	1.5	4.3	:	4.1	5.4	1.3	1.5

: = mhux disponibbli
b = interruzzjoni fis-sensjela
e = stima tal-valur
p = provviżorju
s = stima/kalkollu tal-Eurostat
u = affidabbiltà baxxa
- = mhux applikabbli

* = Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo
** = Id-dejta dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir huma ppubblikati fuq il-bażi ta' "as is" u mingħajr l-ebda garanzija dwar il-kwalità tagħhom u l-konformità mar-regoli tal-ESA.

Noti ta' qiegħ il-paġna:

- 1) It-Turkija: qgħad ibbażat fuq il-kriterju ta' erba' ġimgħat + bl-użu biss ta' metodi attivi ta' tiftix ta' impjeg.
- 2) Bożnja-Ħerżegovina is-settur pubblika jinkludi Sezzjonijiet NACE Rev. 2 O, P u Q filwaqt li s-settur privat jinkludi Sezzjonijiet NACE oħra. Il-Montenegro: jeskludi NGOs; id-*data* tirreferi għall-għadd ta' impjegati (fis-settur privat u dak pubbliku) bħala sehem mill-għadd totali ta' persuni impjegati.
- 3) L-Albanija: settur pubbliku. Il-Bożnja-Ħerżegovina: qligħ nett. Is-Serbja: pagi u salarji mħallsa lill-impjegati ta' entitajiet ġuridiċi u ta' impriżi mhux inkorporati.
- 4) Indiċi armonizzati ta' prezzijiet għall-konsumatur ħliet għall-Bożnja-Ħerżegovina.
- 5) Il-Bożnja-Ħerżegovina: *data* għall-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.
- 6) L-Albanija: dejn estern (inkluż FDI).
- 7) L-Albanija: rata ponderata medja applikata għal self ġdid ta' 12-il xahar tul ix-xahar rispettiv, fuq maturità ta' 12-il xahar. Il-Montenegro: rata tal-imgħax ponderata medja effettiva, ammonti pendenti, annwali. Il-Maċedonja ta' Fuq: tmiem is-sena (il-31 ta' Diċembru). Il-Bożnja-Ħerżegovina: rati tas-self fuq perjodu qasir f'munita nazzjonali lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji (medja ponderata).
- 8) L-Albanija: ir-rata ta' imgħax għad-depożiti tirrappreżenta r-rata medja ponderata għal depożiti aċċettati ġodda fuq ix-xahar rispettiv, b'maturità ta' 12-il xahar. Il-Montenegro: rata tal-imgħax ponderata medja effettiva, ammonti pendenti, annwali. Il-Maċedonja ta' Fuq: tmiem is-sena (il-31 ta' Diċembru). It-Turkija: faċilità ta' depożitu mal-lejl. Il-Bożnja-Ħerżegovina rati ta' depożiti ta' domanda f'munita nazzjonali tal-unitajiet domestiċi (medja ponderata)
- 9) Is-Serbja: abbażi tal-erja totali pjuttost milli l-erja tal-art.